Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/2183(INI)

17.12.2025

EMENDI
1 - 308

Abbozz ta' rapport
Nela Riehl
(PE779.558v01-00)

Is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: prijoritajiet soċjali u rigward l-impjiegi – rapport annwali 2026
(2025/2183(INI))

Emenda 1
Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikolu 153 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Or. fr

Emenda 2
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97[1a], u b'mod partikolari l-Artikoli 3, 4, 13 u 27 tiegħu,
	[1a] ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj.

Or. en

Emenda 3
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1499 tas-7 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika tagħhom, it-trattament ugwali fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, it-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali u fl-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista tagħhom, u li temenda d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE[2a],

---

[2a] ĠU L, 2024/1499, 29.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1499/oj.

Or. en

Emenda 4
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tal-UE u l-indikaturi ewlenin u sekondarji tagħha,

Or. en

Emenda 5
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "Unjoni tal-Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni" (COM(2020)620 final),

Or. en

Emenda 6
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030" (COM(2021)101 final),

Or. en

Emenda 7
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" (COM(2021)0102) u l-miri ewlenin proposti tagħha għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar,

Or. en

Emenda 8
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal,

Or. en

Emenda 9
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3f (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2025 bit-titolu "Pjan Direzzjonali għall-Impjiegi ta' Kwalità" (COM(2025)944 final),

Or. en

Emenda 10
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3g (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro

(COM(2025)957 final),

Or. en

Emenda 11
Nela Riehl
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ***tal-XXX 2026*** għal rapport konġunt dwar l-impjiegi mill-Kummissjoni u l-Kunsill,	– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ***tal-25 ta' Novembru 2025*** għal rapport konġunt dwar l-impjiegi mill-Kummissjoni u l-Kunsill,

Or. en

Emenda 12
Nela Riehl
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ***tal-XXX 2026*** għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro,	– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ***tal-25 ta' Novembru 2025*** għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro,

Or. en

Emenda 13
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Bagit tal-UE dinamiku għall-prijoritajiet tal-futur – Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034" u r-rettifika tagħha,

Or. en

Emenda 14
Nela Riehl
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni ***tal-XXX 2026*** bit-titolu "Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2025",	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni ***tal-25 ta' Novembru 2025*** bit-titolu "Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2025",

Or. en

Emenda 15
Nela Riehl
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ***tal-15*** ta' Novembru ***2026*** bittitolu "L-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji għall-2025: Valutazzjoni ġenerali",	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ***tal-25*** ta' Novembru ***2025*** bit-titolu "L-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji għall-2025: Valutazzjoni ġenerali",

Or. en

Emenda 16
Nela Riehl
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2025 għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea,

Or. en

Emenda 17
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pjan Direzzjonali dwar il-Ħiliet, kif żviluppat fl-ambitu tal-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa (2020–2025) u msaħħaħ aktar mill-Unjoni tal-Ħiliet (2025),

Or. en

Emenda 18
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Employment and Social Developments in Europe 2025" (L-iżviluppi soċjali u tal-impjiegi fl-Ewropa 2025), ippubblikat

f'Settembru 2025,

Or. en

Emenda 19
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u b'mod partikolari r-rekwiżit li l-objettivi intermedji u l-miri kollha għandhom jintlaħqu sa Diċembru 2026,

Or. en

Emenda 20
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Labour Market and Wage Development in Europe 2025" (L-iżvilupp tas-Suq tax-Xogħol u tal-Pagi fl-Ewropa 2025), ippubblikat f'Ottubru 2025,

Or. en

Emenda 21
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-2024,

Or. en

Emenda 22
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-kontributi tas-Sħab Soċjali Ewropew għas-Semestru Ewropew 2026 u b'mod partikolari l-Pakkett tal-Ħarifa[1a],
	[1a] https://commission.europa.eu/publications/sustainable-economy-and-social-progress-etuc-inputs-2026-european-semester_en

Or. en

Emenda 23
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), ipproklamat mill-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni f'Novembru 2017, u l-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanjah adottat fl-

2021,

Or. en

Emenda 24
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97,

Or. en

Emenda 25
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea,

Or. en

Emenda 26
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Settembru 2022 dwar l-istrateġija Ewropea għall-kura (COM(2022)440 final),

Or. en

Emenda 27
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13f (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja,

Or. en

Emenda 28
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -A (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-A. wara li kkunsidra r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Politika ta' Koeżjoni, b'mod speċifiku l-emendi għar-Regolamenti 2021/1057 (FSE+) u 2021/1058 (FEŻR) kif ukoll ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni,

Or. en

Emenda 29
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-Aa. wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali datat Diċembru 2021 u r-rieżami ta' nofs it-terminu attwali tiegħu,

Or. en

Emenda 30
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi ***f'Ġunju*** 2025, ir-rata tal-qgħad fl-UE kienet ta' ***5,9 %***,filwaqt li l-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu għoli fil-livell ta' ***14,7 %***; billi livelli ogħla ta' impjiegi ***ma jilħqux kompletament il-kwalità*** tal-impjiegi, iż-żidiet fil-pagi u ż-żidiet fil-produttività;	A. ***billi l-mira tal-UE għall-impjiegi li mill-anqas 78 % tal-persuni ta' bejn l-20 u l-64 sena jkollhom impjieg sal-2030 qiegħda fit-triq it-tajba biex tintlaħaq; billi aktar minn żewġ terzi tal-Istati Membri komplew jagħmlu progress lejn din il-mira fl-2024, filwaqt li sebgħa diġà laħqu jew qabżu l-mira nazzjonali tagħhom;*** billi ***f'Ottubru*** 2025, ir-rata tal-qgħad fl-UE kienet ta' ***6,0 %***,filwaqt li l-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu għoli fil-livell ta' ***13,2 %***; ***billi l-livelli tal-qgħad għadhom ukoll għolja b'mod persistenti għal ċerti gruppi bħar-Rom u l-persuni b'diżabbiltà, li jiffaċċjaw ostakli strutturali inklużi d-diskriminazzjoni, aċċess limitat għal edukazzjoni ta' kwalità, u segregazzjoni;*** billi livelli ogħla ta' impjiegi ***għandhom jimxu id f'id mal-kwalità*** tal-impjiegi, iż-żidiet fil-pagi u ż-

	żidiet fil-produttività; ***billi, b'mod partikolari, fl-2024 kważi ħaddiem wieħed minn kull tnax fl-Unjoni kien għadu f'riskju ta' faqar;***

Or. en

Emenda 31
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi ***f'Ġunju*** 2025, ir-rata tal-qgħad fl-UE kienet ta' ***5,9 %***,filwaqt li l-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu għoli fil-livell ta' ***14,7 %***; billi livelli ogħla ta' impjiegi ma jilħqux kompletament il-kwalità tal-impjiegi, iż-żidiet fil-pagi u ż-żidiet fil-produttività;	A. billi ***f'Settembru*** 2025, ir-rata tal-qgħad fl-UE kienet ta' ***6 %***, filwaqt li l-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu għoli fil-livell ta' ***14,8 %***; billi livelli ogħla ta' impjiegi ***fl-UE*** ma jilħqux kompletament il-kwalità tal-impjiegi, ***is-salarji deċenti,*** iż-żidiet fil-pagi u ż-żidiet fil-produttività; ***billi l-qgħad u l-kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji jaffettwaw b'mod partikolari liż-żgħażagħ, lin-nisa, lill-ħaddiema akbar l-età, lil dawk bi kwalifiki baxxi, baxxi u medji, lill-migranti u lill-persuni b'diżabbiltà b'mod ġenerali; billi ħafna ħaddiema għadhom qed jiffaċċjaw paga baxxa, kuntratti temporanji u prekarji involontarji, aċċess insuffiċjenti għal sistemi ta' protezzjoni soċjali adegwati u għadd żgħir wisq ta' opportunitajiet għal taħriġ ta' kwalità għolja; billi l-faqar fost min għandu xogħol għadu fil-livell ta' 8,2 %, li jimmina l-koeżjoni soċjali;***

Or. en

Emenda 32
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi f'Ġunju 2025, ir-rata tal-qgħad fl-UE kienet ta' 5,9 %, filwaqt li l-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu għoli fil-livell ta' 14,7 %; billi livelli ogħla ta' impjiegi ma jilħquxkompletament il-kwalità tal-impjiegi, iż-żidiet fil-pagi u ż-żidiet fil-produttività;	A. billi f'Ġunju 2025, ir-rata tal-qgħad fl-UE kienet ta' 5,9 %***, li kienet tvarja fl-Istati Membri minn 2,6 % sa massimu ta' 10,6 %***, filwaqt li l-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu għoli fil-livell ta' 14,7 %; billi livelli ogħla ta' impjiegi ma jilħquxkompletament il-kwalità tal-impjiegi, iż-żidiet fil-pagi u ż-żidiet fil-produttività;

Or. en

Emenda 33
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi f'Ġunju 2025, ir-rata tal-qgħad fl-UE kienet ta' 5,9 %, filwaqt li l-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu għoli fil-livell ta' 14,7 %; billi livelli ogħla ta' impjiegi ma jilħquxkompletament il-kwalità tal-impjiegi, iż-żidiet fil-pagi u ż-żidiet fil-produttività;	A. billi f'Ġunju 2025, ir-rata tal-qgħad fl-UE kienet ta' 5,9 % filwaqt li l-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu għoli fil-livell ta' 14,7 % ***u l-qgħad fost il-persuni b'diżabbiltà huwa fil-livell ta' 15,1 %***; billi livelli ogħla ta' impjiegi ma jilħquxkompletament il-kwalità tal-impjiegi, iż-żidiet fil-pagi u ż-żidiet fil-produttività;

Or. en

Emenda 34
Pál Szekeres, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi ***f'Ġunju*** 2025, ir-rata tal-qgħad fl-UE kienet ta' ***5,9 %***,filwaqt li l-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu għoli fil-livell ta'	A. billi ***f'Settembru*** 2025, ir-rata tal-qgħad fl-UE kienet ta' ***6,0 %***, filwaqt li l-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu għoli fil-

14,7 %; billi livelli ogħla ta' impjiegi ma jilħqux kompletament il-kwalità tal-impjiegi, iż-żidiet fil-pagi u ż-żidiet fil-produttività;	livell ta' ***14,8 %***; billi livelli ogħla ta' impjiegi ma jilħqux kompletament il-kwalità tal-impjiegi, iż-żidiet fil-pagi u ż-żidiet fil-produttività;

Or. en

Emenda 35
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-inflazzjoni għolja reċenti fl-UE dgħajfet il-kapaċità tal-akkwist ta' ħafna unitajiet domestiċi u ħaddiema, u żiedet ir-riskju tal-faqar fost min għandu xogħol u l-prekarjetà; billi l-analiżijiet reċenti mill-BĊE u l-FMI jindikaw li ż-żieda fil-marġnijiet tal-profitt korporattiv u l-marġnijiet kummerċjali kkontribew b'mod sinifikanti għall-inflazzjoni f'dawn l-aħħar snin, filwaqt li ma hemm l-ebda evidenza ta' spiral ta' pagi u prezzijiet; billi dan wassal għal bidla fil-valur miżjud mill-pagi għall-profitti fi żmien meta ħafna ħaddiema esperjenzaw tnaqqis reali fil-pagi;

Or. en

Emenda 36
Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi r-rata tal-qgħad fost l-immigranti fl-età tax-xogħol hija ogħla minn dik fost il-persuni nattivi; billi skont

l-Eurostat[1a], madwar 10 % tal-immigranti jinsabu qiegħda, u jekk jiġu kkunsidrati biss l-immigranti minn pajjiżi mhux tal-UE, ir-rata tal-qgħad togħla għal 12,3 % f'dan il-grupp tal-popolazzjoni; billi l-inkapaċità li jiġu kkontrollati l-flussi tal-migrazzjoni minn pajjiżi terzi, kif intwera fl-Unjoni Ewropea, tikkontribwixxi għal żieda fil-pressjoni fuq is-suq tax-xogħol;

[1 a] L-Eurostat, pubblikazzjoni tat-12 ta' Mejju 2025 - "Migrant integration statistics – labour market indicators" (Statistika dwar l-integrazzjoni tal-migranti – indikaturi tas-suq tax-xogħol)

Or. fr

Emenda 37
Pál Szekeres, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi fi tmien Stati Membri tal-UE r-rata tal-qgħad baqgħet taħt l-4,5 %, li hija aktar baxxa b'mod sinifikanti mill-medja tal-UE, u għalhekk l-Istati Membri b'rati tal-qgħad ogħla mill-medja tal-UE jeħtieġu analiżi fil-fond biex jiżviluppaw il-prattiki tajbin tal-pajjiżi fejn ir-rata tal-qgħad tibqa' aktar baxxa b'mod kontinwu mill-medja tal-UE;

Or. en

Emenda 38
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi, skont l-Eurostat, madwar 13 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni tgħix f'żoni muntanjużi u r-reġjuni insulari għandhom PDG per capita aktar baxx b'mod konsistenti, għoli tal-ħajja aktar qawwi u aċċess limitat għas-servizzi essenzjali;

Or. el

Emenda 39
Idoia Mendia, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi l-valur irid jitqiegħed fuq ir-redditu ekonomiku tal-investimenti soċjali li mhux biss itejbu l-istandards tal-għajxien u jnaqqsu l-faqar iżda huma wkoll xprunaturi ewlenin ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, produttività ogħla u żieda fir-rati tal-impjiegi;

Or. en

Emenda 40
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi l-iżvantaġġi ġeografiċi permanenti tar-reġjuni muntanjużi u insulari, kif rikonoxxuti fl-Artikolu 174 tat-TFUE, jillimitaw l-opportunitajiet ta' żvilupp tagħhom u l-kapaċità produttiva;

Or. el

Emenda 41
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac. billi s-Semestru Ewropew irid iqis dawn l-ispeċifiċitajiet strutturali meta jifformula rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, bl-għan li jikseb konverġenza 'l fuq u jiżgura opportunitajiet indaqs għar-reġjuni kollha tal-Unjoni;

Or. el

Emenda 42
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi s-Semestru Ewropew jibqa' strument ċentrali għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, fiskali, tal-impjiegi u soċjali madwar l-UE***, u b'hekk*** joffri opportunità biex il-ġustizzja soċjali, ambjentali u interġenerazzjonali ***tiġi inkorporata*** b'mod aktar sistematiku fil-governanza makroekonomika;	B. billi s-Semestru Ewropew ***jgħaqqad strumenti differenti f'qafas integrat u*** jibqa' strument ċentrali għall-koordinazzjoni ***u s-sorveljanza multilaterali*** tal-politika ekonomika, fiskali, tal-impjiegi u soċjali madwar l-UE ***u jrid isir għodda ewlenija għat-trawwim tal-konverġenza soċjali li titla', filwaqt li jiżgura li l-politiki ekonomiċi u fiskali mhux biss jixprunaw it-tkabbir iżda jikkontribwixxu wkoll għal UE soċjali u sostenibbli; billi skont ir-Regolament (UE) 2024/1263, il-Kummissjoni jeħtiġilha tivvaluta r-riskji għall-konverġenza soċjali li titla' u timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru***

Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) abbażi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u tal-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali; billi s-Semestru jrid għalhekk jiżgura li l-politiki ekonomiċi u fiskali jnaqqsu l-inugwaljanzi u jappoġġja tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta; billi dan joffri opportunità biex il-ġustizzja soċjali, ***is-sostenibbiltà*** ambjentali u ***l-ġustizzja*** interġenerazzjonali ***jiġu inkorporati*** b'mod aktar sistematiku fil-governanza makroekonomika ***billi l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jitqiegħed fil-qalba tagħha***;

Or. en

Emenda 43
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi s-Semestru Ewropew jibqa' strument ċentrali għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, fiskali, tal-impjiegi u soċjali madwar l-UE, u b'hekk joffri opportunità biex il-ġustizzja soċjali, ambjentali u interġenerazzjonali tiġi inkorporata b'mod aktar sistematiku fil-governanza makroekonomika;	B. billi s-Semestru Ewropew jibqa' strument ċentrali għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, fiskali, tal-impjiegi u soċjali madwar l-UE, u b'hekk joffri opportunità biex il-ġustizzja soċjali, ambjentali u interġenerazzjonali tiġi inkorporata b'mod aktar sistematiku fil-governanza makroekonomika; ***billi saru sforzi biex jiġi bbilanċjat aħjar il-monitoraġġ tal-objettivi ekonomiċi u soċjali fil-proċess tas-Semestru Ewropew bl-iżvilupp tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-integrazzjoni reċenti tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali;***

Or. en

Emenda 44
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi s-Semestru Ewropew jibqa' strument ċentrali għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, fiskali, tal-impjiegi u soċjali madwar l-UE, u ***b'hekk joffri opportunità biex il-ġustizzja*** soċjali, ambjentali u interġenerazzjonali ***tiġi inkorporata*** b'mod aktar sistematiku fil-governanza makroekonomika;	B. billi s-Semestru Ewropew jibqa' strument ċentrali għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, fiskali, tal-impjiegi u soċjali madwar l-UE, u ***għandu jkollu l-għan li jintegra l-ġustizzja soċjali***, ambjentali u interġenerazzjonali b'mod aktar sistematiku fil-governanza makroekonomika; ***billi l-istrateġiji għall-aġġustament fiskali li jiddependu primarjament mit-tnaqqis fl-infiq irriżultaw b'mod ripetut f'nuqqas ta' investiment fil-kapital uman, b'konsegwenzi negattivi għall-produttività, il-koeżjoni soċjali u t-tkabbir fit-tul;***

Or. en

Emenda 45
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi s-Semestru Ewropew ***jibqa' strument ċentrali għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, fiskali, tal-impjiegi u soċjali madwar l-UE, u b'hekk joffri opportunità biex il-ġustizzja*** soċjali***, ambjentali*** u interġenerazzjonali ***tiġi inkorporata b'mod aktar sistematiku fil-governanza makroekonomika***;	B. billi s-Semestru Ewropew ***għandu jippromwovi l-ġustizzja*** soċjali u interġenerazzjonali ***kif ukoll il-kompetittività ekonomika, filwaqt li jirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà u r-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri għall-politika soċjali, u jħeġġeġ implimentazzjoni nazzjonali kosteffiċjenti***;

Or. en

Emenda 46
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-EPSR irid ikun il-boxxla biex imexxi l-politiki soċjali u ekonomiċi tal-UE, filwaqt li jiżgura li l-Unjoni tassumi rwol ta' tmexxija biex tippromwovi l-progress soċjali u tiggwida l-politiki kollha fl-ambitu tas-Semestru Ewropew lejn livell massimu ta' impjiegi ta' kwalità, impjiegi ta' kwalità, sistemi ta' protezzjoni soċjali sodi u adegwati, opportunitajiet ugwali u aċċess għal servizzi pubbliċi ta' kwalità għal kulħadd;

Or. en

Emenda 47
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-koeżjoni soċjali u l-konverġenza soċjali li titla' huma objettivi ewlenin tal-Unjoni Ewropea u jridu għalhekk ikunu ċentrali għas-Semestru Ewropew; billi inugwaljanzi persistenti fl-introjtu, fl-iżvilupp reġjonali u fl-aċċess għal impjiegi ta' kwalità u fis-servizzi essenzjali jikkostitwixxu ostakli sinifikanti biex jintlaħqu dawn l-objettivi;

Or. en

Emenda 48
Pál Szekeres, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi d-data dwar il-qgħad turi li s-Semestru Ewropew ma weriex li huwa strument effettiv, u għalhekk ma għandux jiġi impost fuq l-Istati Membri;

Or. en

Emenda 49
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi l-indirizzar tal-isfidi identifikati fil-JER se jikkontribwixxi biex tinkiseb konverġenza soċjali li titla', jissaħħu l-mudell soċjali u l-istati soċjali Ewropej, jiġu appoġġjati tranżizzjonijiet ġusti u dawk ekoloġiċi u diġitali ġusti, jiġi indirizzat it-tibdil demografiku u jingħata kontribut għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

Or. en

Emenda 50
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bc. billi l-Pakkett tal-Ħarifa tal-2026 ġie ppreżentat mingħajr Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli li jippreżenta strateġija olistika u bbilanċjata għall-qasam ekonomiku, dak soċjali u tal-

impjiegi tal-Unjoni, u l-qasam ambjentali u jistabbilixxi s-Semestru Ewropew f'viżjoni wiesgħa ta' tkabbir sostenibbli għall-Unjoni; billi, minflok, il-pakkett huwa ggwidat primarjament mill-"Boxxla għall-Kompetittività", u jagħmel enfasi fuq l-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u t-tnaqqis tad-dipendenzi; billi, għalkemm dawn huma għanijiet validi, din il-bidla tirriskja li tillimita l-ambitu tas-Semestru u timmarġinalizza d-dimensjoni soċjali; billi l-Unjoni jeħtiġilha tibqa' impenjata lejn il-kompetittività, is-sostenibbiltà u l-ġustizzja soċjali, mingħajr ma tippermetti li jiġi segwit objettiv wieħed għad-detriment tal-oħrajn;

Or. en

Emenda 51
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bd. billi r-riformi strutturali u l-investimenti fl-ambitu tas-Semestru Ewropew iridu jagħtu prijorità lill-progress soċjali, u jiżguraw aċċess għal kulħadd għal protezzjoni soċjali adegwata, akkomodazzjoni affordabbli u deċenti u servizzi essenzjali, bħal saħħa, edukazzjoni, kura fit-tul u indukrar tat-tfal ta' kwalità għolja u aċċessibbli, b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli;

Or. en

Emenda 52
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Be (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Be. billi skont l-Artikolu 3 tat-TUE, il-progress soċjali fl-UE huwa wieħed mill-għanijiet ta' ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, flimkien ma' livell massimu ta' impjieg, livell għoli ta' protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent; billi l-Artikolu 3 jiddikjara wkoll li l-UE għandha tiġġieled l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni u għandha tippromwovi l-ġustizzja s-soċjali u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal;

Or. en

Emenda 53
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi 21 % tal-popolazzjoni tal-UE kienet f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROPE) fl-2024; billi mhux qed isir biżżejjed progress lejn l-objettiv li jitnaqqas l-għadd ta' tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali b'5 miljun sal-2030;	C. billi***, skont il-Kummissjoni,*** 21 % tal-popolazzjoni tal-UE kienet f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROPE) fl-2024***, b'riskju ogħla għan-nisa aktar milli għall-irġiel***; ***billi dan ifisser li madwar persuna waħda minn kull ħamsa fl-UE baqgħu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-2024 u li ma hemm l-ebda sinjal ċar ta' konverġenza soċjali li titla' f'dan ir-rigward; billi r-riskji ta' faqar huma ferm ogħla għat-tfal, il-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, LGTBI, il-persuni bi kwalifiki baxxi, il-migranti u r-Rom, u jippersistu diskrepanzi sinifikanti fl-Istati Membri u bejniethom, inkluż bejn iż-żoni rurali u urbani;*** billi mhux qed isir

biżżejjed progress lejn l-objettiv li jitnaqqas l-għadd ta' tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali b'5 miljun sal-2030 ***u l-perċentwal ta' tfal AROPE ilu jiżdied kull sena mill-2019***; ***billi, skont ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2026, fl-2024 madwar 19,5 miljun tifel u tifla (24,2 %) kienu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-UE; billi l-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi per capita fl-UE żdied b'mod sostanzjali fl-2024; billi din id-diverġenza bejn iż-żieda fl-introjti medji u l-livelli ta' faqar persistenti tenfasizza l-problemi strutturali fid-distribuzzjoni tal-introjtu, is-swieq tax-xogħol u t-tfassil u l-kopertura tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali;***

Or. en

Emenda 54
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi 21 % tal-popolazzjoni tal-UE kienet f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROPE) fl-2024; billi mhux qed isir biżżejjed progress lejn l-objettiv li jitnaqqas l-għadd ta' tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali b'5 miljun sal-2030;	C. billi 21 % tal-popolazzjoni tal-UE kienet f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROPE) fl-2024; billi mhux qed isir biżżejjed progress lejn l-objettiv li jitnaqqas l-għadd ta' tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali b'5 miljun sal-2030***, u l-perċentwal ta' tfal AROPE ilu jiżdied kull sena mill-2019;[1a] billi r-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali huwa akbar għan-nisa, l-adulti żgħażagħ, il-persuni b'livell edukattiv baxx, il-persuni qiegħda u billi l-evidenza turi li madwar żewġ terzi tal-persuni qiegħda fl-Unjoni ma jirċevux benefiċċji tal-qgħad jew appoġġ ta' introjtu minimu, li juri lakuni persistenti fil-kopertura u l-adgewatezza tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali;[1b] billi l-faqar fost min għandu xogħol jibqa'***

mifrux, filwaqt li l-pagi mhumiex qed iżommu mal-pass tal-għoli tal-ħajja; billi fl-2042 8,2 % tal-ħaddiema tal-UE kienu f'riskju ta' faqar;[1c]

[1a] ***https://www.eurofound.europa.eu/mt/publications/all/working-children-matters-overview-service-delivery-and-workforce-europe***

[1b] ***Social protection 2.0: Unemployment and minimum income benefits (Il-protezzjoni soċjali 2.0: Il-qgħad u l-benefiċċji tal-introjtu minimu)***

[1c] ***https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/w/ddn-20251103-1?etrans=mt***

Or. en

Emenda 55
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi 21 % tal-popolazzjoni tal-UE kienet f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROPE) fl-2024; billi ***mhux qed isir biżżejjed progress lejn l-objettiv li jitnaqqas l-għadd ta' tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali b'5 miljun sal-2030***;	C. ***billi l-mira tal-UE għall-2030 li tnaqqas l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali b'mill-inqas 15-il miljun meta mqabbel mal-2019, inklużi mill-inqas 5 miljun tifel u tifla mhijiex miexja fit-triq it-tajba biex tintlaħaq; billi l-Istati Membri impenjaw ruħhom għal miri nazzjonali sabiex jilħqu dan l-għan ewlieni, u billi t-tendenza qed timxi fid-direzzjoni opposta f'aktar minnofs l-Istati Membri;*** billi 21 % tal-popolazzjoni tal-UE kienet ***għadha*** f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROPE) fl-2024; billi ***mingħajr bidla fl-approċċ biex jiġi indirizzat il-faqar fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, mhux se jkun possibbli***

li titreġġa' lura t-tendenza u jiġi żgurat li kull ċittadin ikollu opportunitajiet indaqs biex jipparteċipa fis-soċjetà; billi Strateġija ambizzjuża tal-UE kontra l-Faqar se tkun essenzjali biex tipprovdi risponsi għall-fenomenu multidimensjonali tal-faqar;

Or. en

Emenda 56
Nela Riehl
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi 21 % tal-popolazzjoni tal-UE kienet f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROPE) fl-2024; ***billi mhux qed isir biżżejjed progress lejn l-objettiv li jitnaqqas l-għadd ta' tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali b'5 miljun sal-2030***;	C. billi 21 % tal-popolazzjoni tal-UE kienet f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROPE) fl-2024; ***jirrimarka tnaqqis żgħir meta mqabbel mas-snin preċedenti iżda progress limitat lejn il-mira tal-livell tal-UE għall-2030; billi għat-tfal, il-popolazzjoni AROPE ilha tiżdied mill-2019, filwaqt li mxejna lil hinn mill-objettiv ta' tnaqqis ta' 5 miljuni; billi fl-2024 ħaddiem wieħed minn kull tnax fl-UE esperjenzaw faqar fost min għandu xogħol, u dan jenfasizza li l-qgħad ma jipprovdix per se protezzjoni shiha kontra l-faqar***;

Or. en

Emenda 57
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

C. billi 21 % tal-popolazzjoni tal-UE kienet f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROPE) fl-2024; billi mhux qed isir biżżejjed progress lejn l-objettiv li jitnaqqas l-għadd ta' tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali b'5 miljun sal-2030;	C. billi 21 % tal-popolazzjoni tal-UE kienet f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROPE) fl-2024***, u d-differenzi bejn il-pajjiżi individwali f'dan il-qasam huma kbar ħafna: il-perċentwali jvarjaw minn 1,8 % sa 17,2 %***; billi mhux qed isir biżżejjed progress lejn l-objettiv li jitnaqqas l-għadd ta' tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali b'5 miljun sal-2030;
	Or. en

Emenda 58
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi tifel wieħed minn kull erbgħa għadhom f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea, f'livell ogħla minn dak għall-popolazzjoni kollha kemm hi; billi mhux qed isir biżżejjed progress lejn l-objettiv li jitnaqqas l-għadd ta' tfal f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali b'5 miljuni sal-2030, peress li l-għadd ta' tfal f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali żdied b'446,000 mill-2019; billi l-politiki u s-servizz preventivi ta' appoġġ għat-tfal u l-familja, f'konformità mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, huma essenzjali biex jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi li jistgħu jwasslu għas-separazzjoni tal-familja u l-istituzzjonalizzazzjoni tat-tfal; billi r-riżorsi tal-UE u dawk nazzjonali użati bħalissa bl-ebda mod mhuma biżżejjed biex tiġi indirizzata l-isfida tal-faqar fost it-tfal u, għalhekk, strument ta' finanzjament iddedikat għall-Garanzija Ewropea għat-Tfal kif ukoll sinerġiji ma' fondi tal-UE u nazzjonali oħra huma ta' importanza assoluta kemm fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali kif ukoll

f'dak li jmiss;

Or. en

Emenda 59
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi kopertura u adegwatezza insuffiċjenti tal-iskemi ta' introjtu minimu, tal-benefiċċji tal-qgħad u tal-benefiċċji tal-familja u tat-tfal, kif ukoll ostakli biex jiġu aċċessati servizzi pubbliċi ta' kwalità bħas-saħħa, l-edukazzjoni, il-kura u l-akkomodazzjoni jikkontribwixxu għall-persistenza tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, b'mod partikolari fost l-aktar gruppi żvantaġġati;

Or. en

Emenda 60
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi s-Semestru Ewropew għandu jkollu l-għan li jmexxi l-politiki tal-Istati Membri lejn il-qerda tal-faqar b'saħansitra aktar miżuri mmirati, hekk kif il-Kummissjoni tħejji li tniedi l-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar;

Or. en

Emenda 61
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi hemm disparitajiet kbar fir-rati tal-imgħax fuq is-self tad-dar u tan-negozju fl-UE li jaffettwaw l-istandards tal-għajxien u l-attività ekonomika ġenerali;

Or. el

Emenda 62
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi l-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali, id-disparitajiet territorjali u l-aċċess limitat għal servizzi pubbliċi ta' kwalità żiedu r-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, li jaffettwaw b'mod partikolari lit-tfal, lill-unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed, lil-LGTBI, lill-migranti, lir-Rom, lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni li jgħixu f'żoni depopolati; billi dawn l-inugwaljanzi jimminaw il-koeżjoni soċjali u l-fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi;

Or. en

Emenda 63
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi, skont id-data l-aktar reċenti tal-Eurostat (Ewropa urbana–rurali – introjtu u kundizzjonijiet tal-għajxien, edizzjoni tal-2023/2024), l-introjtu nett ekwivalizzat medjan tal-persuni li jgħixu f'żoni rurali tal-Unjoni huwa biss 88,2 % tal-introjtu ekwivalenti rreġistrat għall-persuni li jgħixu f'żoni urbani, li juri li ż-żoni rurali konsistentement jinsabu lura f'termini ta' introjtu u żvilupp b'nuqqas ta' madwar 12 %;

Or. el

Emenda 64
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cc. billi, skont l-Eurostat, fl-2024, il-PDG per capita fl-Istati Membri tal-UE — espress skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) — varja minn rata baxxa ta' ~ 66 % tal-medja tal-UE sa rata għolja ta' ~ 241 %, u pajjiżi Ewropej ċentrali bħan-Netherlands irreġistraw rati ta' 135 % tal-medja tal-UE filwaqt li pajjiżi Ewropej tan-Nofsinhar bħall-Greċja rreġistraw rati ta' 70 % biss tal-medja tal-UE, li juri d-diskrepanzi sinifikanti bejn l-Istati Membri f'termini ta' kapaċità produttiva u l-opportunitajiet ta' żvilupp u jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-konverġenza 'l fuq fil-kuntest tas-Semestru Ewropew;

Or. el

Emenda 65

Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cc. billi l-introduzzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq il-post tax-xogħol issaħħaħ il-ħtieġa ta' taħriġ sabiex tinżamm l-impjegabbiltà tal-ħaddiema u jiġu sfruttati l-benefiċċji tal-produttività għall-kumpaniji; billi fir-riċerka tal-Eurofound intwerew il-vantaġġi ċari ta' djalogu soċjali fuq il-post tax-xogħol dwar l-użu tal-IA u t-taħriġ assoċjat għall-impjegati;

Or. en

Emenda 66
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cd. billi skont l-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol, il-ħaddiema għandhom aktar opportunitajiet biex jużaw u jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom, madankollu, l-inugwaljanzi fl-aċċess għat-taħriġ jibqgħu f'ċerti gruppi okkupazzjonali u tal-età;

Or. en

Emenda 67
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ce (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ce. billi r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) tal-2026 jenfasizza d-dritt għall-iskonnessjoni, b'mod partikolari fil-kuntest tat-telexogħol, filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tiegħu biex jiġi ssalvagwardjat il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata filwaqt li tiġi aċċellerata d-diġitalizzazzjoni u l-espansjoni kontinwa tal-arranġamenti ta' xogħol remot u ibridu;

Or. en

Emenda 68
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi t-tibdil fil-klima u l-qerda ambjentali ***iggravaw*** l-inugwaljanzi u affettwaw l-aktar gruppi vulnerabbli; billi t-tranżizzjoni lejn newtralità klimatika hija mistennija li toħloq madwar 2,5 miljun impjieg addizzjonali;	D. billi t-tibdil fil-klima u l-qerda ambjentali ***ggravaw*** l-inugwaljanzi u affettwaw l-aktar gruppi vulnerabbli; billi t-tranżizzjoni lejn newtralità klimatika hija mistennija li toħloq madwar 2,5 miljun impjieg addizzjonali; ***billi t-tranżizzjoni ekoloġika tirrikjedi li jinħolqu impjiegi ta' kwalità relatati mat-tibdil fil-klima, inkluż fil-produzzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli, fil-manifattura ta' soluzzjonijiet ta' mobbiltà sostenibbli u tul il-ktajjen tal-provvista tagħhom, li jistgħu joffru opportunitajiet ta' impjiegi stabbli, b'paga tajba u orjentati lejn il-futur; billi huma meħtieġa xbieki ta' sikurezza u mekkaniżmi ta' protezzjoni effettivi biex jappoġġjaw lill-ħaddiema affettwati mill-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, li jistgħu jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura u li t-tranżizzjoni tkun soċjalment ġusta;***

Or. en

Emenda 69
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi t-tibdil fil-klima u l-qerda ambjentali ***iggravaw*** l-inugwaljanzi u affettwaw ***l-aktar*** gruppi vulnerabbli; billi t-tranżizzjoni lejn newtralità klimatika ***hija mistennija li*** toħloq ***madwar*** 2,5 miljun impjiegaddizzjonali;	D. billi t-tibdil fil-klima u l-qerda ambjentali iggravaw l-inugwaljanzi u affettwaw ***l-agħar lill-aktar*** gruppi vulnerabbli; ***; billi sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom u ffinanzjati b'mod adegwat huma prerekwiżit biex tiġi żgurata tranżizzjoni ekwa u ġusta lejn in-newtralità klimatika u t-trasformazzjoni diġitali;*** billi t-tranżizzjoni lejn newtralità klimatika ***tista'*** toħloq ***bejn miljun u*** 2,5 miljun impjieg ***ta' kwalità*** addizzjonali***,jekk ikunu akkumpanjati minn politiki effettivi***; ***billi l-impatt soċjali tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika ma jistax jinkiseb mingħajr qafas xieraq ta' tranżizzjoni ġusta;***

Or. en

Emenda 70
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi t-tibdil fil-klima ***u l-qerda ambjentali iggravaw*** l-inugwaljanzi u affettwaw l-aktar gruppi vulnerabbli; billi t-tranżizzjoni lejn newtralità klimatika hija mistennija li toħloq ***madwar*** 2,5 miljun impjieg addizzjonali;	D. billi t-tibdil fil-klima ***ggrava*** l-inugwaljanzi u affettwaw l-aktar gruppi vulnerabbli; billi t-tranżizzjoni lejn newtralità klimatika hija mistennija li toħloq ***bejn miljun u*** 2,5 miljun impjieg addizzjonali ***sal-2030, jekk tkun appoġġjata mill-politiki xierqa tal-impjiegi u l-edukazzjoni***; ***billi għandu jiġi pprovdut appoġġ adegwat għall-ħaddiema u l-***

unitajiet domestiċi biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta;

Or. en

Emenda 71
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi t-tibdil fil-klima u l-qerda ambjentali ***iggravaw*** l-inugwaljanzi u affettwaw l-aktar gruppi vulnerabbli; ***billi t-tranżizzjoni lejn newtralità klimatika hija mistennija li toħloq madwar 2,5 miljun impjieg addizzjonali;***	D. billi t-tibdil fil-klima u l-qerda ambjentali ***ggravaw*** l-inugwaljanzi u affettwaw l-aktar gruppi vulnerabbli;

Or. en

Emenda 72
Nela Riehl
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi t-tibdil fil-klima u l-qerda ambjentali ***iggravaw*** l-inugwaljanzi u affettwaw l-aktar gruppi vulnerabbli; billi t-tranżizzjoni lejn newtralità klimatika hija mistennija li toħloq madwar 2,5 miljun impjieg addizzjonali;	D. billi t-tibdil fil-klima u l-qerda ambjentali ***ggravaw*** l-inugwaljanzi u affettwaw l-aktar gruppi vulnerabbli; billi t-tranżizzjoni lejn newtralità klimatika***, li diġà tixpruna t-tkabbir fl-impjiegi,*** hija mistennija li toħloq madwar 2,5 miljun impjieg addizzjonali ***sal-2030***;

Or. en

Emenda 73
Marlena Maląg

f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. ***billi t-tibdil fil-klima u l-qerda ambjentali iggravaw l-inugwaljanzi u affettwaw l-aktar gruppi vulnerabbli;*** billi t-tranżizzjoni ***lejn newtralità klimatika hija mistennija li toħloq madwar 2,5 miljun impjieg addizzjonali***;	D. billi t-tranżizzjoni ***ekoloġika u s-segwitu tan-newtralità klimatika qed jikkawżaw it-tnaqqis tal-industrija u t-theddida li jintilfu ħafna impjiegi f'reġjuni individwali tal-UE***;

Or. en

Emenda 74
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi t-tranżizzjoni ekoloġika mistennija toħloq impjiegi ġodda, jisħaq li l-impatt reali fuq l-impjieg jiddependi mir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-setturi tal-produzzjoni tradizzjonali bħall-industrija tal-proċess u s-settur primarju; jirrimarka li ħafna reġjuni tal-UE jiddependu minn dawn is-setturi għal impjiegi stabbli u ta' kwalità u li implimentazzjoni mgħaġġla jew żbilanċjata tal-politiki ta' tranżizzjoni tista' twassal għal telf ta' introjtu, deindustrijalizzazzjoni u li tiċkien l-ekonomija lokali;

Or. el

Emenda 75
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali jridu jkunu soċjalment ġusti u inklużivi għal kulħadd, jinvolvu t-teħid tal-opportunità li jinħolqu impjiegi ta' kwalità, jindirizzaw id-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, jipproteġu d-drittijiet tal-ħaddiema u jgħollu l-istandards tax-xogħol; billi huwa essenzjali li jiġu promossi l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità tajba, protezzjoni soċjali robusta u adegwata, u investimenti mmirati f'ħiliet li jaqblu ma' opportunitajiet ta' xogħol emerġenti fis-setturi ekoloġiċi u diġitali flimkien mal-edukazzjoni għall-adulti biex jiġi żgurat aċċess għal titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid ta' kwalità għolja għal kulħadd;

Or. en

Emenda 76
Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-istaġnar ekonomiku ggrava l-inugwaljanzi u affettwa l-aktar gruppi vulnerabbli; billi dan l-istaġnar huwa wkoll minħabba għażliet politiċi; jilqa' l-adozzjoni mill-Parlament fl-ewwel qari tad-Direttiva Omnibus COM/2025/80 dwar is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-burokrazija; billi d-dipendenza ekonomika tista' tiggarantixxi b'mod sostenibbli l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u t-tnaqqis tal-prekarjetà soċjali;

Or. fr

Emenda 77
Pál Szekeres, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-projezzjonijiet li jistennew li jkun hemm aktar postijiet tax-xogħol permezz tan-newtralità klimatika jinjoraw it-telf sinifikanti tal-impjiegi mistenni f'setturi b'intensità ta' karbonju kif ukoll il-vantaġġ kompetittiv tal-ekonomiji tal-Lvant Imbiegħed fil-produzzjoni ta' teknoloġiji rinnovabbli u jissottovalutaw id-disparitajiet soċjali u reġjonali li t-tranżizzjoni tista' tapprofondixxi, li jfisser li l-impatt nett tal-impjegar huwa ferm 'il bogħod milli jiġi ggarantit li jkun pożittiv;

Or. en

Emenda 78
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-produzzjoni tad-difiża hija komparattivament intensiva fil-kapital u tiġġenera anqas impjiegi għal kull unità ta' investiment mill-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa jew is-setturi ekoloġiċi; billi r-riallokazzjoni ppjanata tar-riżorsi pubbliċi lejn id-difiża għalhekk tqajjem tħassib dwar l-impatt soċjali u tal-impjiegi ta' din il-bidla fil-prijoritajiet;

Or. en

Emenda 79
Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi l-pressjoni migratorja ggravat l-inugwaljanzi u affettwat l-aktar gruppi vulnerabbli;

Or. fr

Emenda 80
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-pressjonijiet tal-kostijiet ***tal-akkomodazzjoni*** u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija jimponu pożijiet sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi, iżda l-politika tal-akkomodazzjoni spiss kienet sottorappreżentata fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;	E. ***billi fl-UE bħalissa għaddejja kriżi tal-akkomodazzjoni li qed taffettwa b'mod partikolari lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju, lin-nisa, liż-żgħażagħ u lill-persuni akbar fl-età, lill-persuni LGTBI, lill-ħaddiema migranti, lill-unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed, lill-persuni b'diżabbiltà, lin-nisa, lill-persuni li jesperjenzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, u lil gruppi vulnerabbli oħra;*** billi l-pressjonijiet tal-kostijiet u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija ***żiedu l-għoli tal-ħajja u*** jimponu pożijiet sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi***;*** iżda l-politika tal-akkomodazzjoni spiss kienet sottorappreżentata fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; ***; billi t-tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist u ż-żieda fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni jillimitaw il-kapaċità tagħhom li jixtru jew jikru akkomodazzjoni deċenti u affordabbli u li jgħixu b'mod indipendenti; billi l-aċċess għal akkomodazzjoni deċenti, affordabbli, u sostenibbli huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-persuni kollha, irrispettivament**

mill-introjtu jew iċ-ċirkostanzi personali, ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-akkomodazzjoni; billi, matul dawn l-aħħar għaxar snin, il-prezzijiet tad-djar fl-UE żdiedu bħala medja madwar 10 % aktar mgħaġġla mill-introjti, u naqqsu l-affordabbiltà; billi l-akkomodazzjoni qed issir mhux affordabbli għal ħafna Ewropej u 8,9 % tal-popolazzjoni tal-UE tgħix f'unitajiet domestiċi fejn il-kostijiet tal-akkomodazzjoni jirrappreżentaw 40 % tal-introjtu disponibbli totali tagħhom; billi akkomodazzjoni deċenti, aċċessibbli, ta' kwalità tajba u affordabbli, inkluż permezz ta' akkomodazzjoni soċjali, hija kundizzjoni fundamentali għall-iżgurar ta' opportunitajiet indaqs u għall-ġlieda kontra l-faqar u/jew l-esklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 81
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-pressjonijiet tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija ***jimponu pożijiet*** sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi, iżda l-politika tal-akkomodazzjoni ***spiss kienet*** sottorappreżentata fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;	E. billi l-pressjonijiet tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija ***jpoġġu piż*** sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi ***madwar l-Unjoni; billi n-nuqqas persistenti tal-provvista tal-akkomodazzjoni qed jiġi rikonoxxut dejjem aktar bħala wieħed mill-ixprunaturi strutturali ewlenin tal-problemi relatati mal-affordabbiltà fl-UE flimkien ma' nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tal-kostruzzjoni***, iżda l-politika tal-akkomodazzjoni ***tibqa'*** sottorappreżentata fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; ***billi l-inċertezza regolatorja u inċentivi insuffiċjenti jiskoraġġixxu lis-sidien privati milli jinvestu t-tfaddil tagħhom fis-swieq tal-kiri u tal-akkomodazzjoni, aggravati minn***

	investiment pubbliku inadegwat fid-disponibbiltà tal-art u l-liberalizzazzjoni tal-ippjanar f'diversi Stati Membri; billi l-miżuri tal-kontroll tal-prezzijiet u l-iffriżar tal-kiri adottati f'xi pajjiżi wrew li huma ineffettivi u jirriskjaw li jillimitaw aktar il-provvista billi jiddiżinċentivaw l-investiment fis-suq tal-akkomodazzjoni;

Or. en

Emenda 82
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-pressjonijiet tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija jimponu piżijiet sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi, iżda l-politika tal-akkomodazzjoni spiss kienet sottorappreżentata fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;	E. billi l-pressjonijiet tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija jimponu piżijiet sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi, ***u l-ħaddiema mobbli,*** iżda l-politika tal-akkomodazzjoni spiss kienet sottorappreżentata fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; ***billi l-investiment fis-servizzi soċjali u ż-żieda fil-provvista tal-akkomodazzjoni, inkluża akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, kif ukoll fl-effiċjenza enerġetika u r-rinnovazzjoni tal-bini, jaqdi rwol ewlieni fit-tnaqqis tal-faqar, inkluż il-faqar enerġetiku, u fit-titjib tal-affordabbiltà;***

Or. en

Emenda 83
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

E. billi l-pressjonijiet tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija jimponu piżijiet sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi, iżda l-politika tal-akkomodazzjoni spiss kienet sottorappreżentata fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;	E. billi l-pressjonijiet tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija jimponu piżijiet sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi, iżda l-politika tal-akkomodazzjoni spiss kienet sottorappreżentata fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; ***billi l-flessibbiltà tas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet ta' intraprenditorja ta' appoġġ u piżijiet amministrattivi mnaqqsa huma essenzjali biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema persistenti u biex l-investiment fil-ħiliet jiġi ttrasformat fil-ħolqien tal-impjiegi;***

Or. en

Emenda 84
Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-pressjonijiet tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija jimponu piżijiet sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi, iżda l-politika tal-akkomodazzjoni spiss kienet sottorappreżentata fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;	E. billi l-pressjonijiet tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija jimponu piżijiet sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi, iżda l-politika tal-akkomodazzjoni spiss kienet sottorappreżentata fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; ***billi ż-żamma tal-Patt Ekoloġiku tiggrava dawn il-piżijiet, b'mod partikolari l-prezz tal-enerġija, iddgħajjef is-sitwazzjoni ekonomika kemm tal-unitajiet domestiċi kif ukoll tal-impriżi, u għalhekk il-kwalità tal-impjiegi;***

Or. fr

Emenda 85
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi ***l-pressjonijiet*** tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija jimponu piżijiet sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi***, iżda*** l-politika tal-akkomodazzjoni spiss kienet sottorappreżentata fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;	E. billi ***l-għoli tal-ħajja persistenti, il-pressjonijiet*** tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija jimponu piżijiet sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi***; billi l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli qed jiġi ristrett dejjem aktar minħabba l-ispekulazzjoni u kirjiet għal żmien qasir mhux regolati; billi*** l-politika tal-akkomodazzjoni spiss kienet sottorappreżentata fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;

Or. en

Emenda 86
Nela Riehl
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-pressjonijiet tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija jimponu piżijiet sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi, iżda l-politika tal-akkomodazzjoni spiss kienet sottorappreżentata fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;	E. billi l-pressjonijiet tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija jimponu piżijiet sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi, iżda l-politika tal-akkomodazzjoni spiss kienet sottorappreżentata fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż***, minkejja r-rwol ċentrali tagħha fis-sigurtà tal-introjtu, l-inklużjoni soċjali u r-reżiljenza tal-għoli tal-ħajja***;

Or. en

Emenda 87
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-pressjonijiet tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija jimponu piżijiet sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi***, iżda l-politika tal-akkomodazzjoni spiss kienet sottorappreżentata fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż***;	E. billi l-pressjonijiet tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija jimponu piżijiet sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi;

Or. en

Emenda 88
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-pressjonijiet tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija jimponu piżijiet sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi, iżda l-politika tal-akkomodazzjoni spiss kienet sottorappreżentata fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;	E. billi l-pressjonijiet tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija***, li jirriżultaw parzjalment minn għażliet ġeopolitiċi,*** jimponu piżijiet sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi, iżda l-politika tal-akkomodazzjoni spiss kienet sottorappreżentata fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;

Or. el

Emenda 89
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi għad hemm tal-anqas 1,4 miljun persuna b'diżabbiltà residenti

f'istituzzjonijiet fl-UE; billi hemm mill-inqas 292,848 tifel u tifla li jgħixu f'istituzzjonijiet fl-UE, li jibqgħu parti sinifikanti mill-kura alternattiva għat-tfal fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri; billi r-residenti tal-istituzzjonijiet huma iżolati mill-komunità usa' u ma għandhomx kontroll suffiċjenti fuq ħajjithom u d-deċiżjonijiet li jaffettwawhom; billi, minkejja l-fatt li l-Unjoni Ewropea ilha impenjata fil-proċess ta' deistituzzjonalizzazzjoni, għadhom meħtieġa sforzi kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali biex il-gruppi vulnerabbli jkunu jistgħu jgħixu b'mod indipendenti f'ambjent komunitarju jew ta' familja;

Or. en

Emenda 90
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-UE u l-Istati Membri għandhom obbligu fil-konfront taċ-ċittadini biex jiżguraw aċċess universali għal akkomodazzjoni deċenti u affordabbli f'konformità mad-drittijiet fundamentali, inklużi l-Artikoli 16, 30 u 31 tal-Karta Soċjali Ewropea u l-Prinċipju 19 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; billi, għalhekk, is-Semestru Ewropew għandu jivvaluta b'mod sistematiku l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, il-problema ta' persuni mingħajr dar u l-faqar enerġetiku u jibdel dawn il-valutazzjonijiet f'rakkomandazzjonijiet konkreti speċifiċi għall-pajjiż u prijoritajiet tal-investiment; billi l-politika tal-akkomodazzjoni għandha rilevanza makroekonomika

sinifikanti u għandha tiġi riflessa b'mod adegwat fil-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE;

Or. en

Emenda 91
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-isfidi demografiċi bħat-tixjieħ tal-popolazzjoni, rati ta' twelid baxxi u d-depopolazzjoni rurali, b'mod partikolari l-eżodu tal-ħaddiema lejn żoni urbani, għandhom impatt negattiv fuq il-koeżjoni territorjali, il-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali, u b'hekk jaggravaw id-disparitajiet reġjonali fl-Unjoni; billi, kif enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, it-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività Ewropea jiddependu mill-adattament tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-ħtiġijiet tal-ħiliet li qed jinbidlu, it-tisħiħ tat-taħriġ vokazzjonali biex tiżdied l-inklużjoni tal-popolazzjoni impjegata fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 92
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-faqar enerġetiku jibqa' kwistjoni sinifikanti fl-UE, u fl-2023 madwar 10,6 % tal-popolazzjoni

rrapportaw li ma setgħux iżommu djarhom sħan b'mod adegwat, li tindika żieda ta' 1,3 % meta mqabbla mal-2022; billi indikaturi usa' jissuġġerixxu li bejn 8 % u 16 % tal-Ewropej jiffaċċjaw sfidi biex jaffordjaw servizzi tal-enerġija essenzjali, filwaqt li jenfasizzaw problemi ta' affordabbiltà persistenti u strutturali;[2a]

[2a]

https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/w/ddn-20250123-2 https://joint-research-centre.ec.europa.eu/jrc-news-and-updates/whos-energy-poor-eu-its-more-complex-it-seems-2024-09-25_en

Or. en

Emenda 93
Pál Szekeres, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi r-rapporti speċifiċi għall-pajjiż għandhom iqisu kif il-fatt li l-prezzijiet tal-enerġija tal-unitajiet domestiċi jinżammu baxxi jgħin biex jipprevjeni li l-familji jaqgħu fin-nassa tal-faqar;

Or. en

Emenda 94
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi l-ekonomija diġitali l-ġdida

għandha l-potenzjal li tiġġenera benefiċċji għas-soċjetà kollha kemm hi billi ttejjeb il-kwalità tal-ħajja u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u toħloq opportunitajiet ġodda ta' impjieg; billi d-diġitalizzazzjoni, ir-robotizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali huma mistennija li jkunu ta' benefiċċju għaċ-ċittadini u għas-soċjetà billi jtejbu l-kwalità tal-ħajja u joħolqu opportunitajiet ta' impjieg ġodda, filwaqt li jippreżentaw ukoll numru ta' riskji u sfidi li jeħtieġ li jiġu indirizzati; billi hemm vantaġġi sinifikanti tad-djalogu soċjali fuq il-post tax-xogħol dwar l-adozzjoni u l-użu tal-IA u tat-taħriġ assoċjat għall-impjegati;

[3a] Eurofound (2026, li jmiss), l-Istħarriġ Ewropew tal-2024 dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol 2024: Rapport ġeneral | Eurofound

Or. en

Emenda 95
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi r-rapport ta' Letta jwissi dwar it-tnaqqis fir-rati tat-twelid u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas biex jappoġġja lill-familji bħala parti minn strateġija ta' tkabbir inklużiv f'konformità mal-pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali; billi dan jenfasizza wkoll li l-moviment liberu tal-persuni jibqa' l-anqas libertà żviluppata u jitlob li jitnaqqsu l-ostakli għall-mobbiltà professjonali, filwaqt li jiġu indirizzati l-iżbilanċi territorjali u jiġi ssalvagwardjat id-dritt ta' residenza permezz ta' politiki li jippromwovu d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju;

Or. en

Emenda 96
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi aktar minn 40 miljun persuna fl-Unjoni, li jikkorrispondu għal madwar 9,2 % tal-popolazzjoni, esperjenzaw il-faqar enerġetiku fl-2024, imkejjel bħala s-sehem tal-persuni li ma jistgħux iżommu djarhom sħan b'mod adegwat, u dan jibqa' ogħla b'mod sinifikanti fost il-persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, li jfisser li ħafna unitajiet domestiċi b'introjtu baxx xorta jridu jagħżlu bejn li jħallsu l-kontijiet tal-enerġija, il-kera, il-kura tas-saħħa jew l-ikel;

Or. en

Emenda 97
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-UE qed tiffaċċja nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet***,*** ***minħabba*** għadd ta' fatturi, inkluża l-kwalità fqira tal-impjiegi;	F. billi l-UE qed tiffaċċja nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet ***f'xi setturi bħax-xjenza u t-teknoloġija; billi n-nuqqas huwa marbut ma'*** għadd ta' fatturi, inkluża l-kwalità fqira tal-impjiegi***,*** ***in-nuqqas ta' attraenza u investiment f'servizzi pubbliċi ta' kwalità, kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena u salarji baxxi, diskriminazzjoni, aċċess limitat***

għal opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid ta' kwalità*; *; billi l-indirizzar tan-nuqqas u ż-żamma tat-tipi kollha ta' talenti jirrikjedu titjib fid-drittijiet tal-ħaddiema ta' kwalità u n-negozjar kollettiv, fl-aċċess għas-sistemi tal-protezzjoni soċjali, titjib fil-kwalità tal-impjiegi, opportunitajiet għall-iżvilupp tal-ħiliet imfassla apposta għall-ħtiġijiet u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, pjuttost milli jiddependu mid-deregolamentazzjoni filwaqt li l-kapaċità tal-UE li tindirizza x-xokkijiet, il-kriżijiet u l-polikriżijiet futuri waqt li tinnaviga t-tranżizzjonijiet demografiċi, diġitali u ekoloġiċi se tiddependi ħafna mill-kundizzjonijiet li bihom il-ħaddiema kritiċi se jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom;

Or. en

Emenda 98
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-UE qed tiffaċċja nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet, minħabba għadd ta' fatturi, inkluża l-kwalità fqira tal-impjiegi;	F. billi l-UE qed tiffaċċja nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet, minħabba għadd ta' fatturi, inkluża l-kwalità fqira tal-impjiegi; ***billi, skont l-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol 2024, 18 % tal-forza tax-xogħol tal-UE tikseb marka aktar baxxa mill-medja tal-UE fid-dimensjonijiet kollha tal-kwalità tal-impjiegi, li jfisser li dawn isibu ruħhom f'impjiegi ta' kwalità ħażina;[4a] billi n-nuqqas ta' ħaddiema f'diversi setturi ma jistax jiġi indirizzat b'mod sostenibbli permezz tal-espansjoni tal-impjiegi prekarji jew kundizzjonijiet tax-xogħol inugwali għall-ħaddiema migranti; billi t-trattament ugwali, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u***

kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għal kulħadd, inklużi l-ħaddiema migranti, huma essenzjali biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u tiġi żgurata l-koeżjoni soċjali;

[4a] L-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol 2024: Rapport ġenerali | Eurofound

Or. en

Emenda 99
Nela Riehl
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-UE qed tiffaċċja nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet, ***minħabba*** għadd ta' fatturi, ***inkluża*** l-kwalità ***fqira*** tal-impjiegi;	F. billi l-UE qed tiffaċċja nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet, ***li jirriżulta minn*** għadd ta' fatturi, ***inklużi*** l-kwalità tal-impjiegi***, kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, salarji mhux attraenti, domanda għal settijiet ta' ħiliet ġodda u nuqqas ta' taħriġ rilevanti, ostakli għall-aċċess għall-edukazzjoni u nuqqas jew rikonoxximent tal-ħiliet***; ***billi l-proposta għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi jenfasizza li l-Ewropa jeħtieġ li tindirizza d-dgħufijiet strutturali fis-suq tax-xogħol tagħha billi ttejjeb il-kwalità tal-impjiegi u turi li l-impjiegi ta' kwalità jiksbu tkabbir ogħla fil-produttività, prestazzjoni ekonomika aħjar, u aktar ġustizzja soċjali u koeżjoni soċjali;***

Or. en

Emenda 100
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-UE qed tiffaċċja nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet, ***minħabba għadd ta' fatturi, inkluża l-kwalità fqira tal-impjiegi;***	F. billi l-UE qed tiffaċċja nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet, ***xprunat primarjament minn spariġġi strutturali fil-ħiliet, bidla teknoloġika rapida u adattament insuffiċjenti tas-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; billi n-nuqqas huwa partikolarment akut f'teknoloġiji ġodda u emerġenti; billi prospetti tal-karriera limitati u opportunitajiet staġnati għaż-żgħażagħ f'partijiet tal-Unjoni qed jinċentivawhom dejjem aktar ifittxu impjieg f'pajjiżi terzi, li qed jaggrava aktar in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fl-UE;***

Or. en

Emenda 101
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-UE qed tiffaċċja nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet, minħabba għadd ta' fatturi, ***inkluża*** l-kwalità fqira tal-impjiegi;	F. billi l-UE qed tiffaċċja nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet, minħabba għadd ta' fatturi, ***inklużi l-ispariġġ fil-ħiliet, it-tibdil demografiku*** u l-kwalità fqira tal-impjiegi ***li ġew identifikati bħala ostaklu ewlieni għat-tkabbir u l-kompetittività tal-UE***; ***billi sal-2050, il-popolazzjoni impjegata tal-UE hija mistennija li tonqos sa 18,8 miljun[3a], li jindika li flimkien ma' miżuri ta' attivazzjoni u taħriġ u b'mod li jikkomplementa dawn, se tkun meħtieġa migrazzjoni tal-ħaddiema legali biex tiġi ssupplimentata l-forza tax-xogħol tal-UE;***

[3a] Employment and Social Developments in Europe (ESDE) 2025 (L-Iżviluppi Soċjali u tal-Impjiegi fl-Ewropa (ESDE) 2025), il-Kummissjoni Ewropea, Settembru 2025.

Or. en

Emenda 102
Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-UE qed tiffaċċja nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet, minħabba għadd ta' fatturi, inkluża l-kwalità fqira tal-impjiegi;	F. billi l-UE qed tiffaċċja nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet, minħabba għadd ta' fatturi, inkluża l-kwalità fqira tal-impjiegi ***u nuqqas ta' fiduċja fil-futur, marbut ukoll ma' nuqqas ta' deċiżjonijiet politiċi, u akkumulazzjoni ta' restrizzjonijiet, b'mod partikolari dawk amministrattivi***;

Or. fr

Emenda 103
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-UE qed tiffaċċja nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet, minħabba għadd ta' fatturi, inkluża l-kwalità fqira tal-impjiegi;	F. billi l-UE qed tiffaċċja nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet, minħabba għadd ta' fatturi, inkluża l-kwalità fqira tal-impjiegi ***u b'mod speċjali mill-kriżi demografika, inklużi d-diskrepanza fit-twelid u soċjetà li qed tixjieħ b'mod rapidu***;

Or. en

Emenda 104
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-UE qed tiffaċċja nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet, minħabba għadd ta' fatturi, ***inkluża*** l-kwalità ***fqira*** tal-impjiegi;	F. billi l-UE qed tiffaċċja nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet, minħabba għadd ta' fatturi, ***inklużi l-iżvilupp demografiku, it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u*** l-kwalità tal-impjiegi;

Or. en

Emenda 105
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-UE qed tiffaċċja nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet, minħabba għadd ta' fatturi, inkluża l-kwalità fqira tal-impjiegi;	F. billi l-UE qed tiffaċċja nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ta' ħiliet, minħabba għadd ta' fatturi, inkluża l-kwalità fqira tal-impjiegi ***jew paga baxxa f'ċerti setturi inkluż is-settur tal-kura***;

Or. en

Emenda 106
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-UE qed tiffaċċja nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ħiliet u żieda fil-qgħad, filwaqt li l-għadd ta' persuni

qiegħda fl-UE żdied b'517 000 bejn Ottubru 2024 u Ottubru 2025, minħabba għadd ta' fatturi, inklużi t-tnaqqis demografiku, l-ispariġġi bejn il-ħtiġijiet tal-edukazzjoni u tas-suq tax-xogħol, il-mobbiltà baxxa tal-ħaddiema u t-tkabbir rapidu tal-ekonomija xprunat mid-diġitalizzazzjoni, is-servizzi bbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali u li qed jespandu, li qed jiġu pprovduti dejjem inqas mill-bnedmin, u t-teknoloġiji ekoloġiċi;

Or. en

Emenda 107
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi hemm 51 miljun resident Ewropew ta' bejn l-20 u l-64 sena li huma barra mill-forza tax-xogħol, primarjament nisa, persuni akbar fl-età, Rom, persuni b'diżabbiltà u migranti; billi mižuri mmirati ta' appoġġ u attivazzjoni jżidu l-parteċipazzjoni ta' dawn il-gruppi fis-suq tax-xogħol u għalhekk itejbu l-kompetittività u l-inklużività tal-forza tax-xogħol;

Or. en

Emenda 108
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-infiq pubbliku waħdu jista'

ma jissodisfax l-iskala tal-ħtiġijiet tat-titjib tal-ħiliet u tat-taħriġ mill-ġdid minħabba l-isfidi ta' trasformazzjoni li qed tiffaċċja l-UE; billi t-tagħlim tul il-ħajja u t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid huma essenzjali biex l-individwi jlaħħqu ma' suq li qed jinbidel b'mod rapidu;

Or. en

Emenda 109
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi r-riskji tat-tibdil fil-klima huma assoċjati ma' esponiment akbar għal perikli, pereżempju temperaturi għoljin, li jwasslu għal standards aktar baxxa tal-kwalità tal-impjiegi, telf tal-produttività u insigurtà akbar fl-impjiegi;[5a]

[5a] "Job quality side of climate change | Eurofound Eurofound 2025" (In-naħa tal-kwalità tal-impjiegi b'rabta mat-tibdil fil-klima | Eurofound Eurofound 2025) Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol 2024: L-ewwel sejbiet | Eurofound

Or. en

Emenda 110
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fb. billi f'diversi Stati Membri, il-migrazzjoni netta kienet il-kontributur ewlieni għat-tkabbir fl-impjiegi mill-2021 u billi t-tisħiħ tal-integrazzjoni tal-migranti fis-suq tax-xogħol hija essenzjali biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, jiġi indirizzat it-tibdil demografiku u titrawwem il-koeżjoni soċjali; billi l-migranti jammontaw għal madwar 11,2 % tal-forza tax-xogħol tal-UE iżda ammontaw għal 76 % tat-tkabbir tal-impjiegi bejn l-2023 u l-2024, filwaqt li t-tkabbir tal-impjiegi għal ħaddiema li ma twildux fl-UE huwa b'saħħtu b'mod partikolari f'setturi li jiffaċċjaw nuqqas sinifikanti ta' ħaddiema, inklużi l-kostruzzjoni u l-akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel; billi, minkejja dan il-kontribut, il-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol u r-rati tal-impjiegi tal-migranti għadhom baxxi minn dawk tal-persuni mwielda fil-pajjiż ta' residenza, b'distakki kbar b'mod partikolari għan-nisa migranti, u madwar 7,4 miljun migrant għadhom barra mis-suq tax-xogħol tal-UE minħabba ostakli multipli għas-suq tax-xogħol u l-integrazzjoni soċjali, inklużi livell edukattiv baxx u profiċjenza f'lingwa, diskriminazzjoni, saħħa dgħajfa, prospetti baxxi tal-kwalità tal-impjiegi u diffikultajiet fir-rikonoxximent tal-kwalifiki miksuba barra mill-UE;

Or. en

Emenda 111
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fb. billi fl-2024, wieħed minn kull ħames Ewropej kienu qed jaħdmu mill-

	anqas parzjalment mid-dar u skont stħarriġ tal-Eurofound, nofs il-ħaddiema jixtiequ jaħdmu mid-dar diversi jiem fil-ġimgħa u kwart tal-ħaddiema jixtiequ jaħdmu esklużivament mid-dar[4a];
	[4a] COM(2025)944 final.

Or. en

Emenda 112
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi d-data tindika li huwa meħtieġ aktar sforz fil-bidċa l-kbira tal-Istati Membri biex tintlaħaq il-mira ta' 60 % tal-adulti li jipparteċipaw fl-edukazzjoni u fit-taħriġ sal-2030; billi l-approċċ integrat għall-koordinazzjoni tal-politika fi ħdan is-Semestru Ewropew jipprovdi l-qafas biex jiggwida l-investiment meħtieġ fl-iżvilupp tal-kapital uman, l-edukazzjoni u s-sistemi ta' taħriġ;	***imħassar***

Or. en

Emenda 113
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi d-data tindika li huwa meħtieġ aktar sforz fil-bidċa l-kbira tal-Istati Membri biex tintlaħaq il-mira ta' 60 % tal-adulti li jipparteċipaw fl-edukazzjoni u fit-	G. billi d-data tindika li huwa meħtieġ aktar sforz fil-bidċa l-kbira tal-Istati Membri biex tintlaħaq il-mira ta' 60 % tal-adulti li jipparteċipaw fl-edukazzjoni u fit-

taħriġ sal-2030; billi l-approċċ integrat għall-koordinazzjoni tal-politika fi ħdan is-Semestru Ewropew jipprovdi l-qafas biex jiggwida l-investiment meħtieġ fl-iżvilupp tal-kapital uman, l-edukazzjoni u s-sistemi ta' taħriġ;

taħriġ sal-2030; billi l-approċċ integrat għall-koordinazzjoni tal-politika fi ħdan is-Semestru Ewropew jipprovdi l-qafas biex jiggwida l-investiment meħtieġ fl-iżvilupp tal-kapital uman, l-edukazzjoni u s-sistemi ta' taħriġ; ***billi, f'diversi Stati Membri, politiki fiskali restrittivi fis-Semestru Ewropew wasslu għal tnaqqis jew investiment baxx fl-edukazzjoni u r-riċerka, li dgħajfu l-prospetti ta' tkabbir fit-tul; billi, għalhekk, il-Kummissjoni hija mitluba teżamina għażliet, inklużi klawżoli liberatorji jew "regola tad-deheb" għal infiq relatat mal-edukazzjoni, biex jiġi żgurat li l-investimenti fl-edukazzjoni u r-riċerka ma jiġux ristretti minn limiti baġitarji fuq żmien qasir;***

Or. en

Emenda 114
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi ***d-data*** tindika li huwa meħtieġ aktar sforz fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri biex tintlaħaq il-mira ta' 60 % tal-adulti li jipparteċipaw fl-edukazzjoni u fit-taħriġ sal-2030; billi l-approċċ integrat għall-koordinazzjoni tal-politika fi ħdan is-Semestru Ewropew jipprovdi l-qafas biex jiggwida l-investiment meħtieġ fl-iżvilupp tal-kapital uman, l-edukazzjoni u s-sistemi ta' taħriġ;	G. billi ***fl-2022, ir-rata tal-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim kienet ta' 39,5 %, li tindika*** li huwa meħtieġ aktar sforz fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri biex tintlaħaq il-mira ta' 60 % tal-adulti li jipparteċipaw fl-edukazzjoni u fit-taħriġ sal-2030; ***billi l-maġġoranza tal-Istati Membri għandhom lura biex jilħqu l-miri nazzjonali tagħhom f'dan ir-rigward;*** billi l-approċċ integrat għall-koordinazzjoni tal-politika fi ħdan is-Semestru Ewropew jipprovdi l-qafas biex jiggwida l-investiment meħtieġ fl-iżvilupp tal-kapital uman, l-edukazzjoni u s-sistemi ta' taħriġ; ***billi huma meħtieġa aktar sforzi sostanzjali biex tiġi żgurata l-provvista ta' politiki ta' taħriġ ta' kwalità u l-aċċess għalihom, b'mod partikolari għall-ħaddiema f'okkupazzjonijiet b'livell baxx***

ta' ħiliet, li jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja u jsaħħu l-kompetittività tal-UE, ir-reżiljenza u l-inklużività tal-forza tax-xogħol tal-UE;

Or. en

Emenda 115
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi d-data tindika li huwa meħtieġ aktar sforz fil-bidċa l-kbira tal-Istati Membri biex tintlaħaq il-mira ta' 60 % tal-adulti li jipparteċipaw fl-edukazzjoni u fit-taħriġ sal-2030; billi l-approċċ integrat għall-koordinazzjoni tal-politika fi ħdan is-Semestru Ewropew jipprovdi l-qafas biex jiggwida l-investiment meħtieġ fl-iżvilupp tal-kapital uman, l-edukazzjoni u s-sistemi ta' taħriġ;	G. billi d-data tindika li huwa meħtieġ aktar sforz fil-bidċa l-kbira tal-Istati Membri biex tintlaħaq il-mira ta' 60 % tal-adulti li jipparteċipaw fl-edukazzjoni u fit-taħriġ sal-2030***, b'mod speċjali fil-kuntest tat-tranżizzjoni demografiku u l-bidliet strutturali fis-swieq tax-xogħol***; billi l-approċċ integrat għall-koordinazzjoni tal-politika fi ħdan is-Semestru Ewropew jipprovdi l-qafas biex jiggwida l-investiment meħtieġ fl-iżvilupp tal-kapital uman, ***bħala parti minn aġenda soċjali usa', inklużi*** l-edukazzjoni u s-sistemi ta' taħriġ ***ta' kwalità u aċċessibbli għal kulħadd***;

Or. en

Emenda 116
Pál Szekeres, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi d-data tindika li ***huwa meħtieġ aktar sforz fil-bidċa l-kbira tal-Istati*** Membri ***biex tintlaħaq il-mira*** ta' 60 % tal-	G. billi d-data tindika li ***xi Stati*** Membri ***diġà laħqu l-mira*** ta' 60 % tal-adulti li jipparteċipaw fl-edukazzjoni u fit-

adulti li jipparteċipaw fl-edukazzjoni u fit-taħriġ ***sal-2030***; billi l-approċċ integrat għall-koordinazzjoni tal-politika fi ħdan is-Semestru Ewropew jipprovdi l-qafas biex jiggwida l-investiment meħtieġ fl-iżvilupp tal-kapital uman, l-edukazzjoni u s-sistemi ta' taħriġ;	taħriġ ***u xi whud diġà laħqu aktar minn 55 %, u dawn jistgħu jservu bħala eżempju tajjeb għal dawk l-Istati Membri li għadhom lura***; billi l-approċċ integrat għall-koordinazzjoni tal-politika fi ħdan is-Semestru Ewropew jipprovdi l-qafas biex jiggwida l-investiment meħtieġ fl-iżvilupp tal-kapital uman, l-edukazzjoni u s-sistemi ta' taħriġ;
	Or. en

Emenda 117
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-ħaddiema tas-sengħa, u l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità, il-VET kif ukoll it-tagħlim tul il-ħajja huma kruċjali biex tiġi żgurata tranżizzjoni doppja ġusta tal-ekonomija tal-UE; billi hemm bżonn li jiġi ottimizzat l-użu tat-talenti u tal-kapital uman fl-Unjoni, peress li 44 % biss tal-ħaddiema jirrapportaw li għandhom biżżejjed opportunitajiet biex jużaw il-ħiliet u l-għarfien tagħhom f'xogħolhom[5a]; billi fl-istess ħin il-programmi ta' titjib tal-ħiliet, ta' taħriġ mill-ġdid u ta' taħriġ iridu jkunu disponibbli għall-ħaddiema kollha, inklużi dawk b'diżabbiltà, u għandhom ikunu adattati wkoll għall-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-ħaddiema;
	[5a] Eurofound (2025): Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol 2024: L-ewwel sejbiet.
	Or. en

Emenda 118
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi fl-2022, il-punteġġ medju PISA għall-ħiliet bażiċi (il-qari, il-matematika, u x-xjenza) fost dawk li għandhom 15-il sena naqas b'10 punti meta mqabbel mal-2018, filwaqt li l-progress insuffiċjenti huwa aktar prevalenti fost l-istudenti żvantaġġati; billi dan id-deterjorament inkwetanti fil-ħiliet u l-inugwaljanzi edukattivi jirrikjedi riformi u investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ biex jiġi żgurat l-iżvilupp ta' ġenerazzjonijiet futuri u t-tranżizzjoni tagħhom mill-edukazzjoni għax-xogħol;

Or. en

Emenda 119
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-ħtiġijiet ta' investiment addizzjonali fl-infrastruttura soċjali ġew stmati għal EUR 192 biljun fis-sena, inkluż l-investiment f'akkomodazzjoni affordabbli, fis-saħħa u fil-kura fit-tul, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ tul il-ħajja[1]; billi hija meħtieġa aktar ħidma biex titkejjel id-diskrepanza fl-investiment soċjali fl-UE kif ukoll biex jitkejlu r-redditi ekonomiċi fuq l-investiment soċjali;	H. billi l-ħtiġijiet ta' investiment addizzjonali fl-infrastruttura soċjali ġew stmati għal EUR 192 biljun fis-sena, inkluż l-investiment f'akkomodazzjoni affordabbli ***u deċenti***, fis-saħħa u fil-kura fit-tul ***ta' kwalità***, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ tul il-ħajja ***ta' kwalità***; billi hija meħtieġa aktar ħidma biex titkejjel id-diskrepanza fl-investiment soċjali fl-UE kif ukoll biex jitkejlu r-redditi ekonomiċi fuq l-investiment soċjali; ***billi l-investiment privat fl-UE ilu staġnat deċennji sħaħ u s-sehem tal-introjtu li jakkumula għall-kapital żdied mingħajr ma ġie investit***

mill-ġdid kompletament fl-ekonomija reali, u parti kbira ġiet distribwita bħala dividendi u riakkwist ta' ishma; billi din id-diskrepanza strutturali fl-investiment immina l-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni, il-koeżjoni soċjali u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u żżid l-importanza tal-investiment pubbliku;

[1] Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-27 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Identifying Europe's recovery needs" (L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' rkupru tal-Ewropa) (SWD(20200098) li jakkumpanja l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Thejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss" (COM(2020) 0456).

Or. en

Emenda 120
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-ħtiġijiet ta' investiment addizzjonali fl-infrastruttura soċjali ġew stmati għal EUR 192 biljun fis-sena, inkluż l-investiment f'akkomodazzjoni affordabbli, fis-saħħa u fil-kura fit-tul, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ tul il-ħajja[1]; billi hija meħtieġa aktar ħidma biex titkejjel id-diskrepanza fl-investiment soċjali fl-UE kif ukoll biex jitkejlu r-redditi ekonomiċi fuq l-investiment soċjali;	H. billi l-ħtiġijiet ta' investiment addizzjonali fl-infrastruttura soċjali ġew stmati għal EUR 192 biljun fis-sena, inkluż l-investiment f'akkomodazzjoni affordabbli, fis-saħħa u ***fl-infrastruttura tal-kura inkluż*** fil-kura fit-tul, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ tul il-ħajja ***u kontinwu***[1]; billi hija meħtieġa aktar ħidma biex titkejjel id-diskrepanza fl-investiment soċjali fl-UE kif ukoll biex jitkejlu r-redditi ekonomiċi fuq l-investiment soċjali;

[1] Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-27 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Identifying Europe's recovery

[1] Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-27 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Identifying Europe's recovery

needs” (L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta’ rkupru tal-Ewropa) (SWD(20200098) li jakkumpanja l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu “Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss” (COM(2020) 0456).

needs” (L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta’ rkupru tal-Ewropa) (SWD(20200098) li jakkumpanja l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu “Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss” (COM(2020) 0456).

Or. en

Emenda 121
Pál Szekeres, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi ***l-ħtiġijiet ta’*** investiment addizzjonali fl-infrastruttura soċjali ***ġew stmati għal EUR 192 biljun fis-sena***, inkluż l-investiment f’akkomodazzjoni affordabbli, fis-saħħa u fil-kura fit-tul, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ tul il-ħajja; billi hija meħtieġa aktar ħidma biex titkejjel id-diskrepanza fl-investiment soċjali fl-UE kif ukoll biex jitkejlu r-redditi ekonomiċi fuq l-investiment soċjali;	H. billi ***huwa meħtieġ*** investiment addizzjonali sostanzjali fl-infrastruttura soċjali, inkluż l-investiment f’akkomodazzjoni affordabbli, fis-saħħa u fil-kura fit-tul, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ tul il-ħajja[1]; ***billi hija meħtieġa aktar ħidma biex titkejjel id-diskrepanza fl-investiment soċjali fl-UE kif ukoll biex jitkejlu r-redditi ekonomiċi fuq l-investiment soċjali;***

[1] Id-dokument ta’ ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-27 ta’ Mejju 2020 bit-titolu “Identifying Europe’s recovery needs” (L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta’ rkupru tal-Ewropa) (SWD(20200098) li jakkumpanja l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu “Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss” (COM(2020) 0456).

[1] Id-dokument ta’ ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-27 ta’ Mejju 2020 bit-titolu “Identifying Europe’s recovery needs” (L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta’ rkupru tal-Ewropa) (SWD(20200098) li jakkumpanja l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu “Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss” (COM(2020) 0456).

Or. en

Emenda 122
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-ħtiġijiet ta' investiment addizzjonali fl-infrastruttura soċjali ġew stmati għal EUR 192 biljun fis-sena, inkluż l-investiment f'akkomodazzjoni affordabbli, fis-saħħa u fil-kura fit-tul, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ tul il-ħajja[1]; billi hija meħtieġa aktar ħidma biex ***titkejjel id-diskrepanza fl-investiment soċjali fl-UE kif ukoll biex*** jitkejlu r-redditi ekonomiċi fuq l-investiment soċjali;	H. billi l-ħtiġijiet ta' investiment addizzjonali fl-infrastruttura soċjali ġew stmati għal EUR 192 biljun fis-sena, inkluż l-investiment f'akkomodazzjoni affordabbli, fis-saħħa u fil-kura fit-tul, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ tul il-ħajja[1]; billi hija meħtieġa aktar ħidma biex jitkejlu r-redditi ekonomiċi fuq l-investiment soċjali;
[1] Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-27 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Identifying Europe's recovery needs" (L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' rkupru tal-Ewropa) (SWD(20200098) li jakkumpanja l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss" (COM(2020) 0456).	[1] Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-27 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Identifying Europe's recovery needs" (L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' rkupru tal-Ewropa) (SWD(20200098) li jakkumpanja l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss" (COM(2020) 0456).

Or. en

Emenda 123
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-ħtiġijiet ta' investiment addizzjonali fl-infrastruttura soċjali ġew stmati għal EUR 192 biljun fis-sena, inkluż l-investiment f'akkomodazzjoni affordabbli, fis-saħħa u fil-kura fit-tul, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ tul il-ħajja[1]; billi hija meħtieġa aktar ħidma biex titkejjel id-diskrepanza fl-investiment soċjali fl-UE kif ukoll biex jitkejlu r-redditi ekonomiċi fuq l-investiment soċjali;	H. billi l-ħtiġijiet ta' investiment addizzjonali fl-infrastruttura soċjali ġew stmati għal EUR 192 biljun fis-sena, inkluż l-investiment f'akkomodazzjoni affordabbli, fis-saħħa u fil-kura fit-tul, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ tul il-ħajja[1]; billi hija meħtieġa aktar ħidma biex titkejjel id-diskrepanza fl-investiment soċjali ***wara l-irkupru*** fl-UE kif ukoll biex jitkejlu r-redditi ekonomiċi fuq l-investiment soċjali;

[1] Id-dokument ta’ ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-27 ta’ Mejju 2020 bit-titolu “Identifying Europe’s recovery needs” (L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta’ rkupru tal-Ewropa) (SWD(20200098) li jakkumpanja l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu “Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss” (COM(2020) 0456).

[1] Id-dokument ta’ ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-27 ta’ Mejju 2020 bit-titolu “Identifying Europe’s recovery needs” (L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta’ rkupru tal-Ewropa) (SWD(20200098) li jakkumpanja l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu “Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss” (COM(2020) 0456).

Or. en

Emenda 124
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-Faċilità għall-Ikupru u r-Reżiljenza (RRF), bħala strument temporanju u eċċezzjonali ta’ NextGenerationEU, se tintemm ''Diċembru 2026, u dan jirrikjedi li l-Istati Membri jaċċelleraw b’mod sinifikanti l-implimentazzjoni tal-investimenti impenjati u l-implimentazzjoni effettiva tar-riformi strutturali assoċjati; billi l-RRF tibqa’ xprunatur ewlieni tal-investiment pubbliku u l-infiq soċjali f’ħafna Stati Membri, b’impatt sinifikanti fuq l-impjiegi, il-koeżjoni soċjali, il-kompetittività u r-reżiljenza ekonomika; billi, minkejja dan, xi whud mill-Istati Membri benefiċjarji ewlenin għamlu użu insuffiċjenti jew mhux ambizzjuż tal-istrument, u ttardjaw l-implimentazzjoni u llimitat l-effett trasformattiv tiegħu; billi li jsir użu sħiħ mill-RRF ma jirrikjedix biss l-assorbiment tal-fondi, iżda wkoll l-adozzjoni ta’ riformi profondi u dejjiema, imfassla u implimentati bl-involviment tar-reġjuni sabiex jiġi żgurat tkabbir sostenibbli, inkluż u fit-tul madwar l-

Unjoni;

Or. en

Emenda 125
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-infiq pubbliku fuq it-tfal u ż-żgħażagħ ma għandux jitqies biss bħala nefqa soċjali iżda bħala investiment fil-futur; billi għat-tfal, l-investimenti soċjali jwasslu għal edukazzjoni u prospetti ta' impjieg aħjar, li min-naħa tagħhom jagħtu spinta lill-indikaturi ekonomiċi; billi skont il-Kummissjoni Ewropea, l-UE jeħtieġ li tinvesti aktar minn EUR 11-il biljun kull sena b'mod addizzjonali, biex tilħaq l-objettivi ta' Barċellona għall-2030 għall-ECEC[6a]; billi t-tfal li jistgħu jibbenefikaw l-aktar milli jattendu l-ECEC, bħal dawk minn sfondi żvantaġġati, għandhom it-tendenza li jipparteċipaw l-inqas u jkomplu jiffaċċjaw ostakli għall-aċċess;

[6a] Employment and Social Developments in Europe (ESDE) 2024 (L-Iżviluppi Soċjali u tal-Impjiegi fl-Ewropa 2024), il-Kummissjoni Ewropea, Settembru 2024.

Or. en

Emenda 126
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-UE qed tiffaċċja bidla demografika profonda kkaratterizzata minn rati baxxi ta' twelid, tixjieħ tal-popolazzjoni u forza tax-xogħol li qed tonqos; billi dan għandu t-tendenza li jżid il-pressjoni fuq is-swieq tax-xogħol, il-produttività, il-pensjoni u s-sistemi tal-kura, u jitlob riformi li jħarsu 'l quddiem biex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol, jiġi appoġġjat it-tixjiħ attiv u tiġi żgurata s-sostenibbilta fit-tul tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali;

Or. en

Emenda 127
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri bħalissa hija ta' 12 % minħabba, fost fatturi oħra, is-sehem sproporzjonat tar-responsabbiltajiet tal-unità domestika u tal-indukrar tat-tfal imġarrba min-nisa u s-sottovalutazzjoni persistenti ta' professjonijiet iddominati min-nisa; billi n-nisa jiffaċċjaw riskju ogħla ta' faqar, b'mod partikolari fix-xjuħija, u bħalissa d-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet laħqet il-livell ta' 24,5 %;

Or. en

Emenda 128
Nela Riehl
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi bħalissa mhemm l-ebda ġbir regolari ta' data fl-UE kollha dwar l-investiment u l-kopertura tas-servizzi soċjali; billi l-ġbir ta' tali data huwa kruċjali għal analiżi bbażata fuq l-evidenza tal-politiki soċjali nazzjonali fis-Semestru Ewropew;

Or. en

Emenda 129
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi r-Rapport Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-2025 jenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb l-implimentazzjoni tal-fondi ta' koeżjoni tal-UE sabiex jiġi massimizzat l-impatt tagħhom fuq il-benefiċjarji finali; billi, minħabba li l-Unjoni issa tinsab f'nofs il-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, huwa essenzjali li tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn l-ippjanar ta' proġetti ta' valur miżjud għoli u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom mill-Istati Membri; billi tali titjib irid ikun akkumpanjat minn sistemi ta' awditjar sodi u sistematiċi fil-livell nazzjonali, filwaqt li jiġu żgurati t-trasparenza, l-effiċjenza u l-obbligu ta' rendikont; billi t-trasparenza limitata osservata fl-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inklużi nuqqasijiet relatati mal-pubblikazzjoni u l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-benefiċjarji finali, bħall-identifikazzjoni tal-akbar riċevituri tal-finanzjament, tissottolinja l-ħtieġa ta' standards ta' trasparenza aktar ċari u aktar konsistenti

fl-istrumenti ta' finanzjament kollha tal-UE, mingħajr ma tiġi kompromessa l-orjentazzjoni strateġika tal-fondi lejn l-objettivi tal-koeżjoni, tal-kompetittività u tal-inklużjoni soċjali tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 130
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi s-sehem tal-introjtu mix-xogħol tal-introjtu nazzjonali fl-UE naqas b'mod strutturali matul dawn l-aħħar deċennji u stabbilizza f'livell aktar baxx minn dak f'perjodi preċedenti, filwaqt li s-sehem tal-valur miżjud li jakkumula għall-kapital żdied; billi min-nofs is-snin disgħin 'l hawn, il-produttività tax-xogħol fis-siegħa żdiedet b'madwar 34 %, filwaqt li l-kumpens reali fis-siegħa żdied b'madwar 25 % biss, il-produttività tax-xogħol kibret b'mod ferm aktar mgħaġġel mill-kumpens reali fis-siegħa, li jirriżulta f'diskrepanza persistenti bejn il-produttività u l-pagi u fi ħlas insuffiċjenti strutturali tal-ħaddiema meta mqabbel mal-valur li dawn joħolqu; billi din id-diskrepanza ma tistax tiġi spjegata mit-teknoloġija waħedha iżda tirrifletti għażliet istituzzjonali u ta' politika, inklużi negozjar kollettiv imdgħajjef, politiki li jrażżnu l-pagi u strateġiji ta' delokalizzazzjoni li naqqsu s-saħħa tan-negozjar tal-ħaddiema;

Or. en

Emenda 131

Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi l-ekonomija soċjali għandha rwol uniku fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet inklużivi u innovattivi fil-livell lokali biex tikkomplementa l-mudelli ekonomiċi tradizzjonali; billi l-appoġġ pubbliku għall-ekonomija soċjali huwa għoli, u 88 % tar-rispondenti tal-Ewrobarometru jappoġġjaw strateġiji u leġiżlazzjoni li jappoġġjaw l-edkonomija soċjali[7a];
	[7a] Ewrobarometru Speċjali 567: "Social Econonomy in the life of Europans" (L-Ekonomija Soċjali fil-ħajja tal-Ewropej), Ottubru 2025.

Or. en

Emenda 132
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hc. billi l-ekonomija soċjali hija komponent ewlieni tal-ekonomija tas-suq soċjali tal-UE, li tagħti prijorità lill-għanijiet soċjali u ambjentali fuq il-profitt u tinvesti mill-ġdid il-biċċa l-kbira tas-surplus tagħha għall-interess kollettiv; billi, skont il-Kummissjoni, madwar 6,3 % tal-popolazzjoni impjegata tal-UE kienet taħdem fl-ekonomija soċjali; billi l-UE għandha tiżviluppa bis-sħiħ il-potenzjal għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, l-innovazzjoni soċjali u l-forniment ta' prossimità u servizzi soċjali, b'mod

partikolari f'reġjuni b'livell għoli ta' qgħad, depopolazzjoni jew aċċess limitat għas-servizzi essenzjali;

Or. en

Emenda 133
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hd. billi d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv huma essenzjali għall-kompetittività, il-produttività tax-xogħol u l-koeżjoni soċjali tal-Unjoni; billi d-deregulazzjoni u enfasi limitata fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi jirriskjaw li jimminaw l-impjiegi ta' kwalità, kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u jżidu l-inugwaljanzi, u b'hekk jheddu t-tkabbir ġust u sostenibbli;

Or. en

Emenda 134
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq fuq il-vantaġġ kompetittiv tal-investiment fil-mudell soċjali tal-UE; jappella biex ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti ta' Letta u ta' Draghi, jiġu integrati fil-proċess tas-Semestru Ewropew; jilqa' l-	1. Jisħaq fuq il-vantaġġ kompetittiv tal-investiment fil-mudell soċjali tal-UE; jappella biex ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti ta' Letta u ta' Draghi, jiġu integrati fil-proċess tas-Semestru Ewropew ***b'mod***

integrazzjoni tal-EPSR fil-qafas tal-governanza ekonomika u jistieden lill-Istati Membri jieħdu vantaġġ mill-possibbiltà li jestendu l-perjodu ta' aġġustament għall-investiment fil-prijoritajiet tal-EPSR; jappella biex il-qafas integrat ta' governanza jiġi rifless fil-proċessi interni tal-istituzzjonijiet tal-UE, bil-korpi ekonomiċi u soċjali tagħhom involuti f'livelli ugwali;

ibbilanċjat, filwaqt li jiġi żgurat li l-miżuri biex tingħata spinta lill-kompetittività ma jimminawx id-drittijiet soċjali, is-servizzi pubbliċi jew l-istrutturi tan-negozjar kollettiv; jilqa' l-integrazzjoni tal-EPSR fil-qafas tal-governanza ekonomika u jistieden lill-Istati Membri jieħdu vantaġġ mill-possibbiltà li jestendu l-perjodu ta' aġġustament għall-investiment fil-prijoritajiet tal-EPSR; ***jisħaq fuq l-importanza li jintużaw it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali biex jiġu identifikati r-riskji u jiġi segwit il-progress fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi, fit-tishiħ tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, u fil-promozzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin;*** jappella biex il-qafas integrat ta' governanza jiġi rifless fil-proċessi interni tal-istituzzjonijiet tal-UE, bil-korpi ekonomiċi u soċjali tagħhom involuti f'livelli ugwali;

Or. en

Emenda 135
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq f***uq il-vantaġġ kompetittiv tal-investiment fil-mudell soċjali tal-UE; jappella biex ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u*** tal-istat soċjali***, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti ta' Letta u ta' Draghi, jiġu integrati fil-proċess tas-Semestru Ewropew; jilqa' l-integrazzjoni tal-EPSR fil-qafas tal-governanza ekonomika u jistieden lill-Istati Membri jieħdu vantaġġ mill-possibbiltà li jestendu l-perjodu ta' aġġustament għall-investiment fil-prijoritajiet tal-EPSR; jappella biex il-***	1. Jisħaq ***li, minħabba l-kriżi demografika profonda, l-UE qed tiffaċċja r-riskju tal-kollass tas-sistemi tal-pensjoni tagħha u tal-mudell*** tal-istat soċjali***; jenfasizza li l-kriżi demografika hija wkoll waħda mill-kawżi ewlenin tal-istaġnar ekonomiku u t-telf tal-kompetittività tal-UE***;

qafas integrat ta' governanza jiġi rifless fil-proċessi interni tal-istituzzjonijiet tal-UE, bil-korpi ekonomiċi u soċjali tagħhom involuti f'livelli ugwali;

Or. en

Emenda 136
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq fuq il-vantaġġ kompetittiv tal-investiment fil-mudell soċjali tal-UE; jappella biex ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti ta' Letta u ta' Draghi, jiġu integrati fil-proċess tas-Semestru Ewropew; jilqa' l-integrazzjoni tal-EPSR fil-qafas tal-governanza ekonomika u jistieden lill-Istati Membri jieħdu vantaġġ mill-possibbiltà li jestendu l-perjodu ta' aġġustament għall-investiment fil-prijoritajiet tal-EPSR; jappella biex il-qafas integrat ta' governanza jiġi rifless fil-proċessi interni tal-istituzzjonijiet tal-UE, bil-korpi ekonomiċi u soċjali tagħhom involuti f'livelli ugwali;	1. Jisħaq fuq il-vantaġġ kompetittiv tal-investiment fil-mudell soċjali tal-UE; jappella biex ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti ta' Letta u ta' Draghi, jiġu integrati fil-proċess tas-Semestru Ewropew; jilqa' l-integrazzjoni tal-EPSR fil-qafas tal-governanza ekonomika u jistieden lill-Istati Membri jieħdu vantaġġ mill-possibbiltà li jestendu l-perjodu ta' aġġustament għall-investiment fil-prijoritajiet tal-EPSR; jappella biex il-qafas integrat ta' governanza jiġi rifless fil-proċessi interni tal-istituzzjonijiet tal-UE, bil-korpi ekonomiċi u soċjali tagħhom involuti f'livelli ugwali; ***jisħaq li, minħabba ż-żieda fl-għoli tal-ħajja u t-tnawwir tal-kapaċità tal-akkwist, iż-żieda fl-impjieg ma ssarrafx awtomatikament fi standard tal-għajxien imtejjeb; jappella biex is-Semestru Ewropew iqis indikaturi tal-qligħ netti, sabiex ir-rakkomandazzjonijiet jirriflettu s-sitwazzjoni ekonomika reali tal-ħaddiema;***

Or. el

Emenda 137

Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq ***fuq il-vantaġġ kompetittiv tal-investiment fil-mudell soċjali tal-UE***; ***jappella biex ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti ta' Letta u ta' Draghi, jiġu integrati fil-proċess tas-Semestru Ewropew; jilqa' l-integrazzjoni tal-EPSR fil-qafas tal-governanza ekonomika u jistieden lill-Istati*** Membri ***jieħdu vantaġġ mill-possibbiltà li jestendu l-perjodu ta' aġġustament għall-investiment fil-prijoritajiet tal-EPSR; jappella biex il-qafas*** integrat ta' governanza ***jiġi rifless fil-proċessi interni tal-istituzzjonijiet tal-UE, bil-korpi*** ekonomiċi u soċjali ***tagħhom involuti f'livelli*** ugwali;	1. jisħaq ***li r-rakkomandazzjonijiet esterni ma jridux jiksru l-libertà tal-Istati*** Membri ***li jistabbilixxu, skont il-proċeduri kostituzzjonali tagħhom, il-baġits nazzjonali; billi r-rispett għar-rwol tal-parlamenti nazzjonali huwa l-unika garanzija demokratika fl-għażla tal-orjentazzjonijiet tal-politika soċjali u d-definizzjoni tal-prijoritajiet politiċi; jistma li dan ir-rwol ma jridx jiġi mxekkel jew limitat minn qafas*** integrat ta' governanza ***jew assoċjazzjoni*** ugwali ***ta' korpi*** ekonomiċi u soċjali;

Or. fr

Emenda 138
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq fuq il-vantaġġ kompetittiv ***tal-investiment*** fil-mudell soċjali tal-UE; jappella biex ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti ta' Letta u ta' Draghi, jiġu integrati fil-proċess tas-Semestru Ewropew; jilqa' l-integrazzjoni tal-EPSR fil-qafas tal-governanza ekonomika u jistieden lill-Istati Membri jieħdu vantaġġ mill-possibbiltà li	1. Jisħaq fuq ***il-ħtieġa li jiġi żgurat*** vantaġġ kompetittiv ***meta jsir investiment*** fil-mudell soċjali tal-UE; jappella biex ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti ta' Letta u ta' Draghi, jiġu integrati fil-proċess tas-Semestru Ewropew; jilqa' l-integrazzjoni tal-EPSR fil-qafas tal-governanza ekonomika u jistieden lill-Istati Membri

jestendu l-perjodu ta' aġġustament għall-investiment fil-prijoritajiet tal-EPSR; jappella biex il-qafas integrat ta' governanza jiġi rifless fil-proċessi interni tal-istituzzjonijiet tal-UE, bil-korpi ekonomiċi u soċjali tagħhom involuti f'livelli ugwali;	jieħdu vantaġġ mill-possibbiltà li jestendu l-perjodu ta' aġġustament għall-investiment fil-prijoritajiet tal-EPSR; jappella biex il-qafas integrat ta' governanza jiġi rifless fil-proċessi interni tal-istituzzjonijiet tal-UE, bil-korpi ekonomiċi u soċjali tagħhom involuti f'livelli ugwali; ***jissottolinja li l-investiment soċjali jrid jitfassal b'mod sostenibbli mil-lat fiskali u bbażat fuq analiżijiet robusti tal-kostijiet u l-benefiċċji fil-livell nazzjonali;***

Or. en

Emenda 139
Pál Szekeres, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq fuq ***il-vantaġġ kompetittiv*** tal-investiment fil-mudell soċjali tal-UE; ***jappella biex ir-rakkomandazzjonijiet*** tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti ta' Letta u ta' Draghi, ***jiġu integrati fil-proċess*** tas-Semestru Ewropew; ***jilqa'*** l-integrazzjoni tal-EPSR fil-qafas tal-governanza ekonomika u jistieden lill-Istati Membri ***jieħdu vantaġġ*** mill-possibbiltà li jestendu l-perjodu ta' aġġustament għall-investiment fil-prijoritajiet tal-EPSR; ***jappella biex il-qafas integrat ta' governanza jiġi rifless fil-proċessi interni tal-istituzzjonijiet tal-UE, bil-korpi ekonomiċi u soċjali tagħhom involuti f'livelli ugwali;***	1. Jisħaq fuq ***il-benefiċċji potenzjali*** tal-investiment fil-mudell soċjali tal-UE; ***jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jqisu r-rakkomandazzjonijiet*** tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti ta' Letta u ta' Draghi, ***meta jimplimentaw il-proċess*** tas-Semestru Ewropew; ***jesprimi tħassib dwar*** l-integrazzjoni tal-EPSR fil-qafas tal-governanza ekonomika u jistieden lill-Istati Membri ***jagħmlu użu*** mill-possibbiltà li jestendu l-perjodu ta' aġġustament għall-investiment fil-prijoritajiet tal-EPSR;

Or. en

Emenda 140

Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq fuq il-vantaġġ kompetittiv tal-investiment fil-mudell soċjali tal-UE; jappella biex ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti ta' Letta u ta' Draghi, jiġu integrati fil-proċess tas-Semestru Ewropew; jilqa' l-integrazzjoni tal-EPSR fil-qafas tal-governanza ekonomika u jistieden lill-Istati Membri jieħdu vantaġġ mill-possibbiltà li jestendu l-perjodu ta' aġġustament għall-investiment fil-prijoritajiet tal-EPSR; jappella biex il-qafas integrat ta' governanza jiġi rifless fil-proċessi interni tal-istituzzjonijiet tal-UE, bil-korpi ekonomiċi u soċjali tagħhom involuti f'livelli ugwali;	1. Jisħaq fuq il-vantaġġ kompetittiv tal-investiment fil-mudell soċjali tal-UE; jappella biex ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti ta' Letta u ta' Draghi***, dment li dawn jikkonsolidaw il-miri tal-EPSR***, jiġu integrati fil-proċess tas-Semestru Ewropew; jilqa' l-integrazzjoni tal-EPSR fil-qafas tal-governanza ekonomika u jistieden lill-Istati Membri jieħdu vantaġġ mill-possibbiltà li jestendu l-perjodu ta' aġġustament għall-investiment fil-prijoritajiet tal-EPSR ***u jaħdmu lejn il-ġustizzja soċjali u l-konverġenza 'l fuq***; jappella biex il-qafas integrat ta' governanza jiġi rifless fil-proċessi interni tal-istituzzjonijiet tal-UE, bil-korpi ekonomiċi u soċjali tagħhom involuti f'livelli ugwali;

Or. en

Emenda 141
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq fuq il-vantaġġ kompetittiv tal-investiment fil-mudell soċjali tal-UE; jappella biex ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti ta' Letta u ta' Draghi, jiġu integrati fil-proċess tas-Semestru Ewropew; jilqa' l-	1. Jisħaq fuq il-vantaġġ kompetittiv tal-investiment fil-mudell soċjali tal-UE; jappella biex ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti ta' Letta u ta' Draghi, jiġu integrati fil-proċess tas-Semestru Ewropew ***sabiex tiġi***

integrazzjoni tal-EPSR fil-qafas tal-governanza ekonomika u jistieden lill-Istati Membri jieħdu vantaġġ mill-possibbiltà li jestendu l-perjodu ta' aġġustament għall-investiment fil-prijoritajiet tal-EPSR; jappella biex il-qafas integrat ta' governanza jiġi rifless fil-proċessi interni tal-istituzzjonijiet tal-UE, bil-korpi ekonomiċi u soċjali tagħhom involuti f'livelli ugwali;

protetta u msaħħa l-ekonomija tas-suq soċjali tal-UE; jilqa' l-integrazzjoni tal-EPSR fil-qafas tal-governanza ekonomika u jistieden lill-Istati Membri jieħdu vantaġġ mill-possibbiltà li jestendu l-perjodu ta' aġġustament għall-investiment fil-prijoritajiet tal-EPSR; jappella biex il-qafas integrat ta' governanza jiġi rifless fil-proċessi interni tal-istituzzjonijiet tal-UE, bil-korpi ekonomiċi u soċjali tagħhom involuti f'livelli ugwali;

Or. en

Emenda 142
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Iqis li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-politiki fiskali fis-Semestru Ewropew jappoġġjaw investimenti allinjati mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jisħaq li tali investiment soċjali huwa essenzjali għall-koeżjoni soċjali, il-konverġenza 'l fuq, is-sostenibbiltà ekonomika fit-tul u għall-indirizzar tal-isfidi identifikati permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali;

Or. en

Emenda 143
Pál Szekeres, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

1a. Jissuġġerixxi li l-qafas ta' governanza integrat jiġi rifless fil-proċessi interni tal-istituzzjonijiet tal-UE, filwaqt li jiġu involuti l-korpi ekonomiċi u soċjali tagħhom sa punt ibbilanċjat mingħajr ma jintużaw standards doppji u politiċi f'termini ta' deċiżjonijiet ekonomiċi li jgħinu l-kompetittività, il-produttività, l-aċċess sħiħ taċ-ċittadini kollha tal-UE għall-edukazzjoni għolja (Erasmus) u t-tranżizzjonijiet tal-ekonomiji tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 144
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jisħaq li t-tisħiħ tal-impjiegi u l-ħiliet jirrikjedi ambjent tan-negozju li jippermetti lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jikbru; iwissi li l-piż regolatorju eċċessiv jaqa' b'mod sproporzjonat fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u jillimita l-ħila tagħhom li joffru impjiegi ta' kwalità;

Or. el

Emenda 145
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' data u analiżi dwar l-inugwaljanza fil-ġid

	u l-konċentrazzjoni tal-ġid fl-UE peress li dan huwa wieħed mid-determinanti ewlenin tal-faqar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw l-impatt soċjoekonomiċu tal-inugwaljanzi fil-ġid u jipproponu b'mod urġenti miżuri li jiżguraw distribuzzjoni aktar ġusta tal-ġid u r-riżorsi sabiex ikun jista' jsir progress lejn it-tnaqqis tal-faqar bi 15-il miljun fl-2030 kif ukoll biex titwessa' l-klassi medja;

Or. en

Emenda 146
Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw l-EPSR; jappella biex il-miri tal-pjan ta' azzjoni tal-EPSR jiġu inkorporati fil-qalba tas-Semestru Ewropew billi jsiru punti ta' riferiment fil-valutazzjonijiet tas-Semestru Ewropew;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 147
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw l-EPSR; jappella biex il-miri tal-pjan ta' azzjoni tal-EPSR jiġu	***imħassar***

inkorporati fil-qalba tas-Semestru Ewropew billi jsiru punti ta' riferiment fil-valutazzjonijiet tas-Semestru Ewropew;

Or. en

Emenda 148
Pál Szekeres, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw l-EPSR; jappella biex il-miri tal-pjan ta' azzjoni tal-EPSR jiġu inkorporati fil-qalba tas-Semestru Ewropew billi jsiru punti ta' riferiment fil-valutazzjonijiet tas-Semestru Ewropew;	***imħassar***

Or. en

Emenda 149
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw l-EPSR; jappella biex il-miri tal-pjan ta' azzjoni tal-EPSR jiġu inkorporati fil-qalba tas-Semestru Ewropew billi jsiru punti ta' riferiment fil-valutazzjonijiet tas-Semestru Ewropew;	***imħassar***

Or. en

Emenda 150

Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw l-EPSR***; jappella biex il-miri tal-pjan ta' azzjoni tal-EPSR jiġu inkorporati fil-qalba tas-Semestru Ewropew billi jsiru punti ta' riferiment fil-valutazzjonijiet tas-Semestru Ewropew;	2. ***Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jaċċelleraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-EPSR***; jappella biex il-miri tal-pjan ta' azzjoni tal-EPSR jiġu inkorporati fil-qalba tas-Semestru Ewropew billi jsiru punti ta' riferiment fil-valutazzjonijiet tas-Semestru Ewropew; ***jinnota li r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2026 jagħmel enfasi kbira fuq in-nuqqas ta' ħiliet u ta' ħaddiema u ma jipprovdix b'mod suffiċjenti valutazzjoni komprensiva tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR); jisħaq li dan ir-riskju ta' enfasi limitata ħafna mhuwiex konformi bis-sħiħ mar-Regolament (UE) 2024/1263, li jirrikjedi monitoraġġ sistematiku tal-20 prinċipju kollha tal-EPSR, inklużi t-tnaqqis tal-faqar, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, u l-protezzjoni soċjali; jistieden lill-Kummissjoni tirrettifika dan l-iżbilanċ fiċ-ċikli futuri biex tiġi żgurata stampa preċiża u kompluta tas-sitwazzjoni soċjali fl-UE;***

Or. en

Emenda 151
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iqis li l-Kummissjoni u ***l-Kunsill*** għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw l-EPSR; jappella biex il-miri tal-pjan ta' azzjoni tal-EPSR jiġu	2. Iqis li l-Kummissjoni u ***l-Istati Membri*** għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw l-EPSR; ***jilqa', f'dan ir-rigward, it-tħabbira ta' Pjan ta'***

inkorporati fil-qalba tas-Semestru Ewropew billi jsiru punti ta' riferiment fil-valutazzjonijiet tas-Semestru Ewropew;	***Azzjoni ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-EPSR sabiex jingħata impetu ġdid lill-progress soċjali; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Pjan ta' Azzjoni aġġornat ikun fih proposti ambizzjużi biex jiġu indirizzati l-faqar u l-esklużjoni soċjali u miżuri ta' appoġġ għall-ħaddiema biex jimmaniġġjaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali b'mod partikolari fir-rigward tal-ħiliet, il-VET u t-tagħlim tul il-ħajja;*** jappella biex il-miri tal-pjan ta' azzjoni tal-EPSR jiġu inkorporati fil-qalba tas-Semestru Ewropew billi jsiru punti ta' riferiment fil-valutazzjonijiet tas-Semestru Ewropew;

Or. en

Emenda 152
Nela Riehl
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw ***l-EPSR***; jappella biex il-miri tal-pjan ta' azzjoni tal-EPSR jiġu inkorporati fil-qalba tas-Semestru Ewropew billi jsiru punti ta' riferiment fil-valutazzjonijiet tas-Semestru Ewropew;	2. Iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom isaħħu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw ***il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR)***; jappella biex il-miri tal-pjan ta' azzjoni tal-EPSR jiġu inkorporati fil-qalba tas-Semestru Ewropew billi jsiru punti ta' riferiment fil-valutazzjonijiet tas-Semestru Ewropew; ***jisħaq li s-segwitu għall-pjan ta' azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jrid isarraf l-impenji politiċi f'miżuri konkreti, permezz ta' miri ċari, li jistgħu jitkejlu u indikaturi ta' monitoraġġ robusti;***

Or. en

Emenda 153

Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2 a. Huwa mħasseb li, fl-2024, 93,3 miljun ruħ fl-UE kienu għadhom f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali; jisħaq li, mingħajr bidla fundamentali fl-approċċ għall-ġlieda kontra l-faqar, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha mhux se jilħqu l-objettivi tagħhom għat-tnaqqis tal-faqar; jemmen li t-tħabbira tal-ewwel Strateġija tal-UE Kontra l-Faqar hija pass fid-direzzjoni t-tajba lejn it-treġġigħ lura tat-tendenza, iżda trid tipprovdi approċċ komprensiv biex jiġu indirizzati l-aspetti multidimensjonali tal-faqar u l-esklużjoni soċjali b'azzjonijiet konkreti, allokazzjoni baġitarja soda, u implimentazzjoni u monitoraġġ rigoruż; jisħaq ukoll li din l-Istrateġija għandha tpoġġi l-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal fil-qalba tagħha sabiex tkisser iċ-ċiklu tal-faqar;

Or. en

Emenda 154
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Iqis li l-miri tal-EPSR għandhom jinfurmaw il-valutazzjonijiet tas-Semestru Ewropew bħala punti referenzjarji ta' orjentazzjoni mhux vinkolanti, filwaqt li jippermettu d-diskrezzjoni tal-Istati Membri dwar kif għandhom jilħqu dawn il-miri b'mod konsistenti mal-kompetenzi nazzjonali u r-restrizzjonijiet baġitarji;

Or. en

Emenda 155
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jisħaq li l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar pagi minimi adegwati hija essenzjali għall-ġlieda kontra l-faqar fost min għandu xogħol u għall-inċentivar tax-xogħol; jilqa' l-effetti pożittivi ta' din id-Direttiva fit-tnaqqis tad-diskrepanza bejn il-pagi minimi u medji fl-Istati Membri u fuq il-konverġenza tal-pagi madwar l-Ewropa; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat u jfakkar li direttiva tal-UE dwar introjtu minimu adegwat u inklużjoni soċjali attiva, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, tindirizza l-lakuni fl-acquis soċjali tal-UE billi tikkontribwixxi għall-għanijiet tat-tnaqqis tal-faqar filwaqt li trawwem l-integrazzjoni attiva tal-persuni assenti mis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 156
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta l-miri tal-pjan ta' azzjoni tal-EPSR b'mod gradwali u proporzjonat, li jippermetti lill-Istati Membri biżżejjed perjodi ta' aġġustament u arranġamenti tranżizzjonali;

Or. en

Emenda 157
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2c. Jilqa' l-fatt li analiżi tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għat-Tfal hija inkluża fir-rapporti kollha tal-pajjiżi fil-Pakkett tar-rebbiegħa 2025, u jitlob li din il-prattika tiġi segwita fiċ-ċikli futuri tas-Semestru Ewropew; jesprimi dispjaċir, madankollu, għan-nuqqas ta' segwitu għal dawn is-sejbiet, filwaqt li fl-2025 żewġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biss appellaw għal azzjoni biex jiġi indirizzat il-faqar fost it-tfal; itenni f'dan ir-rigward it-talba tiegħu biex jiżdied il-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ta' mill-anqas EUR 20 biljun u biex l-Istati Membri jallokaw mill-inqas 5 % tal-fondi FSE+ allokati tagħhom għall-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal u għall-promozzjoni tal-benesseri tat-tfal, u mill-anqas 10 % jiġu allokati għall-Istati Membri b'livelli ta' faqar fost it-tfal li jaqbżu l-medja tal-UE;

Or. en

Emenda 158
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2d. Iqis li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għandhom jirriflettu l-konformità baġitarja tal-Istati Membri

	mar-rekwiżiti ta' allokazzjoni minima għall-indirizzar tal-faqar fost it-tfal stabbilit fir-Regolament FSE+; jisħaq fuq l-importanza tan-negozjati li jmiss dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali sabiex jiġi pprovdut baġit ambizzjuż għall-Garanzija tat-Tfal u tiġi indirizzata l-isfida dejjem akbar tal-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 159
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jilqa' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li teqred il-faqar sal-2050 u l-intenzjoni tagħha li tipproponi att dwar impjiegi ta' kwalità; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm koerenza bejn is-Semestru Ewropew, is-segwitu għall-pjan ta' azzjoni tal-EPSR u dawn l-istrumenti futuri, u li jkollhom miri li jistgħu jitkejlu u rakkomandazzjonijiet korrispondenti speċifiċi għall-pajjiż;	***imħassar***

Or. en

Emenda 160
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jilqa' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li teqred il-faqar sal-2050 u l-intenzjoni tagħha li tipproponi att dwar	3. Jilqa' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li teqred il-faqar sal-2050 u l-intenzjoni tagħha li tipproponi att dwar

impjiegi ta’ kwalità; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm koerenza bejn is-Semestru Ewropew, is-segwitu għall-pjan ta’ azzjoni tal-EPSR u dawn l-istrumenti futuri, u li jkollhom miri li jistgħu jitkejlu u rakkomandazzjonijiet korrispondenti speċifiċi għall-pajjiż;

impjiegi ta’ kwalità ***u l-ewwel Strateġija tal-UE Kontra l-Faqar***; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm koerenza bejn is-Semestru Ewropew, is-segwitu għall-pjan ta’ azzjoni tal-EPSR u dawn l-istrumenti futuri, u li jkollhom miri li jistgħu jitkejlu u rakkomandazzjonijiet korrispondenti speċifiċi għall-pajjiż; ***iqis li azzjoni tal-UE hija meħtieġa b’mod urġenti biex jiġu indirizzati l-livelli persistentement għoljin ta’ faqar u esklużjoni soċjali fl-UE, b’mod partikolari fost it-tfal, iż-żgħażagħ u l-persuni akbar fl-età, il-persuni b’diżabbiltà, l-individwi li ma twildux fl-UE, il-persuni LGBTI u l-komunitajiet Rom; jisħaq li għandha tingħata prijorità lill-aċċess għal servizzi soċjali ta’ kwalità għolja, inkluż permezz ta’ miri li jistgħu jitkejlu u marbuta biż-żmien biex titnaqqas il-problema ta’ persuni mingħajr dar u tiġi żgurata s-sigurtà tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli;***

Or. en

Emenda 161
Nela Riehl
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jilqa’ l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li teqred il-faqar sal-2050 u l-intenzjoni tagħha li tipproponi att dwar impjiegi ta’ kwalità; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm koerenza bejn is-Semestru Ewropew, is-segwitu għall-pjan ta’ azzjoni tal-EPSR u dawn l-istrumenti futuri, u li jkollhom miri li jistgħu jitkejlu u rakkomandazzjonijiet korrispondenti speċifiċi għall-pajjiż;	3. Jilqa’ l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li teqred il-faqar sal-2050 u l-intenzjoni tagħha li tipproponi att dwar impjiegi ta’ kwalità; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li tali att jindirizza l-ġestjoni algoritmika fil-post tax-xogħol, it-tranżizzjoni ġusta, ir-riskji psikosoċjali u d-dritt għall-iskonnessjoni u t-telexogħol, sabiex jiġi żgurat ambjent ta’ xogħol reali, sikur u modern għal kulħadd;*** jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm koerenza bejn is-Semestru Ewropew, is-segwitu għall-pjan ta’ azzjoni

tal-EPSR u dawn l-istrumenti futuri, u li jkollhom miri li jistgħu jitkejlu u rakkomandazzjonijiet korrispondenti speċifiċi għall-pajjiż;

Or. en

Emenda 162
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jilqa' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li teqred il-faqar sal-2050 u l-intenzjoni tagħha li tipproponi att dwar impjiegi ta' kwalità; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm koerenza bejn is-Semestru Ewropew, is-segwitu għall-pjan ta' azzjoni tal-EPSR u dawn l-istrumenti futuri, u li jkollhom miri li jistgħu jitkejlu u rakkomandazzjonijiet korrispondenti speċifiċi għall-pajjiż;	3. Jilqa' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li teqred il-faqar sal-2050 u l-intenzjoni tagħha li tipproponi att dwar impjiegi ta' kwalità***, Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli kif ukoll li ssaħħaħ il-Garanzija Ewropea għat-Tfal***; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm koerenza bejn is-Semestru Ewropew, is-segwitu għall-pjan ta' azzjoni tal-EPSR u dawn l-istrumenti futuri, u li jkollhom miri li jistgħu jitkejlu u rakkomandazzjonijiet korrispondenti speċifiċi għall-pajjiż;

Or. en

Emenda 163
Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. ***Jilqa'*** l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li teqred il-faqar sal-2050 u l-intenzjoni tagħha li tipproponi att dwar impjiegi ta' kwalità; ***jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm koerenza bejn is-Semestru Ewropew, is-segwitu għall-pjan ta' azzjoni tal-EPSR u dawn l-istrumenti futuri, u li***	3. ***Jinnota*** l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li teqred il-faqar sal-2050 u l-intenzjoni tagħha li tipproponi att dwar impjiegi ta' kwalità; ***ifakkar li sabiex isir kontribut għal dawn il-miri nobbli, huwa meħtieġ li jkun hemm ritorn għall-prosperità ekonomika; iħeġġeġ għalhekk***

jkollhom miri li jistgħu jitkejlu u rakkomandazzjonijiet korrispondenti speċifiċi għall-pajjiż;	***li l-Kummissjoni tuża l-prerogattivi mogħtija lilha permezz tat-Trattati, u li tikkontribwixxi għal dawn l-għanijiet billi ttejjeb il-kompetittività fl-Ewropa, aktar milli tnaqqas il-konsegwenzi billi tinjora l-prinċipju tas-sussidjarjetà***;

Or. fr

Emenda 164
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jilqa' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li teqred il-faqar sal-2050 u l-intenzjoni tagħha li tipproponi att dwar impjiegi ta' kwalità; ***jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm koerenza bejn is-Semestru Ewropew, is-segwitu għall-pjan ta' azzjoni tal-EPSR u*** dawn ***l-istrumenti futuri, u li jkollhom miri li jistgħu jitkejlu u rakkomandazzjonijiet korrispondenti speċifiċi għall-pajjiż***;	3. Jilqa' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li teqred il-faqar sal-2050 u l-intenzjoni tagħha li tipproponi att dwar impjiegi ta' kwalità; ***jisħaq li t-tifsira tat-terminu "impjieg ta' kwalità" trid tintrabat ma' produttività miżjuda, titjib tal-ħiliet u t-tisħiħ teknoloġiku tan-negozji; jissottolinja li jekk*** dawn ***il-fatturi jkunu neqsin, il-kundizzjonijiet tal-paga u tax-xogħol ma jistgħux jitjiebu b'mod sostenibbli u sinifikattiv***;

Or. el

Emenda 165
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jilqa' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li teqred il-faqar sal-2050 ***u l-intenzjoni tagħha li tipproponi att dwar impjiegi ta' kwalità; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm koerenza bejn is-Semestru***	3. Jilqa' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li teqred il-faqar sal-2050***; jisħaq li l-progress f'dan il-qasam jista' jsir biss fil-livell nazzjonali u li r-rwol tal-Kummissjoni u ta' korpi oħra tal-UE***

Ewropew, is-segwitu għall-pjan ta' azzjoni tal-EPSR u dawn l-istrumenti futuri, u li jkollhom miri li jistgħu jitkejlu u rakkomandazzjonijiet korrispondenti speċifiċi għall-pajjiż;

f'dan ir-rigward huwa li jappoġġjaw l-isforzi tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 166
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Ifakkar li l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità huwa essenzjali biex tiġi attirata forza tax-xogħol b'ħiliet u biex l-impjegaturi jiġu inċentivati jinvestu fl-iżvilupp tal-ħiliet tal-ħaddiema; ifakkar li d-diffikultajiet fir-reklutaġġ u l-isparigġi fil-ħiliet spiss jirriżultaw minn kwalità fqira tal-impjiegi, nuqqas ta' politika tal-HR orjentata lejn il-persuni u opportunitajiet ta' tfassil tal-impjiegi mhux sfruttati;[6a] jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-kwistjoni permezz tal-Att dwar l-Impjiegi ta' Kwalità u l-Unjoni tal-Ħiliet billi tadatta l-politiki tat-titjib tal-ħiliet u tat-taħriġ mill-ġdid u tintroduċi miżuri li jippromwovu kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, inkluż fl-ambjent tax-xogħol diġitali u awtomatizzat; jisħaq li ġestjoni algoritmika trasparenti u l-obbligu ta' rendikont huma essenzjali għal impjiegi ta' kwalità; jenfasizza li l-kwalità tal-impjiegi u x-xogħol deċenti[6b] huma essenzjali għal Ewropa b'saħħitha u reżiljenti u jridu jiġu vvalutati permezz ta' qafas ta' monitoraġġ komprensiv (bħal dak tal-Eurofound u l-ILO) li jmur lil hinn mill-pagi u s-sigurtà tal-impjiegi biex jinkludi l-ambjent tax-xogħol fiżiku u

soċjali, il-ħin tax-xogħol, l-intensità tax-xogħol, il-ħiliet u l-awtonomija, il-prospetti tal-karrieri, l-aċċess għal taħriġ u taħriġ mill-ġdid;[6c]

6a

https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0079_MT.html

6b

https://www.ilo.org/sites/default/files/wcmsp5/groups/public/@europe/@ro-geneva/@ilo-lisbon/documents/event/wcms_667247.pdf

[6c] ***L-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol 2024: Rapport ġenerali | Eurofound***

Or. en

Emenda 167
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jissottolinja li l-qerda tal-faqar uriet li hija waħda mill-aktar sfidi kumplessi fil-qafas ekonomiku attwali tas-soċjetajiet tal-Punent, viżibbli b'mod ċar mill-fatt li l-faqar naqas maż-żmien, minkejja t-tkabbir tal-PDG u t-tnaqqis tal-qgħad; jenfasizza li l-bini ta' soċjetà ġusta li ma tħalli l-ebda lok għall-faqar jirrikjedi qafas ta' governanza biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi multidimensjonali u li l-qerda tal-faqar sal-2050 se tinkiseb biss billi jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-faqar u l-inugwaljanza permezz ta' sett komprensiv ta' objettivi, passi importanti u miżuri strutturali obbligatorji; jappella f'dan il-kuntest Liġi Ewropea Kontra l-Faqar, li

tistabbilixxi l-mira obbligatorja tal-UE għall-qerda tal-faqar sal-2050, b'miri intermedji u pjanijiet nazzjonali vinkolanti, li jaqdu bħala qafas legali ewlieni bil-għan li tinbena Unjoni Ewropea ta' benesseri, opportunitajiet u prosperità għal kulhadd;

Or. en

Emenda 168
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jilqa' l-prijorità mogħtija lill-kwalità tal-impjiegi bil-pubblikazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità; jirrikonoxxi li l-kwalità tal-impjiegi tkopri diversi kriterji li jikkombinaw ir-remunerazzjoni, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-sigurtà tal-impjiegi, l-opportunitajiet għall-iżvilupp, is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-aċċess għall-protezzjoni soċjali; jisħaq li l-aċċess għal servizzi ta' kwalità bħall-edukazzjoni bikrija tat-tfal u l-kura u l-kura tas-saħħa, jagħmlu wkoll parti minn dan il-Pjan Direzzjonali, peress li dawn jippermettu lill-ħaddiema jipparteċipaw u jintegraw b'mod sostenibbli fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 169
Pál Szekeres, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jirrikonoxxi l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li teqred il-faqar sal-2050 u l-intenzjoni tagħha li tipproponi att dwar impjiegi ta' kwalità; jisħaq li kwalunkwe inizjattiva, inkluż is-Semestru Ewropew u s-segwitu għall-pjan ta' azzjoni tal-EPSR, għandha tirrispetta l-kompetenzi tal-Istati Membri u tiġi implimentata f'konformità mal-prijoritajiet nazzjonali mingħajr standards doppji, b'miri li jistgħu jitkejlu u, fejn xieraq, gwida speċifika għall-pajjiż;

Or. en

Emenda 170
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi att dwar impjiegi ta' kwalità; jenfasizza li kwalunkwe inizjattiva għandha tippreżerva d-diversità tas-suq tax-xogħol fost l-Istati Membri u tevita piż regolatorju sproporzjonat fuq l-SMEs;

Or. en

Emenda 171
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jisħaq li biex it-tfal jinħarġu mill-faqar u l-esklużjoni soċjali huwa

essenzjali li titwaqqaf it-trażmissjoni interġenerazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ u malajr il-Garanzija Ewropea għat-Tfal fl-Istati Membri kollha, inklużi miżuri biex tissaħħaħ il-Garanzija għat-Tfal permezz ta' żieda mill-baġit iddedikat tagħha għal mill-inqas EUR 20 biljun u monitoraġġ b'saħħtu, u jirriflettu dan fis-Semestru Ewropew permezz ta' rakkomandazzjonijiet ambizzjużi speċifiċi għall-pajjiż u rapportar regolari dwar il-progress; jitlob ukoll li ssir reviżjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali biex tinkludi indikaturi li jirriflettu bis-sħiħ il-kawżi u x-xejriet tal-faqar u l-inugwaljanza u li jiġi stabbilit Indiċi tal-Progress Soċjali biex ikejjel it-tnaqqis tal-inugwaljanzi, l-aċċess għall-opportunitajiet u t-titjib tal-benesseri, imsejjes fuq data diżaggregata li tirrifletti l-gruppi diversi tal-popolazzjoni, u li l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-EIGE jiġi inkluż fit-tabella ta' valutazzjoni soċjali;

Or. en

Emenda 172
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jissottolinja l-ħtieġa li s-CSRs maħruġa fl-ambitu tas-Semestru Ewropew jinkludu miżuri li jiżguraw it-trattament ugwali u l-aċċess tal-persuni b'diżabbiltà għall-protezzjoni soċjali, is-servizzi soċjali essenzjali bħas-saħħa u l-kura, l-edukazzjoni u l-akkomodazzjoni, u s-suq tax-xogħol, allinjati mar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-

persuni b'diżabbiltà wara l-2024;[7a]

[7a] https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-10-2025-0308_MT.html

Or. en

Emenda 173
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jirrimarka li d-diġitalizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali għandhom il-potenzjal li jtejbu l-effiċjenza u l-kwalità tax-xogħol, u b'hekk jagħtu spinta lill-produttività; jisħaq, madankollu, fuq il-ħtieġa li jiġu żviluppati regoli ċari u vinkolanti dwar l-użu tal-IA u l-ġestjoni algoritmika fid-dinja tax-xogħol, inklużi salvagwardji kontra d-diskriminazzjoni u r-riskji psikosoċjali;

Or. en

Emenda 174
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jitlob lill-Kummissjoni tinkludi fir-rapporti tal-pajjiż valutazzjoni tal-proporzjonalità u tal-kostijiet amministrattivi tar-riformi proposti u tqis alternattivi ta' anqas piż meta jkunu disponibbli;

Or. en

Emenda 175
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3c. Jenfasizza li l-faqar mhuwiex biss kwistjoni ta' skarsezza tar-riżorsi iżda wkoll problema ta' inugwaljanzi u l-konċentrazzjoni tal-ġid u r-riżorsi f'idejn il-ftit; jissottolinja l-ħtieġa li jsir investiment fil-persuni u li jiġu protetti dawk l-aktar vulnerabbli, li jridu jkunu l-prinċipji gwida ta' kwalunkwe politika tal-UE bil-ħsieb li teqred il-faqar sal-2050; jitlob, f'dan il-kuntest, Direttiva Ewropea dwar qafas għal skemi ta' introjtu minimu, bl-iskop li tissalvagwardja d-dritt għal ħajja deċenti, filwaqt li tiżgura li kull persuna fil-bżonn fl-Ewropa tkun koperta minn skema ta' introjtu minimu;

Or. en

Emenda 176
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3c. Jistieden lill-Kummissjoni biex fl-Att dwar l-Impjiegi ta' Kwalità li jmiss tinkludi miżuri li jirregolaw il-kundizzjonijiet tat-telexogħol u d-dritt għall-iskonnessjoni madwar l-UE bħala miżura essenzjali biex jiġi żgurat il-benesseri mentali tal-ħaddiema tal-UE u tiġi kkomplementata d-direttiva dwar il-

bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata; jappella wkoll biex dan l-Att dwar l-Impjiegi ta' Kwalità jindirizza r-riskji psikosoċjali u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 177
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3d. Itenni li impjiegi deċenti u sistemi ta' negozjar kollettiv b'saħħithom huma essenzjali biex jitnaqqas il-faqar fost min għandu xogħol u tiġi żgurata d-domanda domestika; jinnota li, skont ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2026, żidiet reċenti fil-pagi minimi statutorji, spiss 'il fuq minn 20 % bejn l-2022 u l-2025 u 'l fuq minn 40 % f'diversi Stati Membri, għenu biex tiġi protetta l-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema b'paga baxxa u appoġġjaw it-tkabbir tal-paga f'setturi b'paga baxxa, iżda li fl-2024 il-faqar fost min għandu xogħol xorta affettwa 8,2 % tal-ħaddiema u l-pagi reali f'ħafna pajjiżi għadhom ma rritornawx għal-livelli ta' qabel il-pandemija; jinnota li, matul l-aħħar deċennji, il-produttività tal-ħaddiema fis-siegħa kibret b'rata aktar mgħaġġla mill-kumpens reali fis-siegħa, u dan jiftaħ lakuna persistenti bejn il-produttività u l-pagi u jikkontribwixxi għal telf strutturali tal-kapaċità tal-akkwist u l-istandards tal-għajxien tal-ħaddiema; jisħaq li ż-żidiet fil-produttività jridu jissarrfu f'paga ġusta sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jieħdu sehem mill-valur ekonomiku li joħolqu u s-sehem tal-introjtu mix-xogħol ikun jista' jiġi stabbilizzat; jistieden lill-Kummissjoni

timmonitorja l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar Paga Minima anke fil-qafas tas-Semestru Ewropew, u tiżgura li l-Istati Membri jippromwovu l-kopertura tan-negozjar kollettiv;

Or. en

Emenda 178
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3d. Ifakkar bi tħassib fid-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà ta' 24 %; jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-Istrateġija tal-UE għad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà b'inizjattivi u azzjonijiet ewlenin ġodda mill-2026 'il quddiem li jiżguraw il-konformità tal-UE u tal-Istati Membri mal-UNCRPD u b'mod partikolari jindirizzaw l-inklużjoni soċjali u l-għajxien indipendenti tal-persuni b'diżabbiltà, l-ostakli li fadal għall-moviment liberu tagħhom u jiżguraw l-aċċess tagħhom għal edukazzjoni, taħriġ u impjieg ta' kwalità billi tiġi stabbilita Garanzija Ewropea għall-Impjieg u l-Ħiliet tal-Persuni b'Diżabbiltà;

Or. en

Emenda 179
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3e. Jesprimi tħassib li r-Rom

għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti għall-impjieg, bi preġudizzji persistenti li jillimitaw il-prospetti tagħhom; jisħaq li l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u stereotipi hija kruċjali biex jiġi żgurat suq tax-xogħol inklużiv; jenfasizza l-għan tal-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom li jnaqqas bin-nofs id-differenza fl-impjiegi bejn ir-Rom u l-popolazzjoni ġenerali u li jiżgura li mill-anqas 60 % tar-Rom ikollhom xogħol bi ħlas sal-2030 iżda jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' progress fl-aċċess tagħhom għall-impjiegi u s-sehem dejjem akbar ta' Rom li huma barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ;

Or. en

Emenda 180
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3e. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod sistematiku u tagħmel trasparenti l-kontribuzzjonijiet rispettivi tal-profitti, il-marġnijiet kummerċjali, il-pagi u t-taxxi għall-inflazzjoni u għad-distribuzzjoni tal-valur miżjud bejn il-kapital u l-manodopera, u tirrifletti din l-analiżi fil-gwida ta' politika u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tagħha;

Or. en

Emenda 181
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 3f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3f. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-objettivi tal-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom mhumiex qed jiġu segwiti b'mod aktar attiv fl-Istati Membri u mhumiex qed jingħataw attenzjoni aktar sostnuta fil-proċess tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; iħeġġeġ lill-Istati Membri jadottaw approċċ integrat u ffukat fuq l-ugwaljanza u jiżguraw li l-politiki u s-servizzi pubbliċi jilħqu b'mod effettiv lir-Rom kollha, inklużi dawk f'żoni rurali remoti; iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva dwar il-Korpi tal-Ugwaljanza u jiżguraw li ksur serju tal-obbligi kontra d-diskriminazzjoni jiġi mmonitorjat u rrapportat fis-Semestru Ewropew; jitlob rabtiet aktar b'saħħithom bejn is-Semestru Ewropew u l-oqfsa tal-UE eżistenti kif ukoll l-Oqfsa Strateġiċi Nazzjonali għar-Rom u l-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali Kontra r-Razziżmu;

Or. en

Emenda 182
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3g. Jisħaq li r-rispons għan-nuqqasijiet ta' ħaddiema fl-Unjoni Ewropea jrid jinvolvi wkoll it-titjib u l-iffaċilitar tal-mobbiltà tal-ħaddiema fl-Unjoni; jistieden f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni tanalizza l-effikaċja tal-pjattaforma EURES bil-ħsieb ta' reviżjoni potenzjali tal-operat tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-inizjattiva li jmiss

dwar it-Trasferibbiltà tal-ħiliet tindirizza l-ostakli attwali għar-rikonoxximent tal-ħiliet inkluża l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/36/KE; jistieden ukoll lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, issaħħaħ u tiffaċilita r-rikonoxximent tal-ħiliet u tal-kwalifiki tal-Unjoni, b'mod partikolari billi ssaħħaħ il-proċeduri għall-validazzjoni ta' apprendiment mhux formali u informali u tippromwovi dawn il-proċeduri b'mod immirat lejn il-persuni l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 183
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3h. Jenfasizza n-nuqqasijiet dejjem akbar fil-ħiliet fl-oqsma tekniċi u l-importanza ta' Strateġija għall-VET li tindirizza l-kwistjonijiet ta' frammentazzjoni, investiment, attraenza u modernizzar fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet doppji; itenni r-rwol ċentrali li għandhom il-VET u t-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol fl-għoti ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi meħtieġa għaż-żgħażagħ li jidħlu fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 184
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3i. Ifakkar fl-importanza li jittejjeb l-aċċess tal-persuni li jaħdmu għal rashom għall-protezzjoni soċjali u jistieden lill-Kummissjoni tuża l-proċess tas-Semestru Ewropew biex timmonitorja l-implimentazzjoni nazzjonali tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom, inkluż fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; ifakkar, peress li r-rata ta' professjonisti li jaħdmu għal rashom fis-setturi kulturali u kreattivi hija aktar mid-doppju minn dik fil-popolazzjoni ġenerali, fil-ħtieġa ta' miżuri mmirati għas-settur; jilqa', f'dan il-kuntest, it-tħabbira ta' Karta tal-Artisti tal-UE bil-għan li tenfasizza l-elementi fundamentali u l-impenji ewlenin għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti f'dan is-settur iżda jħeġġeġ lill-Kummissjoni tavvanza l-pubblikazzjoni tagħha għall-2026 peress li din tirrappreżenta kwistjonijiet li ilhom jeżistu;
	Or. en

Emenda 185
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3j (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3j. Jilqa' l-objettiv tal-Kummissjoni li tuża s-Semestru Ewropew biex timplimenta l-Boxxla għall-Kompetittività, li hija essenzjali biex jittejbu l-produttività u l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol, iżda jisħaq fuq il-ħtieġa li jinkiseb bilanċ bejn il-promozzjoni tal-konverġenza soċjali li titla' u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jenfasizza li l-kompetittività mhux marbuta mal-

kostijiet, bħall-kwalità tal-prodotti u s-servizzi, tista' tappoġġja wkoll il-produttività u l-pagi adegwati; iqis li l-mudell soċjali tal-UE huwa parti integrali mill-kompetittività tagħha u li s-simplifikazzjoni meħtieġa tal-piż amministrattiv għan-negozji trid tippreżerva u tiżgura d-drittijiet soċjali;

Or. en

Emenda 186
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3k (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3k. Jinnota bi tħassib l-għadd dejjem akbar ta' ristrutturar tal-kumpaniji fl-Ewropa u l-impatt ta' dan fuq il-ħaddiema u s-sottokuntratturi; jesprimi dispjaċir, f'dan il-kuntest, għall-waqfien tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta fil-QFP li jmiss; jisħaq fuq l-importanza ta' politika u leġiżlazzjoni tal-UE, appoġġjati b'finanzjament, bil-għan li jappoġġjaw lill-ħaddiema fit-tranżizzjonijiet u jadattaw il-ħiliet tagħhom għal industriji orjentati lejn il-futur;

Or. en

Emenda 187
Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jilqa' l-inklużjoni permanenti tal-	***imħassar***

qafas ta' konverġenza soċjali fis-Semestru Ewropew; jisħaq fuq l-importanza tagħha, flimkien mat-tabella ta' valutazzjoni soċjali, biex jiġu identifikati r-riskji u biex jiġi intraċċat il-progress fuq il-konverġenza soċjali li titla';

Or. fr

Emenda 188
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jilqa' l-inklużjoni permanenti tal-qafas ta' konverġenza soċjali fis-Semestru Ewropew; jisħaq fuq l-importanza tagħha, flimkien mat-tabella ta' valutazzjoni soċjali, biex jiġu identifikati r-riskji u biex jiġi intraċċat il-progress fuq il-konverġenza soċjali li titla';	***imħassar***

Or. en

Emenda 189
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jilqa' l-inklużjoni permanenti tal-qafas ta' konverġenza soċjali fis-Semestru Ewropew; jisħaq fuq l-importanza tagħha, flimkien mat-tabella ta' valutazzjoni soċjali, biex jiġu identifikati r-riskji u biex jiġi intraċċat il-progress fuq il-konverġenza soċjali li titla';	4. Jilqa' l-inklużjoni permanenti tal-qafas ta' konverġenza soċjali fis-Semestru Ewropew; jisħaq fuq l-importanza tagħha, flimkien mat-tabella ta' valutazzjoni soċjali, biex jiġu identifikati r-riskji u biex jiġi intraċċat il-progress fuq il-konverġenza soċjali li titla'; ***jilqa' l-fatt li l-proposta għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) jagħti analiżi speċifika għall-pajjiż***

ibbażata fuq il-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa għodod innovattivi ta' analiżi kwantitattiva u kwalitattiva skont dan il-Qafas il-ġdid sabiex isir l-aħjar użu minnu fiċ-ċikli futuri tas-Semestru Ewropew;

Or. en

Emenda 190
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jilqa' l-inklużjoni permanenti tal-qafas ta' konverġenza soċjali fis-Semestru Ewropew; jisħaq fuq l-importanza tagħha, flimkien mat-tabella ta' valutazzjoni soċjali, biex jiġu identifikati r-riskji u biex jiġi intraċċat il-progress fuq il-konverġenza soċjali li titla';	4. Jilqa' l-inklużjoni permanenti tal-qafas ta' konverġenza soċjali fis-Semestru Ewropew; jisħaq fuq l-importanza tagħha, flimkien mat-tabella ta' valutazzjoni soċjali, biex jiġu identifikati r-riskji u biex jiġi intraċċat il-progress fuq il-konverġenza soċjali li titla'; ***jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mill-Qafas ta' Konverġenza 'l Fuq u li ssarraf is-sejbiet tiegħu f'rakkomandazzjonijiet konkreti, speċifiċi għall-pajjiż u gwida ta' politika;***

Or. en

Emenda 191
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jilqa' l-inklużjoni permanenti tal-qafas ta' konverġenza soċjali fis-Semestru Ewropew; jisħaq fuq l-importanza tagħha, flimkien mat-tabella ta' valutazzjoni	4. Jilqa' l-inklużjoni permanenti tal-qafas ta' konverġenza soċjali fis-Semestru Ewropew; jisħaq fuq l-importanza tagħha, flimkien mat-tabella ta' valutazzjoni

soċjali, biex jiġu identifikati r-riskji u biex jiġi intraċċat il-progress fuq il-konverġenza soċjali li titla';

soċjali, biex jiġu identifikati r-riskji u biex jiġi intraċċat il-progress fuq il-konverġenza soċjali li titla'; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li t-tabella ta' valutazzjoni soċjali tiġi kkomplementata b'indikaturi li jkejlu l-piż amministrattiv u l-impatti tal-kompetittività tal-miżuri soċjali;***

Or. en

Emenda 192
Nela Riehl
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jilqa' l-inklużjoni permanenti tal-qafas ta' konverġenza soċjali fis-Semestru Ewropew; jisħaq fuq l-importanza tagħha, flimkien mat-tabella ta' valutazzjoni soċjali, biex jiġu identifikati r-riskji u biex jiġi intraċċat il-progress fuq il-konverġenza soċjali li titla';	4. Jilqa' l-inklużjoni permanenti tal-qafas ta' konverġenza soċjali fis-Semestru Ewropew; jisħaq fuq l-importanza tagħha, flimkien mat-tabella ta' valutazzjoni soċjali, biex jiġu identifikati r-riskji u biex jiġi intraċċat il-progress fuq il-konverġenza soċjali li titla'***, jitnaqqsu l-inugwaljanzi, jissaħħu s-sistemi tal-protezzjoni soċjali u jiġu promossi kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u miżuri ta' sostenn biex tiġi żgurata l-ġustizzja fit-tranżizzjonijiet***;

Or. en

Emenda 193
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jilqa' l-inklużjoni permanenti tal-qafas ta' konverġenza soċjali fis-Semestru Ewropew; jisħaq fuq l-importanza tagħha, flimkien mat-tabella ta' valutazzjoni	4. Jilqa' l-inklużjoni permanenti tal-qafas ta' konverġenza soċjali fis-Semestru Ewropew; jisħaq fuq l-importanza tagħha, flimkien mat-tabella ta' valutazzjoni

soċjali, biex jiġu identifikati r-riskji u biex jiġi intraċċat il-progress fuq il-konverġenza soċjali li titla';

soċjali, biex jiġu identifikati r-riskji u biex jiġi intraċċat il-progress fuq il-konverġenza soċjali li titla'; ***jinnota li jippersistu sfidi fl-oqsma bħat-tnaqqis tal-faqar ġenerali u l-piżijiet tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni;***[8a]

[8a] Eurofound (2026) "the role of trade unions and employers' organisations in the European Semester in 2024-2025" (ir-rwol tat-trade unions u tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi fis-Semestru Ewropew fl-2024-2025), Kapitolu 4

Or. en

Emenda 194
Pál Szekeres, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. ***Jilqa'*** l-inklużjoni permanenti tal-qafas ta' konverġenza soċjali fis-Semestru Ewropew***;*** jisħaq ***fuq l-importanza tagħha, flimkien mat-tabella ta' valutazzjoni soċjali, biex jiġu identifikati r-riskji u biex jiġi intraċċat il-progress fuq il-konverġenza soċjali li titla'***;	4. ***Jesprimi tħassib dwar*** l-inklużjoni permanenti tal-qafas ta' konverġenza soċjali fis-Semestru Ewropew ***u*** jisħaq ***li kwalunkwe monitoraġġ tal-progress soċjali għandu jirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi u l-prijoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 195
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. ***Jilqa' l-inklużjoni permanenti tal-***	4. Jisħaq ***fuq il-ħtieġa ta' trasparenza***

qafas ta' konverġenza soċjali fis-Semestru Ewropew; jisħaq ***fuq l-importanza tagħha, flimkien mat-tabella*** ta' valutazzjoni soċjali***, biex jiġu identifikati r-riskji u biex jiġi intraċċat il-progress fuq il-konverġenza soċjali li titla'***;	***metodoloġika fir-rigward tat-tabella*** ta' valutazzjoni soċjali***; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika l-każijiet u l-limitazzjonijiet ta' kull indikatur, sabiex l-evalwazzjonijiet jirriflettu b'mod preċiż il-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi tal-Istati Membri;***
	Or. el

Emenda 196
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra b'mod sistematiku t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-indikaturi tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fis-Semestru Ewropew, u tiżgura li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ikollhom l-għan li jeqirdu l-faqar u l-inugwaljanzi, li ma jimminawx l-aċċess għall-impjiegi ta' kwalità, il-protezzjoni soċjali, in-negozjar kollettiv, il-pagi adegwati, is-servizzi pubbliċi, inklużi s-servizzi pubbliċi diġitalizzati, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-akkomodazzjoni, u li tittieħed azzjoni korrettiva kull meta jiżdiedu l-inugwaljanzi soċjali bħall-faqar jew il-faqar fost min għandu xogħol;
	Or. en

Emenda 197
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jieħu nota tar-riskji għall-konverġenza soċjali enfasizzati fil-proposta għal JER, bħal eżiti tal-impjiegi ta' gruppi sottorappreżentati, tluq bikri mill-iskola u apprendiment għall-adulti, kif ukoll il-faqar; jistieden lill-Kummissjoni tanalizza aktar dawn ir-riskji għall-konverġenza soċjali li titla' fit-tieni stadju tal-analiżi u tiddiskuti mal-Istati Membri kkonċernati l-miżuri meħuda jew previsti biex jiġu indirizzati dawn ir-riskji;

Or. en

Emenda 198
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jinnota li skont riċerka tal-Eurofound, hemm nuqqas ta' għarfien dwar l-opportunitajiet, offruti mill-qafas konverġenza soċjali fost l-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali; jenfasizza li l-opportunitajiet offruti mill-qafas ta' konverġenza soċjali jeħtieġ li jiġu promossi b'mod aktar attiv għas-sħab soċjali kif ukoll għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Or. en

Emenda 199
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jitlob li t-tabella ta' valutazzjoni soċjali tinkludi indikaturi komparabbli dwar il-parteċipazzjoni tas-suq tax-xogħol ta' ħaddiema fl-aqwa età tal-impjieg, il-produttività fis-siegħa u l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq l-inċentivi tax-xogħol;

Or. en

Emenda 200
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jistieden lill-Kummissjoni jsir titjib fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali permezz tal-introduzzjoni ta' indikaturi rilevanti ġodda li jirriflettu x-xejriet u l-kawżi tal-inugwaljanza, bħal indikaturi dwar l-opportunitajiet indaqs, l-impjiegi ta' kwalità tajba, id-distribuzzjoni tal-ġid, l-aċċess għas-servizzi pubbliċi, inklużi l-enerġija, l-ilma u s-sanità, is-servizzi tal-kura, il-pensjonijiet adegwati, ir-rata ta' persuni mingħajr dar, is-saħħa mentali, il-benefiċċji kif ukoll l-indikaturi li jkejlu l-impatt soċjali tad-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima; ifakkar li l-indikatur tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) jonqos milli jiżvela l-kawżi tal-inugwaljanza kumplessa;

Or. en

Emenda 201
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jissottolinja li ż-żieda fil-faqar fost min għandu xogħol tikkostitwixxi nuqqas ta' eżiti tas-suq tax-xogħol anke f'kuntesti ta' żieda fir-rati tal-impjieg; jistieden lill-Kummissjoni tiġġestixxi ż-żidiet fil-faqar fost min għandu xogħol bħala sinjal ta' twissija fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u tipproponi rakkomandazzjonijiet komprensivi u korrettivi speċifiċi għall-pajjiż meta jippersistu tali tendenzi;

Or. en

Emenda 202
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin identifikati fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali bħala "kritiċi" u "li għandhom jiġu osservati", inklużi persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, il-piż tal-kost tal-akkomodazzjoni, l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà u t-tfal f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 203
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin identifikati fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali bħala "kritiċi" u "li għandhom jiġu mmonitorjati", inklużi l-aċċess għall-kura tat-tfal u l-kura fit-tul, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà, l-effettività tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar, u l-ħiliet diġitali bażiċi, b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli bħaż-żgħażagħ u l-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà u l-migranti, kif ukoll l-aċċess għall-akkomodazzjoni, il-faqar fost it-tfal u l-aċċess għall-kura tas-saħħa;

Or. en

Emenda 204
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Jinnota li t-tkabbir inklużiv ma laħaqx il-gruppi soċjodemografiċi kollha, u gruppi vulnerabbli qed jesperjenzaw disparitajiet relattivi li qed jiżdiedu; jenfasizza li d-diverġenza hija evidenti f'oqsma bħal-ħiliet diġitali bażiċi u l-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi, li tindika żieda fid-disparitajiet; jenfasizza li l-indikaturi f'oqsma fundamentali bħad-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà u ħtiġijiet awtodikjarati mhux issodisfati għall-kura medika juru xejra 'l isfel inkwetanti;[9a]
	[9a] Eurofound (2026) "the role of trade unions and employers' organisations in

the European Semester in 2024-2025" (ir-rwol tat-trade unions u tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi fis-Semestru Ewropew fl-2024-2025), Kapitolu 4

Or. en

Emenda 205
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4d. Ifakkar fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2023 dwar introjtu minimu adegwat li tiżgura l-inklużjoni attiva, li għandha l-għan li tiġġieled il-faqar u l-esklużjoni soċjali billi tippromwovi appoġġ adegwat għall-intorjtu, aċċess għal servizzi abilitanti essenzjali u integrazzjoni effettiva tas-suq tax-xogħol għall-persuni li ma għandhomx biżżejjed riżorsi; jenfasizza li skemi ta' introjtu minimu (MIS) imfassla sew huma element essenzjali tal-protezzjoni soċjali u jikkontribwixxu għat-tkabbir inklużiv tal-konverġenza soċjali li titla'; jinnota, madankollu, li ħafna Stati Membri għad għandhom benefiċċji ta' introjtu minimu taħt il-limiti tal-faqar u jitlob għalhekk CSRs minimi relatati mal-introjtu fil-qafas tas-Semestru Ewropew;[10b] iħeġġeġ lill-Istati Membri jirriformaw is-sistemi tat-taxxa u fiskali tagħhom biex jiżguraw finanzjament sostenibbli għall-MIS adegwati;

[10b] https://employment-social-affairs.ec.europa.eu/policies-and-activities/social-protection-social-inclusion/addressing-poverty-and-supporting-social-inclusion/active-inclusion/minimum-

income_en?utm_source=chatgpt.com

Or. en

Emenda 206
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4e. Jenfasizza li huwa meħtieġ investiment fit-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, inkluż l-indirizzar tal-esklużjoni soċjali u l-faqar, biex tiġi pprevenuta saħħa mentali dgħajfa; jenfasizza li saħħa mentali dgħajfa tiġi bi spiża kbira għall-UE, inkluż minħabba produttività aktar baxxa, u tikkawża 11,1 miljun sena ta' ħajja mitlufa jew għajxien b'diżabbiltà;[10a]
	[10a] Eurofound (2025), "Mental health: Risk groups, trends, services and policies" (Is-Saħħa mentali: Il-gruppi f'riskju, ix-xejriet, is-servizzi u l-politiki), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

Or. en

Emenda 207
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Ifakkar li l-investiment soċjali jista' jkollu impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività, u b'hekk jappoġġja wkoll is-sostenibbiltà fiskali filwaqt li	5. Ifakkar li l-investiment soċjali ***mmirat*** jista' jkollu impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività, u b'hekk jappoġġja wkoll is-sostenibbiltà fiskali filwaqt li

jippromwovi l-konverġenza soċjali li titla'; jistieden lill-Kummissjoni u ***lill-Kunsill*** jittrattaw l-investiment soċjali bħala fundamentali għat-tkabbir sostenibbli;	jippromwovi l-konverġenza soċjali li titla'; jistieden lill-Kummissjoni u ***lill-Istati Membri*** jittrattaw l-investiment soċjali bħala fundamentali għat-tkabbir sostenibbli ***u jagħmlu enfasi fuq l-investimenti li wrew l-effettività tagħhom f'termini ta' tkabbir, produttività, kwalità tal-impjiegi u parteċipazzjoni akbar fis-suq tax-xogħol***; ***ifakkar li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) tista' tiġi mmobilizzata mill-Istati Membri sal-31 ta' Diċembru 2026 u jistedinhom jagħmlu użu sħiħ u mmirat minn dawn il-fondi sabiex jindirizzaw l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fl-ambitu tas-Semestru Ewropew u jistabbilixxu politiki għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u għall-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażagħ;***

Or. en

Emenda 208
Nela Riehl
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Ifakkar li l-investiment soċjali jista' jkollu impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività, u b'hekk jappoġġja wkoll is-sostenibbiltà fiskali filwaqt li jippromwovi l-konverġenza soċjali li titla'; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jittrattaw l-investiment soċjali bħala fundamentali għat-tkabbir sostenibbli;	5. Ifakkar li l-investiment soċjali jista' jkollu impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività, u b'hekk jappoġġja wkoll is-sostenibbiltà fiskali filwaqt li jippromwovi l-konverġenza soċjali li titla'; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jittrattaw l-investiment soċjali ***fl-edukazzjoni, fit-taħriġ, fis-saħħa, fil-kura, fl-akkomodazzjoni, fit-trasport, fl-inklużjoni soċjali*** bħala fundamentali għat-tkabbir sostenibbli; ***jilqa' t-tnedija ta' Ċentru ta' Għarfien dwar l-Investiment Soċjali biex jittejbu t-tagħlim reċiproku u l-assistenza teknika, ikomplu jittejbu t-tempestività u d-disponibbiltà tal-***

indikaturi soċjali, biex jitnaqqsu l-intervalli fl-indirizzar tal-faqar u x-xejriet tal-inugwaljanzi; u jittejjeb l-aċċess tal-Istati Membri għad-data għall-evalwazzjoni ta' politika u l-valutazzjoni tal-impatt;

Or. en

Emenda 209
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Ifakkar li l-investiment soċjali jista' jkollu impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività ***u l-kompetittività, u b'hekk jappoġġja wkoll is-sostenibbiltà*** fiskali filwaqt li jippromwovi ***l-konverġenza*** soċjali ***li titla'***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jittrattaw l-investiment soċjali bħala fundamentali għat-tkabbir sostenibbli;	5. Ifakkar li l-investiment soċjali***, inkluż l-appoġġ għall-ekonomija soċjali,*** jista' jkollu impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività***, il-kompetittività, u s-sostenibbiltà*** fiskali***,*** filwaqt li jippromwovi ***l-koeżjoni soċjali u l-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jittrattaw l-investiment soċjali***, u l-iżvilupp tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali,*** bħala fundamentali għat-tkabbir sostenibbli***, filwaqt li jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament, jippromwovu l-viżibbiltàm u jirawmu impjiegi ta' kwalità u inklużivi f'konformità mal-Pjan Direzzjonali l-ġdid tal-UE għall-Kompetittività***;

Or. en

Emenda 210
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Ifakkar li l-investiment soċjali jista'	5. Ifakkar li l-investiment soċjali jista'

jkollu impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività, u b'hekk jappoġġja wkoll is-sostenibbiltà fiskali filwaqt li jippromwovi l-konverġenza soċjali li titla'; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jittrattaw l-investiment soċjali bħala ***fundamentali*** għat-tkabbir sostenibbli;	jkollu impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività, u b'hekk jappoġġja wkoll is-sostenibbiltà fiskali filwaqt li jippromwovi l-konverġenza soċjali li titla'; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jittrattaw l-investiment soċjali bħala ***kontributur importanti*** għat-tkabbir sostenibbli; ***jitlob li l-Kummissjoni tipprovdi gwida dwar l-użu tal-investiment privat u s-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu eliminati l-lakuni soċjali fl-infrastruttura;***
	Or. en

Emenda 211
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Ifakkar li l-investiment soċjali jista' jkollu impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività, ***u b'hekk jappoġġja wkoll is-sostenibbiltà*** fiskali ***filwaqt li*** jippromwovi l-konverġenza soċjali li titla'; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jittrattaw l-investiment soċjali bħala fundamentali għat-tkabbir sostenibbli;	5. Ifakkar li l-investiment soċjali jista' jkollu impatt pożittiv fuq ***il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, il-koeżjoni soċjali,*** it-tkabbir ekonomiku ***sostenibbli u inklużiv***, il-produttività u l-kompetittività, ***filwaqt li jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà*** fiskali ***u*** jippromwovi l-konverġenza soċjali li titla'; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jittrattaw l-investiment soċjali bħala fundamentali għat-tkabbir sostenibbli ***u jiżguraw spazju fiskali xieraq biex dawn jiġu ffinanzjati***;
	Or. en

Emenda 212
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. ***Ifakkar li l-investiment soċjali jista' jkollu impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività, u b'hekk jappoġġja wkoll is-sostenibbiltà fiskali filwaqt li jippromwovi l-konverġenza*** soċjali ***li titla'; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jittrattaw l-investiment*** soċjali ***bħala fundamentali għat-tkabbir sostenibbli***;	5. ***Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' trasparenza u affidabbiltà metodoloġika akbar fir-rigward tal-konverġenza*** soċjali u ***t-tabella ta' valutazzjoni*** soċjali***; jappella biex l-indikaturi jinkludu spjegazzjoni tal-każijiet, tal-limitazzjonijiet u tad-diskrepanzi bejn l-Istati Membri sabiex is-sorveljanza tirrifletti l-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi reali***;

Or. el

Emenda 213
Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Ifakkar li l-investiment soċjali jista' jkollu impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività, u b'hekk jappoġġja wkoll is-sostenibbiltà fiskali filwaqt li jippromwovi l-konverġenza soċjali li titla'; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jittrattaw l-investiment soċjali bħala ***fundamentali*** għat-tkabbir sostenibbli;	5. Ifakkar li l-investiment soċjali jista' jkollu impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività, u b'hekk jappoġġja wkoll is-sostenibbiltà fiskali filwaqt li jippromwovi l-konverġenza soċjali li titla'; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jittrattaw l-investiment soċjali bħala ***mezz ta' pressjoni*** għat-tkabbir sostenibbli;

Or. fr

Emenda 214
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Ifakkar li l-investiment soċjali jista'	5. Ifakkar li l-investiment soċjali jista'

jkollu impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività, u b'hekk jappoġġja wkoll is-sostenibbiltà fiskali filwaqt li jippromwovi l-konverġenza soċjali li titla'; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jittrattaw l-investiment soċjali bħala fundamentali għat-tkabbir sostenibbli***;	jkollu impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività, u b'hekk jappoġġja wkoll is-sostenibbiltà fiskali filwaqt li jippromwovi l-konverġenza soċjali li titla'; ***jissottolinja l-ħtieġa li tali investimenti jkunu konsistenti mal-ispeċifiċitajiet nazzjonali u lokali***;

Or. en

Emenda 215
Pál Szekeres, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Ifakkar li l-investiment soċjali jista' jkollu impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività, u b'hekk jappoġġja wkoll is-sostenibbiltà fiskali filwaqt li jippromwovi l-konverġenza soċjali li titla'; jistieden ***lill-Kummissjoni u lill-Kunsill*** jittrattaw l-investiment soċjali bħala fundamentali għat-tkabbir sostenibbli;	5. Ifakkar li l-investiment soċjali jista' jkollu impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività, u b'hekk jappoġġja wkoll is-sostenibbiltà fiskali filwaqt li jippromwovi l-konverġenza soċjali li titla'; jistieden ***lill-Istati Membri*** jittrattaw l-investiment soċjali bħala fundamentali għat-tkabbir sostenibbli;

Or. en

Emenda 216
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jisħaq li l-aċċess għal kura tas-saħħa affordabbli u ta' kwalità għolja huwa dritt fundamentali u komponent ewlieni mill-mudell soċjali Ewropew; iwissi kontra l-privatizzazzjoni

progressiva, il-kummerċjalizzazzjoni, il-kopagamenti u n-nuqqas ta' kopertura tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, li jirriskja li japprofondixxi l-inugwaljanzi fis-saħħa u jimmina l-aċċess universi u l-inugwaljanzi fil-pajjiżi tal-UE u bejniethom; iwissi li dan jimmina wkoll l-implimentazzjoni tal-prinċipju 16 tal-Pilastru u tal-SDG 3.8 dwar l-UHC, kif ukoll l-objettiv ġenerali tal-Pilastru li jippromwovi l-konverġenza soċjali 'l fuq fl-UE, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura; jemmen li l-indikaturi użati fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali ma jipprovdux fehim komprensiv tal-affordabbiltà tal-kura tas-saħħa; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi fit-tabella ta' valutazzjoni l-indikaturi li ġejjin ta' tbatija finanzjarja, bħat-tfaqqir u l-infiq katastrofiku fuq is-saħħa, kif ukoll analiżi kwalitattiva tad-dimensjonijiet differenti tal-politika ta' kopertura (kopertura tal-popolazzjoni, il-pakkett tal-benefiċċji u t-tariffi għall-utenti jew il-kopagamenti) fl-Istati Membri sabiex tittejjeb l-aċċessibbiltà għal kura tas-saħħa affordabbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi tas-saħħa pubblika, inkluż permezz ta' finanzjament pubbliku adegwat u sostenibbli, u jirriflettu din il-prijorità fis-Semestru Ewropew u fil-pjanijiet nazzjonali fiskali-strutturali fuq terminu medju; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva sabiex tiżgura kopertura tas-saħħa universali adegwata għal kulħadd sabiex kulħadd ikun jista' jaċċessa kura tas-saħħa ta' kwalità mingħajr ma jesperjenza tbatija finanzjarja;

Or. en

Emenda 217
Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jissottolinja li l-investimenti soċjali jridu jiġu indirizzati abbażi tal-impatt tagħhom fuq l-impjieg f'setturi b'kontribut produttiv għoli, bħall-ipproċessar u s-settur primarju, li huma kruċjali għall-koeżjoni ekonomika u soċjali f'ħafna reġjuni; jirrimarka li l-politiki ta' tranżizzjoni li jiġu implimentati mingħajr analiżi tar-riskju suffiċjenti jistgħu jwasslu għat-telf ta' impjiegi stabbli u li tiċkien il-produzzjoni lokali; jappella għalhekk għal valutazzjonijiet tal-impatt sistematiċi qabel ma jiġu implimentati trasformazzjonijiet strateġiċi kbar;

Or. el

Emenda 218
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Ifakkar li l-Istati Membri jeħtiġilhom jimplimentaw malajr u b'mod effettiv id-Direttiva dwar pagi minimi adegwati, b'mod speċjali fir-rigward tal-kopertura tan-negozjar kollettiv, u jissottolinja li pagi minimi ogħla jistimulaw id-domanda domestika permezz ta' żieda fil-konsum tal-unitajiet domestiċi fl-Unjoni, li hija essenzjali fi żmien meta t-trariffi kummerċjali u l-inċertezzi ġeopolitiċi dejjem akbar qed jimminaw il-mudelli ta' tkabbir immexxija mill-esportazzjoni f'diversi ekonomiji Ewropej;

Or. en

Emenda 219
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-inċentivi tax-xogħol u jiġu indirizzati n-nases tal-inattività permezz ta' strutturi tat-taxxa u l-benefiċċju mfassla sew;

Or. en

Emenda 220
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod sistematiku l-kopertura tan-negozjar kollettiv fil-qafas tas-Semestru Ewropew u ssaħħaħ il-kopertura tan-negozjar kollettiv billi tirrevedi d-Direttiva Ewropea dwar l-Akkwist Pubbliku u tistabbilixxi l-kundizzjonalità għall-kumpaniji biex jikkonformaw mal-ftehimiet dwar in-negozjar kollettiv; iħeġġeġ li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jinħarġu fejn il-kopertura tibqa' baxxa b'mod strutturali, f'konformità mal-objettivi tad-Direttiva (UE) 2022/2041 dwar pagi minimi adegwati, u jisħaq li sistemi ta' negozjar kollettiv b'saħħihom huma essenzjali għal pagi ġusti, it-tkabbir tal-produttività u l-koeżjoni soċjali;

Or. en

Emenda 221

Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5c. Jisħaq li servizzi pubbliċi ffinanzjati sew huma l-pilastri tad-demokrazija u l-koeżjoni soċjali u li jrid jiġi ggarantit l-aċċess universali għal servizzi essenzjali ta' kwalità, inklużi l-akkomodazzjoni, l-enerġija, it-trasport, l-ilma, il-kura tas-saħħa, is-servizzi soċjali u l-konnettività diġitali; jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali jesploraw li jgħaddu s-servizzi pubbliċi essenzjali, bħall-akkomodazzjoni, l-enerġija, it-trasport, l-ilma u l-kura tas-saħħa f'idejn l-entitajiet pubbliċi, fejn dawn is-servizzi jkunu ġew privatizzati jew esternalizzati;

Or. en

Emenda 222
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li l-pjan ta' akkomodazzjoni affordabbli tal-Kummissjoni għandu jiġi integrat aħjar fis-Semestru Ewropew, b'enfasi aktar qawwija fuq akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u deċenti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; ***ifakkar lill-firmatarji tad-Dikjarazzjoni ta' Liżbona dwar il-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar dwar l-għan li tinqered din il-kundizzjoni sal-2030;***	6. Jenfasizza li l-pjan ta' akkomodazzjoni affordabbli tal-Kummissjoni għandu jiġi integrat aħjar fis-Semestru Ewropew, b'enfasi aktar qawwija fuq akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u deċenti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-pjan jinkludi miżuri li jinċentivaw b'mod adegwat lis-sidien ta' proprjetà privata biex jinvestu t-tfaddil tagħhom fis-suq tal-akkomodazzjoni, bl-għan aħħar li ż-żgħażagħ u l-familji vulnerabbli b'mod partikolari, ikunu jistgħu jaċċessaw akkomodazzjoni sigura u affordabbli u***

jiffurmaw l-unitajiet domestiċi u l-familji tagħhom stess; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tal-kostruzzjoni u l-akkomodazzjoni billi jiġu appoġġjati programmi mmirati ta' edukazzjoni, ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid biex jiġi żgurat li l-forza tax-xogħol tkun tista' tissodisfa d-domandi dejjem akbar tal-akkomodazzjoni;

Or. en

Emenda 223
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li l-pjan ta' akkomodazzjoni affordabbli tal-Kummissjoni għandu jiġi integrat aħjar fis-Semestru Ewropew, b'enfasi aktar qawwija fuq akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli ***u*** deċenti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; ifakkar lill-firmatarji tad-Dikjarazzjoni ta' Liżbona dwar il-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar dwar l-għan li tinqered din il-kundizzjoni sal-2030;	6. Jenfasizza li l-pjan ta' akkomodazzjoni affordabbli tal-Kummissjoni għandu jiġi integrat aħjar fis-Semestru Ewropew, b'enfasi aktar qawwija fuq akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli***,*** deċenti ***u adattata*** fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ***f'konformità mal-Prinċipju 19 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Karta Soċjali Ewropea u billi jitqiesu l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà u l-persuni akbar fl-età***; ifakkar lill-firmatarji tad-Dikjarazzjoni ta' Liżbona dwar il-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar dwar l-għan li tinqered din il-kundizzjoni sal-2030; ***jitlob miżuri biex tiġi miġġielda l-ispekulazzjoni u jiġu regolati l-kirjiet għal żmien qasir fejn ikun meħtieġ; jisħaq li l-akkomodazzjoni hija dritt fundamentali u mhux sempliċement assi negozjabbli;***

Or. en

Emenda 224
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li l-pjan ta' akkomodazzjoni affordabbli tal-Kummissjoni għandu jiġi integrat aħjar fis-Semestru Ewropew, b'enfasi aktar qawwija fuq akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u deċenti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; ifakkar lill-firmatarji tad-Dikjarazzjoni ta' Liżbona dwar il-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar dwar l-għan li tinqered din il-kundizzjoni sal-2030;	6. Jenfasizza li l-pjan ta' akkomodazzjoni affordabbli tal-Kummissjoni għandu jiġi integrat aħjar fis-Semestru Ewropew, b'enfasi aktar qawwija fuq akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u deċenti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; ***jistieden lill-Istati Membri jippromwovu taħlita ta' mudelli għall-pusess tal-art (kiri, kiri soċjali u okkupat mis-sid) u jagħtu prijorità lill-inċentivi għall-investiment privat f'akkomodazzjoni affordabbli, flimkien ma' appoġġ pubbliku mmirat;*** ifakkar lill-firmatarji tad-Dikjarazzjoni ta' Liżbona dwar il-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar dwar l-għan li tinqered din il-kundizzjoni sal-2030; ***jitlob lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-miżuri li jżidu l-provvista u jnaqqsu l-kostijiet tal-bini pjuttost milli miżuri li sempliċement jissusidjaw id-domanda;***

Or. en

Emenda 225
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li l-pjan ta' akkomodazzjoni affordabbli tal-Kummissjoni għandu jiġi integrat aħjar fis-	6. Jenfasizza li l-pjan ta' akkomodazzjoni affordabbli tal-Kummissjoni għandu jiġi integrat aħjar fis-

Semestru Ewropew, b'enfasi aktar qawwija fuq akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u deċenti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; ifakkar lill-firmatarji tad-Dikjarazzjoni ta' Liżbona dwar il-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar dwar l-għan li tinqered din il-kundizzjoni sal-2030;

Semestru Ewropew, b'enfasi aktar qawwija fuq akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u deċenti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż***, f'allinjament mar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar l-indirizzar tar-rati ta' persuni mingħajr dar fl-UE[11a] u dwar l-aċċess għal akkomodazzjoni deċenti u affordabbli għal kulħadd[11b]***; ifakkar lill-firmatarji tad-Dikjarazzjoni ta' Liżbona dwar il-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar dwar l-għan li tinqered din il-kundizzjoni sal-2030; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu appoġġjati r-rinnovazzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija bħala għodda ewlenija biex jitnaqqas il-faqar enerġetiku u jittejbu l-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni;***

11a

https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0314_MT.html

11b

https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0020_MT.html

Or. en

Emenda 226
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li l-pjan ta' akkomodazzjoni affordabbli tal-Kummissjoni għandu jiġi integrat aħjar fis-Semestru Ewropew, b'enfasi aktar qawwija fuq akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u deċenti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; ifakkar lill-firmatarji tad-Dikjarazzjoni ta' Liżbona dwar il-Pjattaforma Ewropea	6. Jenfasizza li l-pjan ta' akkomodazzjoni affordabbli tal-Kummissjoni għandu jiġi integrat aħjar fis-Semestru Ewropew, b'enfasi aktar qawwija fuq akkomodazzjoni ***soċjali u*** affordabbli, sostenibbli u deċenti***, b'mod partikolari għal gruppi b'introjtu baxx u medju,*** fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; ifakkar lill-firmatarji tad-Dikjarazzjoni ta'

għall-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar dwar l-għan li tinqered din il-kundizzjoni sal-2030;

Liżbona dwar il-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar dwar l-għan li tinqered din il-kundizzjoni sal-2030; ***jitlob monitoraġġ imsaħħaħ tal-progress tal-Istati Membri dwar l-aċċess għal akkomodazzjoni adegwata, sikura u mhux segregata għall-komunitajiet tar-Rom li jesperjenzaw faqar estrem, inkluż l-użu ta' fondi tal-UE biex jiġu pprevenuti żgumbramenti furzati u jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku;***

Or. en

Emenda 227
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li l-pjan ta' akkomodazzjoni affordabbli tal-Kummissjoni għandu jiġi integrat aħjar fis-Semestru Ewropew, b'enfasi aktar qawwija fuq akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u deċenti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; ifakkar lill-firmatarji tad-Dikjarazzjoni ta' Liżbona dwar il-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar dwar l-għan li tinqered din il-kundizzjoni sal-2030;	6. ***Jieħu nota tal-kompetenzi limitati tal-UE fil-qasam tal-akkomodazzjoni;*** jenfasizza li l-pjan ta' akkomodazzjoni affordabbli tal-Kummissjoni għandu jiġi integrat aħjar fis-Semestru Ewropew, b'enfasi aktar qawwija fuq akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u deċenti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; ifakkar lill-firmatarji tad-Dikjarazzjoni ta' Liżbona dwar il-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar dwar l-għan li tinqered din il-kundizzjoni sal-2030;

Or. en

Emenda 228
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jenfasizza li l-pjan ta' akkomodazzjoni affordabbli tal-Kummissjoni għandu jiġi integrat aħjar fis-Semestru Ewropew, b'enfasi aktar qawwija fuq akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u deċenti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż***; ifakkar lill-firmatarji tad-Dikjarazzjoni ta' Liżbona dwar il-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar dwar l-għan li tinqered din il-kundizzjoni sal-2030;	6. ***Jisħaq li s-soluzzjoni tal-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrikjedi l-użu ta' ħafna miżuri differenti, skont iċ-ċirkostanzi u l-kundizzjonijiet speċifiċi ta' pajjiż partikolari***; ifakkar lill-firmatarji tad-Dikjarazzjoni ta' Liżbona dwar il-Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar dwar l-għan li tinqered din il-kundizzjoni sal-2030;

Or. en

Emenda 229
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Ifakkar li l-Fond Soċjali għall-Klima se jipprovdi għajnuna finanzjarja lill-Istati Membri mill-2026 biex jappoġġja unitajiet domestiċi u mikrointrapriżi vulnerabbli b'appoġġ għall-introjtu dirett temporanju, miżuri u investimenti biex it-tranżizzjoni ekoloġika ssir ġusta u inklużiva; jisħaq li ladarba jibda jopera, dan se jkun importanti biex jiġi mmonitorjat l-użu ta' dan il-fond matul dan iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew; jisħaq li l-Istati Membri għandhom iqisu fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima s-sitwazzjoni ta' Rom "apolidi" u jistieden kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Istati Membri jipprevedu soluzzjonijiet inklużi proċeduri simplifikati, ilħuq proattiv, u kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili biex tiġi

pprevenuta l-esklużjoni tagħhom; jistieden lill-Istati Membri biex fil-Pjanijiet Soċjali għall-Klima nazzjonali tagħhom jagħtu prijorità lil miżuri biex jappoġġjaw lill-gruppi l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari l-unitajiet domestiċi b'wild wieħed jew aktar;

Or. en

Emenda 230
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jisħaq li l-pjanijiet fiskali-strutturali u l-istrateġiji ta' investiment nazzjonali fuq terminu medju għandhom jagħtu prijorità lill-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-persuni mingħajr dar, u r-rinnovazzjoni profonda tal-enerġija li timmira lejn l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, sabiex jiġu promossi l-konverġenza soċjali 'l fuq, jiġi miġġieled il-faqar u jissaħħaħ il-mudell soċjali Ewropew;

Or. en

Emenda 231
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jinnota li l-prezzijiet tal-enerġija għoljin jaffettwaw il-kompetittività u l-unitajiet domestiċi; jitlob appoġġ immirat

li jipproteġi lill-gruppi vulnerabbli mingħajr ma jinħolqu distorsjonijiet fis-suq fit-tul;

Or. en

Emenda 232
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jissottolinja li l-eliminazzjoni tad-differenzi bejn il-ġeneri hija kwistjoni ta' ġustizzja soċjali iżda jista' jkollha wkoll impatt pożittiv fuq it-tkabbir tal-PDG; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw in-nondiskriminazzjoni, jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, itejbu l-integrazzjoni tal-ugwaljanza u jsaħħu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tan-nisa u tal-gruppi żvantaġġati, billi jrawmu opportunitajiet ugwali u progressjoni tal-karriera, filwaqt li jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, itejbu t-trasparenza tal-pagi u jindirizzaw l-inugwaljanza bbażata fuq il-ġeneru biex jeliminaw id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri fl-UE;

Or. en

Emenda 233
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jisħaq li l-ekonomija soċjali jista'

jkollha rwol kruċjali biex toħloq impjiegi ta' kwalità, tipprovdi servizzi soċjali u ta' prossimità affordabbli u aċċessibbli u anke biex tappoġġja t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali fil-livell lokali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw bis-shiħ u jsaħħu l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali u jirriflettu l-objettivi tiegħu fis-Semestru Ewropew, inkluż permezz ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u użu mmirat tal-fondi tal-UE ; jitlob titjib fil-kundizzjonijiet qafas, aċċess għall-finanzjament, assistenza teknika u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali, b'mod partikolari fi Stati Membri u reġjuni fejn is-sehem tagħhom fl-impjiegi għadu baxx;

Or. en

Emenda 234
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-investiment fl-edukazzjoni, fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid huwa investiment soċjali strateġiku b'redditi fit-tul għall-kompetittività u ***l-koeżjoni***;	7. Jenfasizza li l-investiment fl-edukazzjoni, fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid ***ta' kwalità għolja u aċċessibbli permezz ta' approċċ ta' apprendiment tul il-ħajja mhuwiex biss*** investiment soċjali strateġiku b'redditi fit-tul għall-kompetittività u ***għall-koeżjoni, iżda wkoll essenzjali għall-prevenzjoni tal-esklużjoni u l-inugwaljanza kif ukoll l-adattament għat-trasformazzjoni teknoloġika***; ***jenfasizza li l-impatt tal-edukazzjoni jmur lil hinn mill-effetti ekonomiċi, peress li ċittadini edukati huma aktar probabbli li jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħajja soċjali u ċivika, u jikkontribwixxu għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi; jisħaq li tali investiment***

huwa vitali għall-konvergenza soċjali li titla', il-koeżjoni kif ukoll biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta fil-kuntest tat-trasformazzjoni teknoloġika; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat l-aċċess tal-ħaddiema għal taħriġ mingħajr kost ta' kwalità għolja u relatat mal-impjiegi, inkluż taħriġ vokazzjonali u diġitali, matul is-sigħat tax-xogħol u mingħajr telf tal-introjtu, iffinanzjat mill-impjegaturi biex tittejjeb il-kompetittività u jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità inklużivi u ġusti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu u jimplimentaw Dritt għal Taħriġ li jiggarantixxi dawn il-kundizzjonijiet għall-ħaddiema kollha;

Or. en

Emenda 235
Nela Riehl
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-investiment fl-edukazzjoni, fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid huwa investiment soċjali strateġiku b'redditi fit-tul għall-kompetittività u l-koeżjoni;	7. Jenfasizza li l-investiment fl-edukazzjoni, fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid huwa investiment soċjali strateġiku b'redditi fit-tul għall-kompetittività u l-koeżjoni; ***jirrimarka l-kost tan-nuqqas ta' azzjoni dwar l-edukazzjoni, u l-kostijiet soċjali annwali ta' dawk li jitilqu kmieni mill-iskola se jammontaw globalment għal USD 6 triljun sal-2030; huwa mħasseb li l-parteċipazzjoni tal-adulti fit-taħriġ tibqa' b'mod sinifikanti taħt il-mira ta' 60 % fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, b'39,5 % fl-2022, u li l-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jipparteċipaw anqas b'mod sinifikanti (11,3 %); jinsisti fuq l-importanza li jiġi żgurat dritt individwali għat-taħriġ matul is-sigħat tax-xogħol, u li tiġi promossa r-***

responsabbiltà kondiviża bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-impjegaturi u l-ħaddiema għat-tagħlim tul il-ħajja; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jorbtu l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-istat mal-impenji ta' taħriġ biex il-kumpaniji jiġu mħeġġa jassumu responsabbiltà akbar biex jiżviluppaw il-ħiliet tal-ħaddiema tagħhom; huwa mħasseb dwar in-nuqqas ta' għalliema kwalifikati fost ħafna Stati Membri, anke minħabba qligħ baxx;

Or. en

Emenda 236
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-investiment fl-edukazzjoni, fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid ***huwa*** investiment soċjali strateġiku b'redditi fit-tul għall-kompetittività u ***l-koeżjoni***;	7. Jenfasizza li l-investiment fl-edukazzjoni, fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid ***ta' kwalità għolja u aċċessibbli permezz ta' approċċ ta' tagħlim tul il-ħajja mhuwiex biss*** investiment soċjali strateġiku b'redditi fit-tul għall-kompetittività u ***għall-koeżjoni, iżda essenzjali wkoll għall-prevenzjoni tal-esklużjoni u l-inugwaljanza kif ukoll għall-adattament għat-trasformazzjoni teknoloġika***; ***jenfasizza li l-impatt tal-edukazzjoni jmur lil hinn mill-effetti ekonomiċi, peress li ċittadini edukati huma aktar probabbli li jipparteċipaw b'mod attiv fl-oqsma soċjali u ċiviċi, u jikkontribwixxu għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi; jisħaq li tali investiment huwa vitali għall-konverġenza soċjali li titla', il-koeżjoni kif ukoll biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta fil-kuntest tat-trasformazzjoni teknoloġika; jitlob Dritt għal Taħriġ li jiggarantixxi lill-ħaddiema kollha aċċess għal taħriġ***

mingħajr kost u ta' kwalità għolja matul is-sigħat tax-xogħol u mingħajr telf ta' introjtu;

Or. en

Emenda 237
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-investiment fl-edukazzjoni, fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid huwa investiment soċjali strateġiku b'redditi fit-tul għall-kompetittività u l-koeżjoni;	7. Jenfasizza li l-investiment fl-edukazzjoni, fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid huwa investiment soċjali strateġiku b'redditi fit-tul għall-kompetittività u l-koeżjoni; jenfasizza li l-impatt tal-edukazzjoni jmur lil hinn mill-effetti ekonomiċi, peress li ċittadini edukati huma aktar probabbli li jipparteċipaw b'mod attiv fl-attivitajiet soċjali u ċivili, u jikkontribwixxu għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi***;[12a]*** jisħaq li l-aċċess għal opportunitajiet ta' tagħlim irid ikun universali, affordabbli u mingħajr ostakli għal kulħadd, inkluż għall-persuni b'diżabbiltà u l-gruppi vulnerabbli; ***jitlob, għalhekk, li jsiru disponibbli opportunitajiet ta' taħriġ waqt ix-xogħol, tagħlim tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-ħiliet mingħajr l-ebda kost addizzjonali għall-impjegati u dawk li jkunu qed ifittxu impjieg;**
	[12a] Eurofound (2024), "Role of human capital inequalities in social cohesion and convergence" (Ir-rwol tal-inugwaljanzi b'rabta mal-kapital uman fil-koeżjoni soċjali u l-konverġenza)

Or. en

Emenda 238
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-investiment fl-edukazzjoni, fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid huwa investiment soċjali strateġiku b'redditi fit-tul għall-kompetittività u l-koeżjoni;	7. Jenfasizza li l-investiment fl-edukazzjoni, fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid huwa investiment soċjali strateġiku b'redditi fit-tul għall-kompetittività u l-koeżjoni; ***jistieden lill-Kummissjoni tuża l-Att dwar l-Impjiegi ta' Kwalità li jmiss biex tiżgura dritt individwali għat-taħriġ sabiex jiġi appoġġjat it-tagħlim tul il-ħajja; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri ta' taħriġ, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, f'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati lokali, inklużi l-korpi edukattivi u ta' taħriġ u s-sħab soċjali, sabiex tissaħħaħ ir-rabta bejn is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u s-suq tax-xogħol u jiġu antiċipati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;***

Or. en

Emenda 239
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-investiment fl-edukazzjoni, fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid huwa investiment soċjali strateġiku b'redditi fit-tul għall-kompetittività u l-koeżjoni;	7. Jenfasizza li l-investiment fl-edukazzjoni, fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid huwa investiment soċjali strateġiku b'redditi fit-tul għall-kompetittività u l-koeżjoni; ***jenfasizza li tali investimenti għandhom ikunu allinjati mal-prijoritajiet ta' nofs it-terminu tal-Kummissjoni, inklużi setturi strateġiċi bħat-teknoloġiji STEP, il-kapaċitajiet relatati mad-difiża, u t-tranżizzjonijiet***

ekoloġiċi u diġitali, biex jiġi żgurat li l-forza tax-xogħol tkun lesta għall-isfidi u l-opportunitajiet emerġenti madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 240
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-investiment fl-edukazzjoni, fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid huwa investiment soċjali strateġiku b'redditi fit-tul għall-kompetittività u l-koeżjoni;	7. Jenfasizza li l-investiment fl-edukazzjoni, fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid***, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-iskemi ta' apprendistat f'kooperazzjoni mill-qrib mal-impjegaturi,*** huwa investiment soċjali strateġiku b'redditi fit-tul għall-kompetittività u l-koeżjoni ***kif stabbilit fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea[2a]***;
	[2a] https://employment-social-affairs.ec.europa.eu/document/download/cb0ffdb5-1f80-4e20-a535-b2237b31f29f_en?filename=COM_2025_959_1_EN.pdf

Or. en

Emenda 241
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill

ikomplu jagħmlu enfasi fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi permezz tas-simplifikazzjoni, l-hekk imsejħa proposti Omnibus, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ l-istandards tax-xogħol; jisħaq li appoġġ aktar b'saħħtu għall-SMEs u l-intraprendituri huwa essenzjali għall-kompettività fit-tul, l-innovazzjoni u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità; jenfasizza r-rwol essenzjali tan-negozji żgħar u tal-professjonisti li jaħdmu għal rashom biex jixprunaw it-tkabbir ekonomiku u jiffinanzjaw il-politiki soċjali, u jitlob miżuri mmirati biex jittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku;

Or. en

Emenda 242
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Ifakkar bi tħassib kbir li ż-żieda fil-vjolenza abbażi tal-ġeneru f'diversi Stati Membri tikkoinċidi ma' deterjorament tas-sigurtà ekonomika tan-nisa, inklużi xogħol li qed isir dejjem aktar prekarju, tnaqqis fil-protezzjoni soċjali u telf ta' servizzi pubbliċi essenzjali; jisħaq li l-politiki ta' awsterità li jnaqqsu l-aċċess tan-nisa għal impjiegi ta' kwalità u servizzi tal-kura pubblika jwassluhom f'aktar xogħol ta' kura mingħajr ħlas, jillimitaw l-indipendenza finanzjarja tagħhom u jagħmluha aktar diffiċli biex wieħed jaħrab minn sitwazzjonijiet vjolenti; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-Semestru Ewropew u l-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE jivvalutaw b'mod sistematiku l-impatt fuq il-ġeneru tar-riformi rakkomandati, tipprowomvi l-investiment f'servizzi pubbliċi u

infrastruttura tal-kura ta' kwalità, u tiżviluppa, flimkien mal-Istati Membri, miżuri vinkolanti biex tipprevjeni u tiġġieled il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż billi ssaħħaħ l-awtonomija ekonomika tan-nisa;

Or. en

Emenda 243
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jinnota li l-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim għadha ferm anqas mill-mira tal-UE ta' 60 % għall-2030, b'lakuni persistenti li jaffettwaw lill-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, lill-ħaddiema akbar fl-età, lill-migranti u lill-persuni b'diżabbiltà; jisħaq li l-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tista' tinkiseb biss permezz ta' parteċipazzjoni usa' tal-adulti li għandhom impjieg fl-attivitajiet ta' taħriġ f'ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, u li l-ftehimiet kollettivi huma kruċjali biex jiġu żgurati opportunitajiet ugwali għall-adulti li għandhom impjieg biex ikollhom aċċess għat-taħriġ vokazzjonali; jissottolinja li l-inizjattiva tal-Unjoni tal-Ħiliet u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman iridu jwasslu għal appoġġ aktar b'saħħtu għal strateġiji komprensivi għall-ħiliet u investimenti f'sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità għolja, inklużivi u aċċessibbli għal kulħadd;

Or. en

Emenda 244
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jenfasizza l-ħtieġa li jitkomplew l-inizjattivi tal-UE biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet bħall-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, l-Unjoni tal-Ħiliet, il-Patt għall-Ħiliet, ALMA u l-Akkademji b'Emissjonijiet Żero Netti; jitlob b'mod partikolari li jissaħħu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, il-kontijiet individwali tal-apprendiment u l-mikrokredenzjali, filwaqt li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol inattiva u l-gruppi b'livell baxx ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tressaq soluzzjonijiet konkreti għan-nuqqas ta' ħiliet fil-Pakkett li jmiss dwar il-Mobbiltà Ġusta tal-Ħaddiema;

Or. en

Emenda 245
Pál Szekeres, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jenfasizza li l-investiment f'edukazzjoni inklużiva u aċċessibbli mit-tfulija bikrija huwa prerekwiżit biex tiġi żviluppata forza tax-xogħol b'ħiliet, titrawwem il-mobbiltà soċjali, jitnaqqas il-faqar, u jiġi żgurat li l-individwi kollha jkollhom l-opportunitajiet li jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà;

Or. en

Emenda 246

Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jirrikonoxxi li l-migrazzjoni legali u r-rikonoxximent simplifikat tal-kwalifiki barranin huma għodod effettivi biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet u jitlob li dawn jiġu inklużi fl-għażliet ta' riforma nazzjonali;

Or. en

Emenda 247
Nela Riehl
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jilqa' l-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jżidu l-infiq pubbliku fuq l-edukazzjoni u l-ħiliet;

Or. en

Emenda 248
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jenfasizza li ż-żgħażagħ qed jaħdmu b'mod sproporzjonat f'forom ta' impjieg mhux standard, xogħol part-time,

kuntratti staġjonali u prekarji, u xogħol mhux iddikjarat; jisħaq li b'taħlita ta' għodod, l-UE jeħtiġilha ssaħħaħ u tadotta politiki aktar stretti biex ittemm il-prekarjetà, b'mod konkret billi tipprevjeni lill-impjegaturi milli jużaw prattiki abbużivi u internships fittizji, kuntratti ta' żero sigħat, jew kuntratti b'terminu fiss għar-rwoli li huma essenzjalment permanenti; jitlob f'dan il-kuntest sforzi msaħħa biex tiġi implimentata l-Garanzija għaż-Żgħażagħ, u jiġu żgurati biżżejjed riżorsi għal azzjonijiet u riformi strutturali mmirati li jappoġġjaw l-impjiegi ta' kwalità għaż-żgħażagħ, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, b'mod partikolari permezz ta' traineeships u apprendistati bi ħlas u ta' kwalità għolja, u li jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet mill-iskola għall-post tax-xogħol, ir-riintegrazzjoni fl-edukazzjoni jew it-taħriġ, u l-edukazzjoni li tagħti ċans ieħor;

Or. en

Emenda 249
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jilqa' l-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea u l-enfasi tagħha fuq l-indirizzar tan-nuqqas ta' ħiliet, l-użu tal-informazzjoni dwar il-ħiliet għat-tfassil ta' strateġiji għall-ħiliet u l-iżvilupp ta' sett wiesa' ta' ħiliet bażiċi, inkluż il-litteriżmu diġitali, taċ-ċittadinanza u tal-IA, dwar it-tħejjija għal ħajja moderna; jirrikonoxxi li n-nuqqas ta' investiment fil-kapital uman qed iżomm lura l-innovazzjoni, il-kompetittività fl-Unjoni, u t-twettiq tal-

potenzjal sħiħ ta' kull persuna; iqis li din ir-rakkomandazzjoni għandha tappoġġja d-dimensjoni territorjali tal-iżvilupp tal-kapital uman fl-Istati Membri sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tal-attraenza tar-reġjuni għal talenti;

Or. en

Emenda 250
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jenfasizza l-importanza li tittejjeb il-mobbiltà tal-ħaddiema fis-Suq Uniku billi jitnaqqsu l-ostakli amministrattivi u tiġi ssimplifikata l-koordinazzjoni tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali għall-ħaddiema mobbli;

Or. en

Emenda 251
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Huwa mħasseb dwar it-tnaqqis fil-prestazzjoni edukattiva taż-żgħażagħ, b'mod partikolari fil-ħiliet bażiċi u l-għadd ta' persuni li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ li għadu għoli f'diversi Stati Membri; ifakkar li t-tluq bikri jaffettwa b'mod sproporzjonat lir-Rom u lill-persuni b'diżabbiltà u jenfasizza li d-diffikultajiet fit-tfulija jħallu impatt fuq l-opportunitajiet aktar tard fil-ħajja; jilqa' t-tħabbira ta' Pjan ta'

Azzjoni dwar il-Ħiliet Bażiċi u Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM; jistieden lill-Istati Membri jinvestu fi programmi biex l-istudenti jkollhom il-ħiliet bażiċi, diġitali u trażversali u jindirizzaw it-tluq bikri mill-iskola permezz ta' sistemi ta' twissija bikrija u soluzzjonijiet personalizzati; jemmen li l-ħiliet diġitali u trażversali jridu jinkludu komponent ta' ħsieb kritiku u litteriżmu medjatiku sabiex kull persuna tkun tista' tiġġieled it-theddida ta' miżinformazzjoni;

Or. en

Emenda 252
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7d. Huwa mħasseb bil-livell tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, li għadu f'livelli ogħla aktar mid-doppju tar-rata ġenerali tal-qgħad tal-UE; ifakkar fl-impenn li l-Istati Membri ħadu fil-konfront taż-żgħażagħ fl-ambitu tal-istabbiliment tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ; huwa tal-fehma li huma meħtieġa aktar sinerġiji bejn il-Garanziji għat-Tfal u għaż-Żgħażagħ sabiex jiġi żgurat appoġġ adegwat u mmirat għaż-żgħażagħ matul l-iżvilupp personali u professjonali tagħhom; iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu l-Garanzija għaż-Żgħażagħ bħala għodda biex jiġu appoġġjati dawk li jitilqu mill-foster care u jipprevjenu l-waqfien f'daqqa tal-appoġġ għall-persuni li jitilqu mis-sistema ta' fostercare ("care cliff")[8a], inkluż permezz ta' aċċess għal gwida professjonali; jisħaq li għal dan il-grupp huwa essenzjali li l-miżuri ta' attivazzjoni tal-impjieg jiġu kkomplementati b'appoġġ sostnut, li jinkludi l-aċċess għal servizzi soċjali integrati, inkluż appoġġ għall-

akkomodazzjoni u s-saħħa mentali biex tiġi żgurata r-ritenzjoni fl-edukazzjoni jew fl-impjieg; jenfasizza l-ħtieġa li jsir investiment fil-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa sabiex jiġi żgurat appoġġ ta' kwalità u f'waqtu għall-NEETs kollha li għandhom anqas minn 30 sena;

[8a] Field, A, Sen, R, Johnston, C & Ellis, K 2021, "Turning 18 in Specialised Residential Therapeutic Care: Independence or a Cliff Edge?" (Meta wieħed jagħlaq 18-il sena f'Kura Terapewtika Residenzjali Speċjalizzata: Indipendenza jew Waqfien f'Daqqa tal-Appoġġ?), Children & Society, vol. 35, nru. 5, p. 784-798. https://doi.org/10.1111/chso.12450.

Or. en

Emenda 253
Pál Szekeres, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li l-ġustizzja interġenerazzjonali trid issir komponent strutturali tas-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mill-istrateġija tagħha dwar l-ekwità interġenerazzjonali, tintegra indikaturi dwar il-benesseri taż-żgħażagħ, l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħiliet fil-qafas ta' valutazzjoni tas-Semestru Ewropew, u tevalwa b'mod sistematiku l-impatti fit-tul tar-rakkomandazzjonijiet fiskali u ta' riforma;	***imħassar***

Or. en

Emenda 254
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li l-ġustizzja interġenerazzjonali trid issir komponent strutturali tas-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mill-istrateġija tagħha dwar l-ekwità interġenerazzjonali, tintegra indikaturi dwar il-benesseri taż-żgħażagħ, l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħiliet fil-qafas ta' valutazzjoni tas-Semestru Ewropew, u tevalwa b'mod sistematiku l-impatti fit-tul tar-rakkomandazzjonijiet fiskali u ta' riforma;	8. Jenfasizza li l-ġustizzja interġenerazzjonali***, fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet diġitali, ekoloġiċi u demografiċi,*** trid issir komponent strutturali tas-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mill-istrateġija tagħha dwar l-ekwità interġenerazzjonali, tintegra indikaturi dwar il-benesseri taż-żgħażagħ, l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità, ***l-aċċess, l-adegwatezza u*** l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħiliet fil-qafas ta' valutazzjoni tas-Semestru Ewropew, u tevalwa b'mod sistematiku l-impatti fit-tul tar-rakkomandazzjonijiet fiskali u ta' riforma; ***jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess għal traineeships u apprendistati bi ħlas, ta' kwalità u inklużivi mhux biss għaż-żgħażagħ, iżda wkoll għall-ħaddiema akbar fl-età u għal dawk li jkunu qed ifittxu impjieg sabiex jiġu ffaċilitati t-titjib il-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tagħhom; jisħaq li l-ekwità u l-politiki interġenerazzjonali dwar it-tixjiħ attiv ma għadhom bl-ebda mod iwasslu għal żieda fl-età tal-irtirar;***

Or. en

Emenda 255
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li l-ġustizzja interġenerazzjonali trid issir komponent strutturali tas-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mill-istrateġija tagħha dwar l-ekwità interġenerazzjonali, tintegra indikaturi dwar il-benesseri taż-żgħażagħ, l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħiliet fil-qafas ta' valutazzjoni tas-Semestru Ewropew, ***u tevalwa*** b'mod sistematiku l-impatti fit-tul tar-rakkomandazzjonijiet fiskali u ta' riforma;	8. Jenfasizza li l-ġustizzja interġenerazzjonali trid issir komponent strutturali tas-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mill-istrateġija tagħha dwar l-ekwità interġenerazzjonali, tintegra indikaturi dwar il-benesseri taż-żgħażagħ ***u tal-anzjani, inkluż r-rati tal-qgħad***, l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità ***għall-etajiet kollha***, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni ***u l-aċċessibbiltà fiżika***, ***l-adegwatezza tal-introjtu minimu u tal-pensjonijiet, l-aċċess għal servizzi ta' kwalità b'rabta mas-saħħa mentali,*** l-edukazzjoni u l-ħiliet ***ta' kwalità għolja*** fil-qafas ta' valutazzjoni tas-Semestru Ewropew***; jissottolinja l-importanza li jiġi promoss it-tagħlim tul il-ħajja u interġenerazzjonali u jiġi żgurat l-aċċess għal servizzi soċjali u ta' kura ta' kwalità, affordabbli u aċċessibbli, inkluż pensjonijiet adegwati; jitlob li jiġu evalwati*** b'mod sistematiku l-impatti fit-tul tar-rakkomandazzjonijiet fiskali u ta' riforma;
	Or. en

Emenda 256
Nela Riehl
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li l-ġustizzja interġenerazzjonali trid issir komponent strutturali tas-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mill-istrateġija tagħha dwar l-ekwità interġenerazzjonali, tintegra indikaturi dwar il-benesseri taż-żgħażagħ, l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-	8. Jenfasizza li l-ġustizzja interġenerazzjonali trid issir komponent strutturali tas-Semestru Ewropew***, u jiġi żgurat li l-għażliet ta' politika tal-lum u n-nuqqas ta' investiment ma jgħaddux il-pożijiet ekonomiċi, soċjali jew ambjentali sproporzonati lill-ġenerazzjonijiet iż-żgħar u futuri***; jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mill-istrateġija tagħha dwar l-ekwità

ħiliet fil-qafas ta’ valutazzjoni tas-Semestru Ewropew, u tevalwa b’mod sistematiku l-impatti fit-tul tar-rakkomandazzjonijiet fiskali u ta’ riforma;	interġenerazzjonali, tintegra indikaturi dwar il-benesseri taż-żgħażagħ, l-aċċess għal impjiegi ta’ kwalità, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħiliet fil-qafas ta’ valutazzjoni tas-Semestru Ewropew, u tevalwa b’mod sistematiku l-impatti fit-tul tar-rakkomandazzjonijiet fiskali u ta’ riforma;

Or. en

Emenda 257
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li l-ġustizzja interġenerazzjonali trid issir komponent strutturali tas-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mill-istrateġija tagħha dwar l-ekwità interġenerazzjonali, tintegra indikaturi dwar il-benesseri taż-żgħażagħ, l-aċċess ***għal impjiegi ta’ kwalità***, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħiliet fil-qafas ta’ valutazzjoni tas-Semestru Ewropew, u tevalwa b’mod sistematiku l-impatti fit-tul tar-rakkomandazzjonijiet fiskali u ta’ riforma;	8. Jenfasizza li l-ġustizzja interġenerazzjonali trid issir komponent strutturali tas-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mill-istrateġija tagħha dwar l-ekwità interġenerazzjonali, tintegra indikaturi dwar il-benesseri taż-żgħażagħ, l-aċċess ***għas-suq tax-xogħol***, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħiliet fil-qafas ta’ valutazzjoni tas-Semestru Ewropew, u tevalwa b’mod sistematiku l-impatti fit-tul tar-rakkomandazzjonijiet fiskali u ta’ riforma; ***jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta metodoloġija standard biex jiġu vvalutati l-impatti fiskali u ekonomiċi fit-tul tar-rakkomandazzjonijiet ta’ politika fuq il-ġenerazzjonijiet futuri;***

Or. en

Emenda 258
Marlena Maląg
f’isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li l-ġustizzja interġenerazzjonali trid issir komponent strutturali tas-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mill-istrateġija tagħha dwar l-ekwità interġenerazzjonali, tintegra indikaturi dwar il-benesseri taż-żgħażagħ, l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħiliet ***fil-qafas ta' valutazzjoni tas-Semestru Ewropew, u tevalwa b'mod sistematiku l-impatti fit-tul tar-rakkomandazzjonijiet fiskali u ta' riforma***;	8. Jenfasizza li l-ġustizzja interġenerazzjonali hija waħda mill-aktar sfidi soċjali importanti li qed jiffaċċjaw il-pajjiżi tal-UE, u li l-kwistjonijiet relatati mal-benesseri taż-żgħażagħ, l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħiliet***, l-aċċess taż-żgħażagħ għal impjiegi ta' kwalità għolja, id-disponibbiltà tal-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħiliet huma indikaturi li jridu jiġu mmonitorjati b'mod partikolari mill-qrib***;

Or. en

Emenda 259
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li l-ġustizzja interġenerazzjonali trid issir komponent strutturali tas-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mill-istrateġija tagħha dwar l-ekwità interġenerazzjonali, ***tintegra indikaturi dwar*** il-benesseri taż-żgħażagħ, l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħiliet fil-qafas ta' valutazzjoni tas-Semestru Ewropew, u tevalwa b'mod sistematiku l-impatti fit-tul tar-rakkomandazzjonijiet fiskali u ta' riforma;	8. Jenfasizza li l-ġustizzja interġenerazzjonali trid issir komponent strutturali tas-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mill-istrateġija tagħha dwar l-ekwità interġenerazzjonali, ***issegwi mill-qrib*** il-benesseri taż-żgħażagħ, ***il-benesseri tal-familji,*** l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħiliet fil-qafas ta' valutazzjoni tas-Semestru Ewropew, u tevalwa b'mod sistematiku l-impatti fit-tul tar-rakkomandazzjonijiet fiskali u ta' riforma;

Or. en

Emenda 260
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li l-ġustizzja interġenerazzjonali trid issir komponent strutturali tas-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mill-istrateġija tagħha dwar l-ekwità interġenerazzjonali, tintegra indikaturi dwar il-benesseri taż-żgħażagħ, l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħiliet fil-qafas ta' valutazzjoni tas-Semestru Ewropew, u tevalwa ***b'mod sistematiku*** l-impatti fit-tul tar-rakkomandazzjonijiet fiskali u ta' riforma;	8. Jenfasizza li l-ġustizzja interġenerazzjonali trid issir komponent strutturali tas-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mill-istrateġija tagħha dwar l-ekwità interġenerazzjonali, tintegra indikaturi dwar il-benesseri taż-żgħażagħ, l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħiliet fil-qafas ta' valutazzjoni tas-Semestru Ewropew, u tevalwa l-impatti fit-tul ***u distribuzzjonali*** tar-rakkomandazzjonijiet fiskali u ta' riforma;

Or. en

Emenda 261
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu integrati aħjar it-trasformazzjoni demografika u ż-żieda fil-longevità fis-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mill-Istrateġija għall-Ekwità Interġenerazzjonali u l-azzjonijiet futuri tagħha, tindirizza din il-bidla billi tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet tal-persuni akbar fl-età permezz ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, u tiżgura l-protezzjoni minn diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, tappoġġja l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fl-oqsma kollha tal-ħajja,

trawwem politiki ta' impjiegi pożittivi u l-aċċess għat-taħriġ vokazzjonali irrispettivament mill-età, tiggarantixxi introjtu u pensjonijiet adegwati b'attenzjoni speċjali lin-nisa, u ttejjeb il-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi tas-saħħa u tal-kura; iqis li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għandhom jippromwovu pensjonijiet li jiżguraw ħajja f'dinjità, benesseri u saħħa ta' kwalità affordabbli, promozzjoni tas-saħħa u prevenzjoni għal kulħadd;

Or. en

Emenda 262
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jesprimi dispjaċir għad-differenzi fil-pagi, fil-pensjoni u fl-impjiegi bejn il-ġeneri, li jsaħħu l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri kif ukoll ixekklu t-tkabbir u l-kompetittività tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jappoġġjaw aħjar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol blli jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali u politiki mmirati bħal taħriġ f'ħiliet f'setturi strateġiċi u li qed jiżviluppaw, titjib fl-għoti ta' servizzi ta' kura affordabbli u riformi ekonomiċi mmirati;

Or. en

Emenda 263
Pál Szekeres, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jenfasizza li l-ekwità interġenerazzjonali għandha tiġi promossa bħala prinċipju strutturali ewlieni; jissottolinja l-importanza li jiġu żgurati il-benesseri taż-żgħażagħ u tal-anzjani, l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità u ż-żamma fihom, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni u l-enerġija, u edukazzjoni inklużiva għal kulħadd, inklużi l-persuni b'diżabbiltà, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-kompetenzi u l-prijoritajiet tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 264
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jisħaq li t-tranżizzjoni demografika tirrikjedi riformi biex tiżdied il-parteċipazzjoni tas-suq tax-xogħol, jiġi appoġġjat it-tixjiħ attiv u tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistemi tal-pensjoni u tal-kura;

Or. en

Emenda 265
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jenfasizza l-ħtieġa ta'

implimentazzjoni aktar b'saħħitha tad-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata biex jiġi żgurat li ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jibnu l-familja tagħhom u li dawk fil-bżonn jirċievu kura ta' kwalità u ċċentrata fuq il-bniedem; jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu s-sistemi tal-kura madwar l-UE fil-kuntest ta' bidla demografika billi jiġu żgurati ħaddiema fil-qasam tal-kura mħallsa tajjeb, imħarrġa sew u professjonali; jissottolinja li dan huwa essenzjali biex jiġu appoġġjati l-familji, tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u tiġi avvanzata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jistieden lill-Istati Membri jinvestu f'servizzi tal-kura ta' kwalità għolja, affordabbli u aċċessibbli, kif stabbilit fl-Istrateġija Ewropea għall-Kura, u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja aħjar tali investimenti;

Or. en

Emenda 266
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Ifakkar fl-objettiv tal-Unjoni ta' tranżizzjoni mill-kura istituzzjonali għall-kura komunitarja jew f'familja; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tressaq Pjan ta' Azzjoni dwar id-deistituzzjonalizzazzjoni; jisħaq li dan il-Pjan ta' Azzjoni għandu jkopri l-gruppi kollha li għadhom jgħixu fl-istituzzjonijiet inklużi t-tfal, il-persuni b'diżabilità, il-persuni li jbatu minn kwistjonijiet ta' saħħa mentali jew il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-fondi FSE+ kif ukoll minn fondi tal-UE u nazzjonali rilevanti oħra sabiex jiġi

	ffinalizzat il-proċess tad-deistituzzjonalizzazzjoni, jiġu żviluppati l-kura u s-servizzi f'ambjent ta' familja jew komunità u jsir investiment f'miżuri preventivi biex tiġi evitata separazzjoni tal-familji bla bżonn;

Or. en

Emenda 267
Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jinvestu 5 % tal-PDG kull sena f'rekwiżiti ewlenin tad-difiża u fi nfiq relatat għas-sigurtà sal-2035, inkluż permezz tal-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali; jisħaq li, fil-qafas tas-Semestru Ewropew, tali nefqa trid tiġi ppjanata b'mod ikkoordinat;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 268
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jinvestu 5 % tal-PDG kull sena f'rekwiżiti ewlenin tad-difiża u fi nfiq relatat għas-sigurtà sal-2035, inkluż permezz tal-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali; jisħaq li, fil-qafas tas-Semestru Ewropew, tali nefqa trid tiġi ppjanata b'mod ikkoordinat;	***imħassar***

Or. en

Emenda 269
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jinvestu 5 % tal-PDG kull sena f'rekwiżiti ewlenin tad-difiża u fi nfiq relatat għas-sigurtà sal-2035, inkluż permezz tal-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali; jisħaq li, fil-qafas tas-Semestru Ewropew, tali nefqa trid tiġi ppjanata b'mod ikkoordinat;	***imħassar***

Or. en

Emenda 270
Hristo Petrov, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jinvestu 5 % tal-PDG kull sena f'rekwiżiti ewlenin tad-difiża u fi nfiq relatat għas-sigurtà sal-2035, inkluż permezz tal-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali; jisħaq li, fil-qafas tas-Semestru Ewropew, tali nefqa trid tiġi ppjanata b'mod ikkoordinat;	***imħassar***

Or. en

Emenda 271
Nela Riehl
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jinvestu 5 % tal-PDG kull sena f'rekwiżiti ewlenin tad-difiża u fi nfiq relatat għas-sigurtà sal-2035, inkluż permezz tal-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali; jisħaq li, fil-qafas tas-Semestru Ewropew, tali nefqa trid tiġi ppjanata b'mod ikkoordinat;	9. Jirrikonoxxi li l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jinvestu 5 % tal-PDG kull sena f'rekwiżiti ewlenin tad-difiża u fi nfiq relatat għas-sigurtà sal-2035, inkluż permezz tal-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali; jisħaq li, fil-qafas tas-Semestru Ewropew, tali nefqa trid tiġi ppjanata b'mod ikkoordinat***, effiċjenti, u Ewropew***; ***jistieden lill-Istati Membri jimminimizzaw l-infiq nazzjonali frammentat, jagħtu prijorità lill-programmi konġunti ta' żvilupp, akkwist u tagħmir; jenfasizza li l-investiment fid-difiża għandu jimmassimizza t-teknoloġiji għat-tisħiħ tat-tkabbir, l-użu doppju filwaqt li jiġu evitati dipendenzi minn sħab mhux affidabbli, biex jiġu minimizzati l-effetti negattivi fuq is-sostenibbiltà tad-dejn u l-ekwità interġenerazzjonali; jissottolinja li l-investiment relatat mas-sigurtà miftiehem ta' 1,5 % għandu jagħmel enfasi fuq ir-reżiljenza tas-soċjetà, inkluża l-infrastruttura b'benefiċċji kbar għall-popolazzjoni ċivili, il-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni ċivika, ir-reżiljenza demokratika u l-protezzjoni kontra d-diżinformazzjoni, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-istabbiltà soċjali u l-fiduċja demokratika huma parti integrali mill-arkitettura tas-sigurtà tal-Ewropa u jridu jiġu riflessi fl-analiżi tas-Semestru ta' ħtiġijiet fit-tul ta' riforma u investiment;***

Or. en

Emenda 272
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jirrikonoxxi*** li l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jinvestu 5 % tal-PDG kull sena f'rekwiżiti ewlenin tad-difiża u fi nfiq relatat għas-sigurtà sal-2035, inkluż permezz tal-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali; jisħaq li, fil-qafas tas-Semestru Ewropew, tali nefqa trid tiġi ppjanata b'mod ikkoordinat;	9. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jinvestu 5 % tal-PDG kull sena f'rekwiżiti ewlenin tad-difiża u fi nfiq relatat għas-sigurtà sal-2035, inkluż permezz tal-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali; jisħaq li, fil-qafas tas-Semestru Ewropew, tali nefqa trid tiġi ppjanata b'mod ikkoordinat; ***jisħaq li ż-żieda fin-nefqa għad-difiża u s-sigurtà ma għandhiex tkun għad-detriment tal-investiment soċjali, is-servizzi pubbliċi jew is-sistemi tal-protezzjoni soċjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jivvalutaw l-impatti soċjali u tal-impjiegi ta' tali nefqa fis-Semestru Ewropew;***

Or. en

Emenda 273
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li ***l-Istati*** Membri impenjaw ruħhom li jinvestu 5 % tal-PDG kull sena f'rekwiżiti ewlenin tad-difiża u fi nfiq relatat għas-sigurtà sal-2035, inkluż permezz tal-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali; jisħaq li, fil-qafas tas-Semestru Ewropew, tali nefqa trid tiġi ppjanata b'mod ikkoordinat;	9. Jirrikonoxxi li ***xi Stati*** Membri impenjaw ruħhom li jinvestu 5 % tal-PDG kull sena f'rekwiżiti ewlenin tad-difiża u fi nfiq relatat għas-sigurtà sal-2035, inkluż permezz tal-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali; jisħaq li, fil-qafas tas-Semestru Ewropew, tali nefqa trid tiġi ppjanata b'mod ikkoordinat ***u trasparenti u ma tridx tiġi implimentata għad-detriment tal-investimenti meħtieġa fis-servizzi pubbliċi, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jew is-sistemi tal-protezzjoni soċjali u l-istat soċjali***;

Or. en

Emenda 274
Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jinvestu 5 % tal-PDG kull sena f'rekwiżiti ewlenin tad-difiża u fi nfiq relatat għas-sigurtà sal-2035, inkluż permezz tal-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali; jisħaq li***,*** fil-qafas tas-Semestru Ewropew***, tali nefqa trid tiġi ppjanata b'mod ikkoordinat***;	9. Jirrikonoxxi li l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jinvestu 5 % tal-PDG kull sena f'rekwiżiti ewlenin tad-difiża u fi nfiq relatat għas-sigurtà sal-2035, inkluż permezz tal-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali; jisħaq li ***dan l-infiq huwa kompetenza essenzjali[1a] tal-Istati Membri; u konsegwentement ma jistax jiġi ppjanat*** fil-qafas tas-Semestru Ewropew;
	[1a] Skont l-Artikolu 4(2) tat-TFUE

Or. fr

Emenda 275
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jinvestu 5 % tal-PDG kull sena f'rekwiżiti ewlenin tad-difiża u fi nfiq relatat għas-sigurtà sal-2035, inkluż permezz tal-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali; jisħaq li***, fil-qafas tas-Semestru Ewropew,*** tali nefqa trid tiġi ***ppjanata b'mod ikkoordinat***;	9. Jirrikonoxxi li l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jinvestu 5 % tal-PDG kull sena f'rekwiżiti ewlenin tad-difiża u fi nfiq relatat għas-sigurtà sal-2035, inkluż permezz tal-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali; jisħaq li tali nefqa trid tiġi ***mfassla mill-qrib skont il-ħtiġijiet tad-difiża individwali tal-Istati Membri individwali***;

Or. en

Emenda 276
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jenfasizza li minkejja x-xejriet 'il fuq tal-pagi nominali, il-pagi reali għadhom aktar baxxi minn dawk tal-perjodu ta' qabel il-COVID-19 f'ħafna Stati Membri u li dan jiżdied max-xejra fit-tul li fiha l-pagi reali baqgħu lura meta mqabbla maż-żidiet fil-produttività; jisħaq li, għalhekk, il-ħaddiema tal-UE esperjenzaw telf strutturali tal-kapaċità tal-akkwist u tal-istandards tal-għajxien meta mqabbla mal-valur ekonomiku li jiġġeneraw; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Kunsill jirrakkomandaw li jissaħħu l-kundizzjonijiet li jappoġġjaw it-tkabbir sostenibbli tal-pagi, b'mod partikolari billi jiġi promoss in-negozjar kollettiv, u jiġi vvalutat l-involviment effettiv tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika għat-tisħiħ tad-djalogu soċjali;

Or. en

Emenda 277
Nela Riehl
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu akbar mis-Semestru Ewropew u mir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż biex tappoġġja lill-Istati Membri fit-titjib tal-kopertura u l-aċċessibbiltà tas-servizzi soċjali; jinnota li l-Indiċi Ewropew tas-Servizzi Soċjali juri

disparitajiet wiesgħa bejn l-Istati Membri biex jaċċessaw servizzi essenzjali, inklużi l-kura fit-tul, il-protezzjoni tat-tfal, l-appoġġ għall-vittimi ta' vjolenza, u s-servizzi tal-akkomodazzjoni u tal-persuni mingħajr dar; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-iżvilupp ta' indikaturi komuni tad-data dwar in-nefqa u l-kopertura tas-servizzi soċjali sabiex jissaħħu r-rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-evidenza u l-monitoraġġ effettiv tal-implimentazzjoni tagħhom;

Or. en

Emenda 278
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jinnota li l-Istati Membri li jinvestu madwar 2 % tal-PDG fis-sena f'rekwiżiti ewlenin tad-difiża diġà qed jagħmlu sforzi sostanzjali, filwaqt li pajjiżi oħra għad iridu jilħqu dan il-livell, u għalhekk iqis li l-mira ta' 5 % hija eċċessiva; jisħaq li kwalunkwe nefqa fid-difiża għandha tibqa' bis-sħiħ fil-kompetenza tal-Istati Membri u tiġi ppjanata u eżegwita skont il-prijoritajiet nazzjonali u l-impenn volontarju;

Or. en

Emenda 279
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

9a. Jisħaq li d-deċiżjonijiet nazzjonali dwar in-nefqa fid-difiża u fis-sigurtà għandhom jiġu kkoordinati b'regoli fiskali u ppjanar baġitarju fit-tul u li l-klawżoli temporanji ma għandhomx jimminaw is-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju;

Or. en

Emenda 280
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li r-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew fl-2026 se jkollhom rwol essenzjali fit-tfassil tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali; jemmen li r-riformi u l-investimenti għandhom jintgħażlu abbażi tal-effiċjenza u l-effettività li bihom jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 281
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. ***Jinnota*** li r-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew ***fl-2026 se jkollhom rwol essenzjali fit-tfassil tal-pjanijiet*** ta' sħubija nazzjonali u reġjonali***; jemmen*** li r-riformi u l-investimenti għandhom jintgħażlu ***abbażi tal-effiċjenza*** u l-effettività ***li bihom jindirizzaw ir-***	10. ***Jirrikonoxxi li, minħabba l-prijoritajiet ġodda stabbiliti mill-Kummissjoni, il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027 prinċipalment jagħmel enfasi fuq il-kompetittività; jisħaq li l-pilastri fundamentali tal-baġit tal-UE, il-Politika ta' Koeżjoni u l-***

rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti;	***Politika Agrikola Komuni, ma għandhomx jiddgħajfu jew jiġu amalgamati b'tali mod li jimmina l-koeżjoni soċjali, l-impjiegi ta' kwalità, l-opportunitajiet għall-persuni b'diżabbiltà, jew l-ekonomija soċjali; jinnota bi tħassib li r-rabta tal-iżborż tal-fondi b'mod aktar mill-qrib mar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż tirriskja li t-teħid ta' deċiżjonijiet jiġi ċentralizzat u li jiġi llimitat ir-rwol tar-reġjuni u l-atturi lokali; jissottolinja*** li r-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew ***tal-2026 se jkunu kruċjali biex isawru pjanijiet*** ta' sħubija nazzjonali u reġjonali***, u*** li r-riformi u l-investimenti għandhom jintgħażlu ***għall-effiċjenza*** u l-effettività ***tagħhom biex jindirizzaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet***;

Or. en

Emenda 282
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li r-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew fl-2026 se jkollhom rwol essenzjali fit-tfassil tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali; jemmen li r-riformi u l-investimenti għandhom jintgħażlu abbażi tal-effiċjenza u l-effettività li bihom jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti;	10. Jinnota li r-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew fl-2026 se jkollhom rwol essenzjali fit-tfassil tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali; ***iwissi li jekk il-finanzjament tal-UE jintrabat mal-gwida tas-Semestru, dik il-gwida trid tkun ibbilanċjata soċjalment; jinsisti li dawn il-pjanijiet ma għandhomx isegwu biss il-kompetittività tal-kostijiet iżda jridu jagħtu prijorità lill-konverġenza soċjali li titla', il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi, f'allinjament bis-sħiħ mal-EPSR;*** jemmen li r-riformi u l-investimenti għandhom jintgħażlu abbażi tal-effiċjenza u l-effettività li bihom jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet

speċifiċi għall-pajjiż rilevanti;

Or. en

Emenda 283
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li r-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew fl-2026 se jkollhom rwol essenzjali fit-tfassil tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali; jemmen li r-riformi u l-investimenti għandhom jintgħażlu abbażi tal-effiċjenza u l-effettività li bihom jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti;	10. Jinnota li r-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew fl-2026 se jkollhom rwol essenzjali fit-tfassil tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali; jemmen li r-riformi u l-investimenti għandhom jintgħażlu abbażi tal-effiċjenza u l-effettività li bihom jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti; ***jissottolinja li l-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali jridu jagħtu prijorità lir-riformi li jtejbu l-ambjent kummerċjali, inaqqsu l-burokrazija u jimmassimizzaw l-effett multiplikatur tal-investiment pubbliku;***

Or. en

Emenda 284
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota ***li r-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew fl-2026 se jkollhom rwol essenzjali fit-tfassil tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali***; ***jemmen li r-riformi u l-investimenti għandhom jintgħażlu abbażi tal-effiċjenza u l-effettività li bihom jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet***	10. Jinnota ***bi tħassib il-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP li jmiss li tnaqqas l-enfasi fuq l-objettivi tal-impjiegi u soċjali u l-appoġġ għalihom; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, tirrevedi l-proposta tagħha u tippreżenta fond tal-FSE+ awtonomu u msaħħaħ, b'pakkett finanzjarju ddedikat u***

speċifiċi għall-pajjiż rilevanti;	***mekkaniżmi ċari li jiggarantixxu li l-konċentrazzjonijiet tematiċi japplikaw għall-programmi nazzjonali, li kapaċi jilħqu l-objettivi tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***;

Or. en

Emenda 285
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li r-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew fl-2026 se jkollhom rwol essenzjali fit-tfassil tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali; jemmen li r-riformi u l-investimenti għandhom ***jintgħażlu abbażi tal-effiċjenza u l-effettività li bihom jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti***;	10. Jinnota li r-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew fl-2026 se jkollhom rwol essenzjali fit-tfassil tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali; jemmen li r-riformi u l-investimenti għandhom ***jirriflettu bis-sħiħ l-għanijiet u l-prijoritajiet ekonomiċi nazzjonali***;

Or. en

Emenda 286
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-analiżijiet u r-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew jindirizzaw il-ħtieġa ta' sistemi tat-taxxa ġusti, progressivi u effettivi li jistgħu jiżguraw dħul pubbliku suffiċjenti biex jiġu ffinanzjati servizzi pubbliċi ta' kwalità

għaolja u servizzi ta' interess ġenerali, inklużi servizzi soċjali u essenzjali, aċċess universali għall-kura tas-saħħa u għall-kura, u tranżizzjoni diġitali u ekoloġika ġusta, filwaqt li jiġi appoġġjat il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi; jinnota li, fid-dawl tal-episodji reċenti ta' inflazzjoni xprunata mill-profitt u marġnijiet tal-profitt korporattiv li qed jiżdiedu f'xi setturi, l-Istati Membri għandhom iqisu miżuri mmirati għat-taxxa fuq profitti straordinarji mhux mistennija u profitti eċċessivi, b'mod partikolari fis-setturi tal-enerġija u finanzjarji u setturi oħra li bbenefikaw b'mod sproprozjonat mill-kriżijiet reċenti, filwaqt li jiġu ssalvagwadjati l-impjiegi ta' kwalità u l-SMEs;

Or. en

Emenda 287
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Ifakkar li l-kriterji fiskali ta' Maastricht huma definiti bħala proporzjonijiet li fihom id-denominatur huwa prodott domestiku gross (PDG), b'mod partikolari l-proporzjonijiet tad-defiċit mal-PDG u d-dejn mal-PDG; jinnota li meta tiddgħajjef id-domanda esterna għall-esportazzjonijiet tal-UE u d-domanda domestika tiġi ristretta mill-miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali, it-tkabbir tal-PDG jinżamm lura, li min-naħa l-oħra jxekkel it-tnaqqis ta' dawn il-proporzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iqisu din l-interazzjoni meta jivvalutaw il-pożizzjonijiet fiskali u jfasslu qafas li ma jippenalizzax mekkanikament lill-Istati Membri f'perjodi ta' domanda

mnaqqsa u tkabbir baxx; jisħaq li l-oqfsa fiskali li jagħtu prijorità b'mod mekkaniku lill-proporzjonijiet tad-defiċit u tad-dejn mingħajr ma jitqiesu kif xieraq l-impatt tagħhom fuq it-tkabbir, l-impjiegi u d-domanda domestika jirriskjaw li jsiru kontroproduttivi ekonomikament;

Or. en

Emenda 288
Pál Szekeres, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jinnota li r-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew fl-2026 se jipprovdu gwida għat-tfassil tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali; jissottolinja li r-riformi u l-investimenti għandhom jiġu ddeterminati mill-Istati Membri nfushom, filwaqt li jqisu l-prijoritajiet nazzjonali tagħhom, u bil-possibbiltà li jqisu, fejn xieraq, ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;

Or. en

Emenda 289
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti disponibbli tal-Unjoni, inkluż l-FSE+, fl-oqsma ewlenin ta' dan l-istrument; iħeġġiġhom itejbu l-monitoraġġ u r-

rapportar tad-data tal-implimentazzjoni biex jiġi żgurat li dawn ir-riżorsi jipprovdu b'mod effettiv opportunitajiet, irawmu l-iżvilupp tal-ħiliet, u jtejbu l-inklużjoni soċjali fost ir-reġjuni kollha;

Or. en

Emenda 290
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi stimi speċifiċi għall-pajjiż tal-kost fiskali u tal-effetti makroekonomiċi tal-investimenti soċjali rakkomandati qabel ma toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż vinkolanti;

Or. en

Emenda 291
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jenfasizza l-ħtieġa ta' sistemi tat-taxxa ġusti, progressivi u effiċjenti bħala komponent ewlieni ta' politiki fiskali sostenibbli u bbilanċjati soċjalment; jisħaq li r-riformi tat-taxxa għandhom inaqqsu l-ugwaljanzi, jipproteġu lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju u jiżguraw li t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jiġu ffinanzjati b'mod soċjalment ġust; jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw l-evitar tat-taxxa, l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u l-frodi tat-

taxxa; jitlob passi kkoordinati biex tiġi żgurata t-tassazzjoni ġusta ta' intrapriżi multinazzjonali kbar, inklużi mudelli kummerċjali diġitali; jisħaq li l-infiq pubbliku jista' jintuża biex jgħin jindirizza l-isfidi fiskali tal-Istati Membri, kif ukoll jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà fit-tul tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali, jappoġġja l-investiment pubbliku u r-reżiljenza soċjali u jiżgura distribuzzjoni aktar ekwa tal-ġid;

Or. en

Emenda 292
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri javvanzaw il-prinċipji komuni u l-prattiki tajbin minimi għal tassazzjoni progressiva u ġusta, inkluża t-tassazzjoni bbilanċjata ta' introjti għoljin, il-gwadanji kapitali, il-ġid u l-profitti kbar, u l-użu ta' taxxi relatati ambjentalment imfassla b'mod soċjalment ġust, filwaqt li jevitaw bidliet rigressivi fit-taxxa li jimminaw id-drittijiet soċjali; jissottolinja li s-sistemi tat-taxxa għandhom jappoġġjaw impjiegi ta' kwalità b'mod speċjali għall-ħaddiema b'paga baxxa mingħajr ma joħolqu diżinċentivi għal tranżizzjonijiet f'impjiegi b'paga aħjar, u għandhom jikkontribwixxu biex inaqqsu l-inugwaljanza fl-introjtu u l-faqar fost min għandu xogħol;

Or. en

Emenda 293
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jitlob lill-Kummissjoni tinkludi fir-rapporti tal-pajjiż valutazzjoni tal-proporzjonalità u tal-kostijiet amministrattivi tar-riformi proposti u tqis alternattivi ta' anqas piż meta jkunu disponibbli;

Or. en

Emenda 294
Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jappoġġja proċess ta' Semestru Ewropew aktar demokratiku, bil-Parlament involut b'mod qawwi biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet tal-politika ekonomika u biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' governanza ekonomika; jinsisti fuq l-involviment sistematiku tas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-atturi reġjonali u lokali fil-proċess tas-Semestru Ewropew;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 295
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jappoġġja proċess ta' Semestru Ewropew aktar demokratiku, bil-Parlament involut b'mod qawwi biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet tal-politika ekonomika u biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' governanza ekonomika; jinsisti fuq l-involviment sistematiku tas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-atturi reġjonali u lokali fil-proċess tas-Semestru Ewropew;	***imħassar***

Or. en

Emenda 296
Pál Szekeres, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jappoġġja proċess ta' Semestru Ewropew aktar demokratiku, bil-Parlament involut b'mod qawwi biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet tal-politika ekonomika u biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' governanza ekonomika; jinsisti fuq l-involviment sistematiku tas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-atturi reġjonali u lokali fil-proċess tas-Semestru Ewropew;	***imħassar***

Or. en

Emenda 297
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jappoġġja proċess ta' Semestru	11. Jappoġġja proċess ta' Semestru

Ewropew aktar demokratiku, bil-Parlament involut b'mod qawwi biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet tal-politika ekonomika u biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' governanza ekonomika; jinsisti fuq l-involviment sistematiku tas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-atturi reġjonali u lokali fil-proċess tas-Semestru Ewropew;	Ewropew aktar demokratiku, bil-Parlament involut b'mod qawwi biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet tal-politika ekonomika u biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' governanza ekonomika; ***jinsisti li l-Parlament Ewropew jeħtieġlu jkun involut b'mod sinifikattiv qabel ma jiġu adottati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, sabiex jissaħħu r-responsabbiltà domokratika u t-trasparenza fil-governanza ekonomika tal-UE;*** jinsisti fuq l-involviment sistematiku tas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-atturi reġjonali u lokali fil-proċess tas-Semestru Ewropew;

Or. en

Emenda 298
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jappoġġja proċess ta' Semestru Ewropew aktar demokratiku, bil-Parlament involut b'mod qawwi biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet tal-politika ekonomika u biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' governanza ekonomika; jinsisti fuq l-involviment sistematiku tas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-atturi reġjonali u lokali fil-proċess tas-Semestru Ewropew;	11. Jappoġġja proċess ta' Semestru Ewropew aktar demokratiku, bil-Parlament involut b'mod qawwi biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet tal-politika ekonomika u biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' governanza ekonomika; jinsisti fuq l-involviment sistematiku tas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-atturi reġjonali u lokali fil-proċess tas-Semestru Ewropew; ***jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Kunsill jiżguraw involviment xieraq u aktar b'saħħtu tas-sħab soċjali fl-istadji differenti tal-analiżijiet fil-qafas ta' konverġenza soċjali;***

Or. en

Emenda 299
Nela Riehl
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jappoġġja proċess ta' Semestru Ewropew aktar demokratiku, bil-Parlament involut b'mod qawwi biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet tal-politika ekonomika u biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' governanza ekonomika; jinsisti ***fuq l-involviment sistematiku tas-sħab*** soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-atturi reġjonali u lokali fil-proċess tas-Semestru ***Ewropew***;	11. Jappoġġja proċess ta' Semestru Ewropew aktar demokratiku, bil-Parlament involut b'mod qawwi biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet tal-politika ekonomika u biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' governanza ekonomika; jinsisti ***li l-abbozzar, in-negozjar, il-monitoraġġ u s-segwitu tar-riformi nazzjonali jridu jinvolvu b'mod sistematiku s-sħab*** soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-atturi reġjonali u lokali fil-proċess tas-Semestru***, bi żmien xieraq, trasparenza u rwoli istituzzjonalizzati***;

Or. en

Emenda 300
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jappoġġja proċess ta' Semestru Ewropew aktar demokratiku, bil-Parlament involut b'mod qawwi biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet tal-politika ekonomika u biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' governanza ekonomika; jinsisti fuq l-involviment sistematiku tas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-atturi reġjonali u lokali fil-proċess tas-Semestru Ewropew;	11. Jappoġġja proċess ta' Semestru Ewropew aktar demokratiku, bil-Parlament involut b'mod qawwi biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet tal-politika ekonomika u biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' governanza ekonomika; jinsisti fuq l-involviment sistematiku tas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-atturi reġjonali u lokali fil-proċess tas-Semestru Ewropew; ***iħeġġeġ involviment sinifikattiv tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tar-rappreżentanti tal-SMEs flimkien mat-trade unions;***

Or. en

Emenda 301
Pál Szekeres, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jappoġġja proċess ta' Semestru Ewropew aktar ***demokratiku, bil-Parlament involut b'mod qawwi biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet*** tal-politika ekonomika ***u biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' governanza*** ekonomika***; jinsisti fuq l-involviment sistematiku tas-sħab*** soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-atturi reġjonali u lokali ***fil-proċess tas-Semestru Ewropew***;	11. Jappoġġja proċess ta' Semestru Ewropew aktar ***inklużiv, li jħeġġeġ lill-Parlament jipprovdi input dwar il-prijoritajiet*** tal-politika ekonomika ***u l-governanza*** ekonomika***, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ il-kompetenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Istati Membri; jissottolinja l-valur li jiġu involuti s-sħab*** soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-atturi reġjonali u lokali ***fejn xieraq, filwaqt li jitqiesu l-istrutturi u l-prattiki nazzjonali***;

Or. en

Emenda 302
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jappoġġja proċess ta' Semestru Ewropew aktar demokratiku, bil-Parlament involut b'mod qawwi biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet tal-politika ekonomika ***u biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' governanza ekonomika***; jinsisti fuq l-involviment sistematiku tas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-atturi reġjonali u lokali fil-proċess tas-Semestru Ewropew;	11. Jappoġġja proċess ta' Semestru Ewropew aktar demokratiku, bil-Parlament involut b'mod qawwi biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet tal-politika ekonomika ***u soċjali***; jinsisti fuq l-involviment sistematiku tas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-atturi reġjonali u lokali fil-proċess tas-Semestru Ewropew***, mhux l-anqas biex tissaħħaħ is-sjieda tiegħu u biex jiġi żgurat li d-drittijiet soċjali tal-UE jkunu realtà fil-prattika***;

Or. en

Emenda 303
Idoia Mendia, Estelle Ceulemans, Marit Maij, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Gabriele Bischoff, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11 a. Jiġbed l-attenzjoni għan-nuqqas ta' metodoloġija trasparenti u traċċabbli għat-tfassil u l-għażla ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs), kif ukoll għan-nuqqas ta' ċarezza rigward il-kriterji użati biex jiġi ddeterminat liema rakkomandazzjonijiet huma proposti; jesprimi bi tħassib li din is-sitwazzjoni timmina l-obbligu ta' rendikont u tista' tipperikola t-trattament ugwali tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi trasparenza sħiħa dwar il-proċeduri sottostanti u l-kriterji tal-għażla, biex tistabbilixxi l-proċess intern tat-teħid ta' deċiżjonijiet, inkluż biex tindika d-Direttorati Ġenerali involuti, u biex tgħaddi din l-informazzjoni lill-Parlament; jissottolinja li kwalunkwe żieda fis-setgħat diskrezzjonali tal-Kummissjoni trid tkun akkumpanjata minn mekkaniżmi msaħħa tal-obbligu ta' rendikont u titjib sinifikanti fil-fluss tal-informazzjoni lill-Parlament Ewropew;

Or. en

Emenda 304
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11 a. Huwa mħasseb li l-konformità mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għadha baxxa b'mod persistenti; jistieden lill-Istati Membri, fl-ambitu tal-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika u l-objettiv tiegħu li jsaħħaħ is-sjieda nazzjonali, jindirizzaw aħjar ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-qasam tal-impjiegi u l-politiki soċjali fis-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ id-djalogi tagħha mal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet eżistenti u tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi kif ukoll dwar l-azzjoni politika attwali jew futura biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati;

Or. en

Emenda 305
Pál Szekeres, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jappoġġja approċċ aktar inklużiv għall-politika ekonomika u l-governanza, u jħeġġeġ l-użu ta' inputs ibbilanċjata u bbażati fuq l-evidenza filwaqt li tiġi rrispettata bis-sħiħ il-kompetenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Istati Membri; jissottolinja l-valur li jiġu involuti s-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-atturi reġjonali u lokali fejn ikun xieraq, filwaqt li jitqiesu l-istrutturi u l-prattiki nazzjonali;

Or. en

Emenda 306

Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***11a. Jenfasizza li r-rispett għall-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-kompetenza nazzjonali jibqa' ċentrali għas-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni tevita miżuri preskrittivi li jirrestringu bla bżonn l-għażliet ta' politika;**

Or. en

Emenda 307
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***11b. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' data f'waqtha u armonizzata dwar il-politiki soċjali biex jittejbu t-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza u l-investimenti soċjali mmirati; jitlob li jsir titjib fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali sabiex jiġu koperti l-20 prinċipju tal-EPSR billi jiġu introdotti indikaturi bħall-impjiegi ta' kwalità, l-aċċess għas-servizzi pubbliċi, il-kopertura tas-servizzi soċjali, il-pensjonijiet adegwati, is-saħħa mentali u d-diskriminazzjoni;**

Or. en

Emenda 308
Hristo Petrov, Irena Joveva, Jana Toom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11c. Ifakkar li l-indikatur tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) jonqos milli jinkludi l-kawżi ewlenin tal-faqar, b'mod partikolari l-inklużjoni ta' persuni li jgħixu barra mill-unitajiet domestiċi privati, l-aspetti kwalitattivi tal-faqar u l-esperjenzi li għexu ta' marġinalizzazzjoni; jissottolinja li l-faqar jestendi lil hinn minn introjtu insuffiċjenti jew privazzjoni materjali; jistieden lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali jaħdem mal-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar it-tiġdid tal-miżura statistika AROPE sabiex din tespandi lejn viżjoni aktar b'saħħitha, diżaggregata u aktar multidimensjonali tal-faqar u l-esklużjoni soċjali;
	Or. en